// Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 352

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 59

23 ta' Diċembru 2016

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

DIRETTIVI

★ **Direttiva (UE) 2016/2370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Direttiva 2012/34/UE fir-rigward tal-ftuħ tas-suq tas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja** (1) ..... 1

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni (UE) 2016/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li tipprevedi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan** ..... 18

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2372 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jiffissal-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed** 26

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2373 tat-22 ta' Diċembru 2016 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1127** ..... 31

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2374 tat-12 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd bit-tkarkir tal-qiegħ fl-ilmijiet tal-Lbiċ** ..... 33

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2375 tat-12 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral** ..... 39

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2376 tat-13 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi pjan għall-iskart tal-mollusk bivalv *Venus* spp. fl-ilmijiet territorjali tal-Italja** ..... 48

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2377 tal-14 ta' Ottubru 2016 li jemenda Regolament Delegat (UE) Nru 1394/2014 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd pelaġiku fl-ilmijiet tal-Lbiċ** ..... 50

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2378 tal-21 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fl-oqsma tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd** ..... 52

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2379 tat-22 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 55

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/2380 tat-13 ta' Diċembru 2016 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) (EUMM GEORGIA/1/2016)** ..... 57

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/2381 tal-14 ta' Diċembru 2016 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/2/2016)** ..... 59

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2382 tal-21 ta' Diċembru 2016 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/189/PESK** ..... 60

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2383 tal-21 ta' Diċembru 2016 dwar l-appoġġ mill-Unjoni għall-attivitajiet tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika fl-oqsma tas-sigurtà nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva** ..... 74

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2384 tat-22 ta' Diċembru 2016 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1136** ..... 92

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA (UE) 2016/2370 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-14 ta' Diċembru 2016**

**li temenda d-Direttiva 2012/34/UE fir-rigward tal-ftuħ tas-suq tas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea b'regoli komuni dwar il-governanza ta' impriżi ferrovjarji u maniġers tal-infrastruttura, dwar il-finanzjament tal-infrastruttura u t-tariffi, dwar kundizzjonijiet ta' aċċess għall-infrastruttura u s-servizzi ferrovjarji, u dwar is-sorveljanza regolatorja tas-suq ferrovjarju. Jenħtieġ li t-tlestija taż-żona ferrovjarja unika Ewropea tinkiseb billi jiġi estiż il-prinċipju ta' aċċess miftuħ għas-swieq ferrovjarji domestiċi u billi tiġi riformata l-governanza ta' maniġers tal-infrastruttura bil-għan li jiġi żgurat aċċess ugwali għall-infrastruttura.

(2) Iż-żieda fit-traffiku tal-passiġġieri bil-ferrovija ma laħħqitx mal-evoluzzjoni ta' modi oħra ta' trasport. Jenħtieġ li t-tlestija taż-żona ferrovjarja unika Ewropea tikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri tat-trasport ferrovjarju bħala alternattiva kredibbli għal modi oħra ta' trasport. F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li l-leġislazzjoni li tistabbilixxi ż-żona ferrovjarja unika Ewropea tiġi applikata b'mod effettiv fil-limiti ta' żmien preskritti.

([1]) ĠU C 327,12.11.2013, p. 122.
([2]) ĠU C 356, 5.12.2013, p. 92.
([3]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Frar 2014 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u l-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tas-17 ta' Ottubru 2016 ĠU C 431, 22.11.2016, p. 1). Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

(3) Is-swieq tal-Unjoni tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u s-servizzi tat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri nfetħu għall-kompetizzjoni mill-2007 u l-2010 rispettivament, f'konformità mad-Direttiva 2004/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u mad-Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Barra minn hekk, xi Stati Membri fetħu wkoll is-servizzi domestiċi tal-passiġġieri tagħhom għall-kompetizzjoni, billi introduċew drittijiet ta' aċċess miftuħ, permezz ta' sejħiet għal offerti kompetittivi għal kuntratti pubbliċi għal servizzi, jew it-tnejn f'daqqa. Jenħtieġ li ftuħ bħal dan tas-suq ikollu impatt pożittiv fuq il-funzjonament taż-żona ferrovjarja unika Ewropea, li jwassal għal servizzi aħjar għall-utenti.

(4) Jenħtieġ li l-eżenzjonijiet speċifiċi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/34/UE jippermettu lill-Istati Membri jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tal-istruttura u l-organizzazzjoni tas-sistemi ferrovjarji fit-territorju tagħhom, filwaqt li jiżguraw l-integrità taż-żona ferrovjarja unika Ewropea.

(5) L-operat ta' infrastruttura ferrovjarja fuq netwerk jinkludi l-kontroll tal-kmand u s-sinjalazzjoni. Sakemm il-linja tkun għadha qed taħdem, jenħtieġ li l-maniġer tal-infrastruttura jiżgura b'mod partikolari li l-infrastruttura tkun adegwata għall-użu intenzjonat tagħha.

(6) Sabiex jiġi stabbilit jekk jenħtieġx li impriża titqies integrata vertikalment, jenħtieġ li jiġi applikat il-kunċett ta' kontroll skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([3]). Fejn maniġer tal-infrastruttura u impriża ferrovjarja jkunu kompletament indipendenti minn xulxin, iżda t-tnejn ikunu ikkontrollati direttament mill-Istat mingħajr entità intermedjarja, jenħtieġ li dawn jitqiesu separati. Ministeru tal-Gvern li jeżerċita kontroll fuq impriża ferrovjarja kif ukoll maniġer tal-infrastruttura ma għandux jitqies bħala entità intermedjarja.

(7) Din id-Direttiva tintroduċi aktar rekwiżiti biex tiġi żgurata l-indipendenza tal-maniġer tal-infrastruttura. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu liberi li jagħżlu bejn il-mudelli ta' organizzazzjoni differenti, li jvarjaw minn separazzjoni strutturali sħiħa għal integrazzjoni vertikali, soġġetti għal salvagwardji adegwati biex tiġi żgurata l-imparzjalità tal-maniġer tal-infrastruttura fir-rigward tal-funzjonijiet essenzjali, il-ġestjoni tat-traffiku u l-ippjanar tal-manutenzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri, skont il-limiti tal-oqfsa stabbiliti tal-imposti u l-allokazzjoni, jiżguraw li l-maniġer tal-infrastruttura jkollu indipendenza organizzattiva u fit-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-funzjonijiet essenzjali.

(8) Jenħtieġ li s-salvagwardji japplikaw f'impriżi vertikalment integrati biex jiġi żgurat li entitajiet legali oħra f'dawk l-impriżi ma jkollhomx influwenza deċiżiva fuq il-ħatriet u t-tkeċċijiet ta' persuni inkarigati milli jieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-funzjonijiet essenzjali. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jeżistu proċeduri ta' lment.

(9) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu qafas nazzjonali għall-valutazzjoni tal-kunflitt ta' interessi. Fi ħdan dan il-qafas, jenħtieġ li l-korp regolatorju jqis kwalunkwe interessi personali finanzjarju, ekonomiku jew professjonali li jista' jinfluwenza b'mod mhux xieraq l-imparzjalità tal-maniġer tal-infrastruttura. Meta maniġer tal-infrastruttura u impriża ferrovjarja jkunu indipendenti minn xulxin il-fatt li huma kkontrollati direttament mill-istess awtorità ta' Stat Membru mhux mistenni li jitqies li jagħti lok għal konflitt ta' interess fi ħdan it-tifsira ta' din id-Direttiva.

(10) It-teħid tad-deċiżjonijiet mill-maniġers tal-infrastruttura fir-rigward tal-allokazzjoni tal-mogħdijiet tal-ferrovija u t-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-imposti tal-infrastruttura huma funzjonijiet essenzjali li huma vitali biex jiġi żgurat aċċess ekwu u nondiskriminatorju għall-infrastruttura ferrovjarja. Jenħtieġ li jkun hemm salvagwardji stretti biex tiġi evitata kull influwenza bla bżonn fuq id-deċiżjonijiet li jieħu l-maniġer tal-infrastruttura relatati ma' funzjonijiet bħal dawn. Jenħtieġ li dawk is-salvagwardji jkunu adattati biex jieħdu kont tal-istrutturi ta' governanza differenti tal-entitajiet ferrovjarji.

(11) Jenħtieġ li jittieħdu wkoll miżuri adatti biex jiġi żgurat li l-funzjonijiet tal-ġestjoni tat-traffiku u l-ippjanar tal-manutenzjoni jiġu eżerċitati b'mod imparzjali biex tiġi evitata kull distorsjoni tal-kompetizzjoni. F'dan il-qafas, jenħtieġ li l-maniġers tal-infrastruttura jiżguraw li l-impriżi ferrovjarji jkollhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti. F'dan il-kuntest, meta l-impriżi ferrovjarji jkunu ngħataw aċċess ulterjuri għall-proċess tal-ġestjoni tat-traffiku mill-maniġers tal-infrastruttura, jenħtieġ li aċċess bħal dan jingħata b'termini ugwali lill-impriżi ferrovjarji kkonċernati kollha.

---

([1]) Id-Direttiva 2004/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 164).

([2]) Id-Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u d-Direttiva 2001/14/KE dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 44).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

(12) Meta l-funzjonijiet essenzjali jitwettqu minn korp indipendenti li jimponi tariffi u/jew korp indipendenti tal-allokazzjoni, jenħtieġ li tiġi żgurata l-imparzjalità tal-maniġer tal-infrastruttura fir-rigward tal-funzjonijiet tal-ġestjoni tat-traffiku u l-manutenzjoni, mingħajr il-ħtieġa li dawn il-funzjonijiet jiġu ttrasferiti lil entità indipendenti.

(13) Jenħtieġ li l-korpi regolatorji jkollhom is-setgħa li jissorveljaw il-ġestjoni tat-traffiku, l-ippjanar tat-tiġdid, kif ukoll xogħlijiet ta' manutenzjoni skedati u mhux skedati, sabiex jiżguraw li ma jwasslux għal diskriminazzjoni.

(14) Jenħtieġ li l-Istati Membri, bħala regola ġenerali, jiżguraw li l-maniġer tal-infrastruttura jkun responsabbli għall-operazzjoni, il-manutenzjoni u t-tiġdid ta' netwerk u li jiġi inkarigat bl-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja ta' dak in-netwerk. Meta dawk il-funzjonijiet ikunu esternalizzati għand entitajiet differenti, il-maniġer tal-infrastruttura jenħtieġ li, madankollu, iżomm is-setgħa superviżorja u jkollu r-responsabbiltà aħħarija għall-eżerċizzju tagħhom.

(15) Il-maniġers tal-infrastruttura li huma parti minn impriża integrata vertikalment jistgħu jesternalizzaw f'dik l-impriża l-funzjonijiet li mhumiex funzjonijiet essenzjali soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, dment li dan ma jirriżultax f'kunflitt ta' interess u li tkun garantita l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva. Jenħtieġ li l-funzjonijiet essenzjali ma jiġux esternalizzati lil ebda entità oħra tal-impriża integrata vertikalment, ħlief jekk entità bħal din twettaq esklużivament funzjonijiet essenzjali.

(16) Fejn adegwat, b'mod partikolari għal raġunijiet ta' effiċjenza, inkluż f'każijiet ta' sħubiji pubbliċi-privati, il-funzjonijiet tal-ġestjoni tal-infrastruttura jistgħu jiġu kondiviżi bejn maniġers differenti tal-infrastruttura. Jenħtieġ li l-maniġers tal-infrastruttura kollha jkollhom ir-responsabbiltà sħiħa għall-funzjonijiet li huma jeżerċitaw.

(17) Jenħtieġ li jiġu evitati t-trasferimenti finanzjarji bejn il-maniġer tal-infrastruttura u l-impriżi ferrovjarji, u f'impriżi integrati vertikalment bejn il-maniġer tal-infrastruttura u kull entità legali oħra tal-impriża integrata, fejn dawn jistgħu jwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq, b'mod partikolari bħala riżultat ta' sussidjar reċiproku.

(18) Il-maniġers tal-infrastruttura jistgħu jużaw introjtu minn attivitajiet tal-ġestjoni tan-netwerk tal-infrastruttura li jinvolvu l-użu ta' fondi pubbliċi, biex jiffinanzjaw in-negozju tagħhom stess jew biex iħallsu dividendi lill-investituri tagħhom, bħala redditu fuq l-investimenti tagħhom fl-infrastruttura ferrovjarja. Investituri bħal dawn jistgħu jinkludu lill-Istat u kwalunkwe azzjonist privat, iżda ma jistgħux jinkludu impriżi li huma parti minn impriża integrata vertikalment u li jeżerċitaw kontroll fuq kemm impriża ferrovjarja kif ukoll fuq dak il-maniġer tal-infrastruttura. Dividendi ġġenerati minn attivitajiet li ma jinvolvux l-użu ta' fondi pubbliċi jew dħul minn tariffi għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja jistgħu jintużaw ukoll minn impriżi li huma parti minn impriża integrata vertikalment u li jeżerċitaw kontroll kemm fuq impriża ferrovjarja kif ukoll fuq dak il-maniġer tal-infrastruttura.

(19) Il-prinċipji tal-imposti ma għandhomx jipprekludu l-possibbiltà li d-dħul mill-imposti tal-infrastruttura jgħaddi għal kontijiet tal-Istat.

(20) Fejn f'impriża integrata vertikalment il-maniġer tal-infrastruttura ma jkollux personalità ġuridika distinta u l-funzjonijiet essenzjali jkunu esternalizzati billi jiġu assenjati lil korp indipendenti li jimponi tariffi u/jew korp indipendenti tal-allokazzjoni, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti rigward it-trasparenza finanzjarja u l-indipendenza tal-maniġer tal-infrastruttura japplikaw *mutatis mutandis* fil-livell ta' ċerti diviżjonijiet fi ħdan l-impriża.

(21) Sabiex jinkisbu ġestjoni effiċjenti tan-netwerk u użu effiċjenti tal-infrastruttura, jenħtieġ li tiġi żgurata koordinazzjoni aħjar bejn il-maniġers tal-infrastruttura u l-impriżi ferrovjarji permezz tal-użu ta' mekkaniżmi adatti ta' koordinazzjoni.

(22) Bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-forniment effiċjenti u effettiv ta' servizzi ferrovjarji fl-Unjoni, jenħtieġ li jiġi stabbilit Netwerk Ewropew ta' Maniġers tal-Infrastruttura, li jibbaża fuq pjattaformi eżistenti. Bil-għan li jipparteċipaw f'dan in-netwerk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu liberi li jiddeterminaw liema korp jew korpi għandhom jiġu kkunsidrati bħala l-maniġers tal-infrastruttura ewlenin tagħhom.

(23) Minħabba l-eteroġeneità tan-netwerks f'termini tad-daqs u d-densità tagħhom u l-varjetà tal-istrutturi organizzattivi tal-awtoritajiet nazzjonali, lokali u reġjonali u l-esperjenzi rispettivi tagħhom tal-proċess tal-ftuħ tas-suq, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom biżżejjed flessibbiltà sabiex jorganizzaw in-netwerk ferrovjarja tagħhom b'tali mod li jkunu jistgħu jingħataw servizzi ta' aċċess miftuħ u servizzi fil-qafas ta' kuntratti pubbliċi għal servizzi, sabiex tiġi żgurata kwalità għolja ta' servizzi disponibbli faċilment għall-passiġġieri kollha.

(24) L-għoti tad-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja fl-Istati Membri kollha lill-impriżi ferrovjarji tal-Unjoni sabiex joperaw servizzi domestiċi għall-passiġġieri jista' jkollu implikazzjonijiet għall-organizzazzjoni u l-finanzjament ta' servizzi ferrovjarji għall-passiġġieri pprovduti fil-qafas ta' kuntratt pubbliku għal servizzi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jillimitaw dritt ta' aċċess bħal dan f'każ li jikkompromettu l-ekwilibriju ekonomiku ta' dawk il-kuntratti pubbliċi għal servizzi abbażi ta' deċiżjoni mill-korp regolatorju rilevanti.

(25) Id-dritt li impriżi ferrovjarji jingħataw aċċess għall-infrastruttura ma jaffettwax il-possibbiltà li awtorità kompetenti tagħti drittijiet esklużivi f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jew li tagħti kuntratt pubbliku għal servizzi direttament bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li l-eżistenza ta' tali kuntratt pubbliku għal servizzi ma tagħtix id-dritt lil Stat Membru li jillimita d-dritt ta' aċċess ta' impriżi ferrovjarji oħra għall-infrastruttura ferrovjarja kkonċernata għall-forniment ta' servizzi ferrovjarji għall-passiġġieri, sakemm tali servizzi ma jikkompromettix l-ekwilibriju ekonomiku tal-kuntratt pubbliku għal servizzi.

(26) Jenħtieġ li l-korpi regolatorji jivvalutaw, abbażi ta' analiżi ekonomika oġġettiva, jekk l-ekwilibriju ekonomiku tal-kuntratti pubbliċi għal servizzi eżistenti jitpoġġewx f'perikolu, wara talba li ssir mill-partijiet interessati.

(27) Jenħtieġ li l-proċess tal-valutazzjoni jqis il-ħtieġa li l-atturi kollha fis-suq jingħataw biżżejjed ċertezza legali sabiex jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom. Jenħtieġ li l-proċedura tkun sempliċi, effiċjenti u trasparenti kemm jista' jkun, kif ukoll koerenti mal-proċess għall-allokazzjoni ta' kapaċità tal-infrastruttura.

(28) Dment li jiġi żgurat aċċess nondiskriminatorju, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu kundizzjonijiet speċifiċi għad-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura sabiex jippermettu l-implimentazzjoni ta' skema ta' skeda taż-żmien integrata għal servizzi ferrovjarji domestiċi tal-passiġġieri.

(29) L-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja u t-titjib fil-kwalità tas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri huma prijoritajiet ewlenin fil-promozzjoni ta' sistema sostenibbli tat-trasport u mobbiltà fl-Ewropa. B'mod partikolari, l-iżvilupp ta' netwerk ferrovjarju b'veloċità għolja għandu l-potenzjal li joħloq konnessjonijiet aħjar u aktar rapidi bejn iċ-ċentri ekonomiċi u kulturali tal-Ewropa. Is-servizzi ferrovjarji b'veloċità għolja jgħaqqdu lin-nies u s-swieq b'mod rapidu, affidabbli, li jirrispetta l-ambjent u kosteffettiv u jinkoraġġixxu lill-passiġġieri biex jibdew jużaw il-ferrovija. Huwa għalhekk ta' importanza partikolari li jiġu inkoraġġuti kemm investimenti pubbliċi kif ukoll privati fl-infrastruttura ferrovjarja b'veloċità għolja, biex jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għal redditu pożittiv fuq l-investiment, u li jiġu massimizzati l-benefiċċji ekonomiċi u soċjali minn dawn l-investimenti. Jenħtieġ li jibqa' possibbli li l-Istati Membri jagħżlu modi differenti ta' promozzjoni għall-investimenti f'infrastruttura ferrovjarja b'veloċità għolja u l-użu ta' linji b'veloċità għolja.

(30) Bil-ħsieb li jiġi żviluppat is-suq tas-servizzi tat-trasport għall-passiġġieri b'veloċità għolja, li ssir promozzjoni tal-aħjar użu tal-infrastruttura disponibbli, u sabiex titheġġeġ il-kompetittività tas-servizzi tat-trasport għall-passiġġieri b'veloċità għolja li jirriżulta f'effetti ta' benefiċċju għall-passiġġieri, jenħtieġ li l-aċċess miftuħ għal servizzi tat-trasport għall-passiġġieri b'veloċità għolja jkun limitat biss f'ċirkostanzi speċifiċi u wara analiżi ekonomika oġġettiva mill-korp regolatorju.

(31) Sabiex il-passiġġieri jkollhom aċċess għad-data meħtieġa biex jippjanaw il-vjaġġi tagħhom u jirriżervaw il-biljetti fl-Unjoni, jenħtieġ li jiġu promossi sistemi komuni ta' informazzjoni u ta' bejgħ tal-biljetti globali li ġew żviluppati mis-suq. Minħabba l-importanza li jiġu promossi sistemi tat-trasport pubbliku bla xkiel, jenħtieġ li l-impriżi ferrovjarji jkunu mħeġġa jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' sistemi bħal dawn, li jippermettu li jiġu inklużi għażliet ta' mobbiltà multimodali, transkonfinali u minn bieb għal bieb.

(32) Jenħtieġ li s-sistemi tal-biljetti globali jkunu interoperabbli u nondiskriminatorji. Jenħtieġ li l-impriżi ferrovjarji jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' tali sistemi billi jagħmlu disponibbli b'mod nondiskriminatorju u f'format interoperabbli d-data rilevanti kollha meħtieġa biex jippjanaw il-vjaġġi u jirriżervaw il-biljetti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li sistemi bħal dawn ma jiddiskriminawx bejn l-impriżi ferrovjarji u li jirrispettaw il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjali, il-protezzjoni tad-data personali u l-konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tissorvelja u tirrapporta dwar l-iżvilupp ta' sistemi bħal dawn u, fejn xieraq, tippreżenta proposti leġiżlattivi.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).

(33) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-forniment ta' servizzi ferrovjarji jirrifletti l-ħtiġijiet marbuta mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, waqt li jiżguraw progress tajjeb lejn it-tlestija taż-żona ferrovjarja unika Ewropea. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jiġu rrispettati l-obbligi li jirriżultaw skont il-liġi nazzjonali minn ftehimiet kollettivi vinkolanti jew ftehimiet konklużi bejn is-sħab soċjali u l-istandards soċjali rilevanti. Jenħtieġ li dawk l-obbligi jkunu mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-liġi soċjali u tax-xogħol. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tappoġġa b'mod attiv l-ħidma mwettqa mid-djalogu soċjali settorjali dwar il-ferroviji.

(34) Fil-qafas tar-rieżami li għaddej tad-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk humiex meħtieġa atti leġiżlattivi ġodda dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-persunal abbord il-ferroviji.

(35) L-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jiddeċiedu dwar l-istrateġiji ta' finanzjament adatti biex jaċċelleraw it-tnedija tas-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji (ETCS), u b'mod partikolari jekk japplikawx differenzjazzjoni għall-imposti għall-aċċess tal-binarji.

(36) Jenħtieġ li l-maniġers tal-infrastruttura jikkooperaw fir-rigward ta' inċidenti jew aċċidenti b'impatt fuq it-traffiku transkonfinali bil-għan li jiskambjaw kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tippermetti li jerġa' jkun hemm traffiku normali bla xkiel.

(37) Bil-għan li jinkisbu l-objettivi taż-żona ferrovjarja unika Ewropea, jenħtieġ li l-korpi regolatorji jikkooperaw biex jiżguraw aċċess nondiskriminatorju għall-infrastruttura ferrovjarja.

(38) B'mod partikolari, huwa essenzjali li l-korpi regolatorji jikkooperaw meta kwistjonijiet dwar is-servizzi ferrovjarji internazzjonali jew l-infrastruttura ferrovjarja binazzjonali jeħtieġu deċiżjonijiet minn żewġ korpi regolatorji jew aktar, għall-fini tal-koordinazzjoni tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, bil-għan li tiġi evitata l-inċertezza legali u tiġi żgurata l-effiċjenza tas-servizzi ferrovjarji internazzjonali.

(39) Fil-proċess tal-ftuħ tas-swieq ferrovjarji nazzjonali għall-kompetizzjoni bl-għoti tal-aċċess għan-netwerks lil kull impriża ferrovjarja, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom perijodu ta' tranżizzjoni twil biżżejjed biex jadattaw il-liġijiet nazzjonali u l-istrutturi organizzattivi tagħhom. Bħala konsegwenza, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu r-regoli nazzjonali eżistenti tagħhom dwar l-aċċess għas-suq sa tmiem il-perijodu tranżitorju.

(40) Skont id-Dikjarazzjoni tal-Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjoni ([2]), l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri tat-traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti tat-traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trasmissjoni ta' dokumenti bħal dawn hija ġġustifikata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2012/34/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri jistgħu jeskludu dawn li ġejjin mill-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 7a, 7b, 7c, 7d, 8 u 13 u l-Kapitolu IV:";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"3a. L-Istati Membri jistgħu jeskludu dawn li ġejjin mill-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 7a, 7b, 7c, 7d u 8:

Linji lokali b'livell baxx ta' traffiku ta' tul ta' mhux aktar minn 100 km li jintużaw għat-traffiku tal-merkanzija bejn linja prinċipali u l-punti tat-tluq u d-destinazzjoni ta' kunsinni tul dawk il-linji, sakemm dawk il-linji jkunu ġestiti minn entitajiet għajr il-maniġer tal-infrastruttura prinċipali u li jew (a) dawk il-linji jintużaw minn operatur ta' merkanzija wieħed jew (b) il-funzjonijiet essenzjali rigward dawk il-linji jitwettqu minn korp li mhuwiex ikkontrollat minn kwalunkwe impriża ferrovjarja. Fejn ikun hemm operatur tal-merkanzija wieħed biss, l-Istati Membri jistgħu wkoll jeżentaw il-linja mill-applikazzjoni tal-Kapitolu IV sa dak iż-żmien li tintalab

([1]) Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).
([2]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

il-kapaċità minn applikant ieħor. Dan il-paragrafu jista' ugwalment jiġi applikat fejn il-linja tintuża wkoll, b'mod limitat, għal servizzi tal-passiġġieri. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jeskludu tali linji mill-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 7a, 7b, 7c, 7d u 8.

3b. L-Istati Membri jistgħu jeskludu dawn li ġejjin mill-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 7a, 7b, 7c u 7d:

Netwerks reġjonali b'livell baxx ta' traffiku ġestiti minn entità oħra għajr il-maniġer tal-infrastruttura prinċipali u li jintużaw għall-operazzjoni ta' servizzi reġjonali tal-passiġġieri, ipprovduti minn impriża ferrovjarja waħda għajr l-impriża ferrovjarja stabbilita tal-Istat Membru, sa dak iż-żmien li tintalab il-kapaċità għal servizzi tal-passiġġieri fuq dak in-netwerk, u sakemm l-impriża tkun indipendenti minn kwalunkwe impriża ferrovjarja li topera servizzi tal-merkanzija. Dan il-paragrafu jista' ugwalment jiġi applikat fejn il-linja tintuża wkoll, b'mod limitat, għal servizzi tal-merkanzija. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jeskludu tali linji mill-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 7a, 7b, 7c u 7d.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jeskludu l-infrastrutturi ferrovjarji lokali u reġjonali li ma għandhomx importanza strateġika għall-funzjonament tas-suq ferrovjarju mill-applikazzjoni tal-Artikolu 8(3) u l-infrastrutturi ferrovjarji lokali li ma għandhomx importanza strateġika għall-funzjonament tas-suq ferrovjarju mill-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 7a, 7c u l-Kapitolu IV. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jeskludu infrastrutturi ferrovjarji bħal dawn. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu d-deċiżjoni tagħha jekk tali infrastruttura ferrovjarja tistax titqies li tkun mingħajr importanza strateġika. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra t-tul tal-linji ferrovjarji kkonċernati, il-livell tal-użu tagħhom u l-impatt potenzjali fuq il-volum tat-traffiku. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 62(2).";

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"8a. Għal perijodu ta' 10 snin wara l-24 ta' Diċembru 2016, l-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-applikazzjoni tal-Kapitoli II u IV ta' din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 10, 13 u 56, linji ferrovjarji iżolati ta' anqas minn 500 km, b'wisa' bejn il-linji differenti minn dak tan-netwerk domestiku ewlieni, li jagħmlu konnessjoni ma' pajjiż terz li fih il-leġiżlazzjoni ferrovjarja tal-Unjoni ma tapplikax u li huma ġestiti minn maniġer tal-infrastruttura differenti minn dak tan-netwerk domestiku ewlieni. Impriżi ferrovjarji li joperaw esklużivament fuq dawn il-linji jistgħu jiġu eżentati mill-applikazzjoni tal-Kapitolu II.

Tali eżenzjonijiet jistgħu jiġġeddu għal perijodi ta' mhux aktar minn 5 snin. Mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel id-data tal-iskadenza tal-eżenzjoni, Stat Membru li bi ħsiebu jġedded l-eżenzjoni għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jagħmel hekk. Il-Kummissjoni għandha teżamina jekk il-kundizzjonijiet għal eżenzjoni stipulata fl-ewwel subparagrafu jibqgħux issodisfati. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw id-deċiżjoni tagħha dwar it-terminazzjoni tal-eżenzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 62(2).";

(e) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"12. Meta jkun hemm sħubija pubblika-privata eżistenti konkluża qabel is-16 ta' Ġunju 2015 u l-parti privata għal dik is-sħubija hija wkoll impriża ferrovjarja responsabbli għall-forniment ta' servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri fuq l-infrastruttura, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jeżentaw lil tali parti privata mill-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 7a u 7d u jillimitaw id-dritt li jittellgħu u jitniżżlu passiġġieri għal servizzi operati minn impriżi ferrovjarji fuq l-istess infrastruttura bħas-servizzi tal-passiġġieri provduti mill-parti privata taħt is-sħubija pubblika-privata.

13. Il-maniġers tal-infrastruttura privata li huma parti għal sħubija pubblika-privata konkluża qabel l-24 ta' Diċembru 2016 u li ma jirċevux fondi pubbliċi għandhom jiġu esklużi mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7d ladarba s-self u l-garanziji finanzjarji mħaddma mill-maniġer tal-infrastruttura ma jibbenefikawx direttament jew indirettament lil impriżi ferrovjarji speċifiċi.".

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) 'maniġer tal-infrastruttura' tfisser kwalunkwe korp jew ditta responsabbli għall-operazzjoni, il-manutenzjoni u t-tiġdid ta' infrastruttura ferrovjarja fuq netwerk, kif ukoll responsabbli għall-parteċipazzjoni fl-iżvilupp tagħha kif determinat mill-Istat Membru fil-qafas tal-politika ġenerali tiegħu dwar l-iżvilupp u l-finanzjament tal-infrastruttura;";

(b) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(2a) 'żvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja' tfisser ippjanar tan-netwerk, ippjanar finanzjarju u ppjanar fl-investiment, kif ukoll il-bini u l-immodernizzar tal-infrastruttura;

(2b) 'operazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja' tfisser l-allokazzjoni tal-mogħdijiet tal-ferrovija, l-immaniġġjar tat-traffiku u t-tariffi għall-użu tal-infrastruttura;

(2c) 'manutenzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja' tfisser xogħlijiet intiżi sabiex tinżamm il-kundizzjoni u l-kapaċità tal-infrastruttura eżistenti;

(2d) 'tiġdid tal-infrastruttura ferrovjarja' tfisser xogħlijiet kbar ta' sostituzzjoni fuq l-infrastruttura eżistenti li ma jibdlux il-prestazzjoni ġenerali tagħha;

(2e) 'immodernizzar tal-infrastruttura ferrovjarja' tfisser xogħlijiet kbar ta' modifikazzjoni fuq l-infrastruttura eżistenti li jtejbu l-prestazzjoni ġenerali tagħha;

(2f) 'funzjonijiet essenzjali' tal-immaniġġjar tal-infrastruttura tfisser it-teħid ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-allokazzjoni tal-mogħdijiet tal-ferrovija, inkluż kemm id-definizzjoni kif ukoll il-valutazzjoni tad-disponibbiltà u l-allokazzjoni ta' mogħdijiet tal-ferrovija individwali, u t-teħid ta' deċiżjonijiet rigward it-tariffi għall-użu tal-infrastruttura, inkluż id-determinazzjoni u l-ġbir tat-tariffi, f'konformità mal-qafas tat-tariffi u l-qafas tal-allokazzjoni tal-kapaċità stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikoli 29 u 39;";

(c) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(31) 'impriża integrata vertikalment' tfisser impriża fejn, skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (*):

(a) maniġer tal-infrastruttura huwa kkontrollat minn impriża li fl-istess ħin tikkontrolla impriża ferrovjarja waħda jew aktar li topera servizzi ferrovjarji fuq in-netwerk tal-maniġer tal-infrastruttura;

(b) maniġer tal-infrastruttura huwa kkontrollat minn impriża ferrovjarja waħda jew aktar li topera servizzi ferrovjarji fuq in-netwerk tal-maniġer tal-infrastruttura; jew

(c) impriża ferrovjarja waħda jew aktar li topera servizzi ferrovjarji fuq in-netwerk tal-maniġer tal-infrastruttura huma kkontrollati minn maniġer tal-infrastruttura.

Din tfisser ukoll impriża li tikkonsisti minn diviżjonijiet distinti, inkluż maniġer tal-infrastruttura u diviżjoni waħda jew aktar li tipprovdi servizzi tat-trasport li ma għandhomx personalità ġuridika distinta.

Fejn maniġer tal-infrastruttura u impriża ferrovjarja jkunu kompletament indipendenti minn xulxin, iżda li t-tnejn ikunu ikkontrollati direttament minn Stat Membru mingħajr entità intermedjarja, dawn mhumiex meqjusa li jikkostitwixxu impriża integrata vertikalment għall-finijiet ta' din id-Direttiva;

(32) 'shubija pubblika-privata' tfisser arranġament vinkolanti bejn korpi pubbliċi u impriża waħda jew aktar għajr il-maniġer prinċipali tal-infrastruttura ta' Stat Membru, li taħtu l-impriżi parzjalment jew totalment jibnu u/jew jiffinanzjaw infrastruttura ferrovjarja u/jew jiksbu d-dritt li jeżerċitaw kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet elenkati fil-punt (2) għal perijodu ta' żmien predefinit. L-arranġament jista' jieħu kwalunkwe forma legalment vinkolanti xierqa prevista fil-leġiżlazzjoni nazzjonali;

(33) 'bord ta' ġestjoni' tfisser il-korp għoli ta' impriża li jwettaq funzjonijiet eżekuttivi u amministrattivi, li huwa responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum tal-impriża;

(34) 'bord superviżorju' tfisser l-ogħla korp ta' impriża li jwettaq kompiti ta' superviżjoni, inkluż l-eżerċizzju ta' kontroll fuq il-bord ta' ġestjoni u deċiżjonijiet strateġiċi ġenerali fir-rigward tal-impriża;

(35) 'biljett globali' tfisser biljett jew biljetti li jirrappreżentaw kuntratt ta' trasport għal servizzi ferrovjarji suċċessivi mħaddma minn impriża ferrovjarja waħda jew aktar;

(36) 'servizzi għall-passiġġieri b'veloċità għolja' tfisser servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri mħaddma mingħajr waqfiet intermedji bejn żewġ postijiet mifrudin tal-inqas b'distanza ta' aktar minn 200 km fuq linji ta' veloċità għolja mibnija apposta u attrezzati għal veloċitajiet ġeneralment ta' 250 km/h jew aktar u li bħala medja jinstaqu b'dawk il-veloċitajiet.

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).";

(3) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 7a(3) għandhom jeħtieġu li l-impriża tkun organizzata f'diviżjonijiet distinti li ma għandhomx personalità ġuridika distinta fi ħdan impriża waħda.";

(4) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 7*

**Indipendenza tal-maniġer tal-infrastruttura**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-maniġer tal-infrastruttura jkun responsabbli għall-operazzjoni, il-manutenzjoni u t-tiġdid ta' netwerk u li jiġi inkarigat bl-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja ta' dak in-netwerk f'konformità mal-liġi nazzjonali.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ebda waħda mill-entitajiet legali l-oħra fi ħdan l-impriża integrata vertikalment ma jkollha influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjonijiet meħuda mill-maniġer tal-infrastruttura fir-rigward tal-funzjonijiet essenzjali.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-bord superviżorju u tal-bord ta' ġestjoni tal-maniġer tal-infrastruttura u l-maniġers li jirrapportaw direttament lilhom jaġixxu b'mod nondiskriminatorju u li l-imparzjalità tagħhom ma tkun affettwata minn ebda konflitt ta' interess.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-maniġer tal-infrastruttura jkun organizzat bħala entità li hija ġuridikament distinta minn kwalunkwe impriża ferrovjarja u, f'impriża integrata vertikalment, minn kwalunkwe entità ġuridika oħra fi ħdan l-impriża.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istess individwi ma jistgħux ikunu maħtura jew impjegati fl-istess ħin:

(a) bħala membri tal-bord ta' ġestjoni ta' maniġer tal-infrastruttura u bħala membri tal-bord ta' ġestjoni ta' impriża ferrovjarja;

(b) bħala persuni responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-funzjonijiet essenzjali u bħala membri tal-bord ta' ġestjoni ta' impriża ferrovjarja;

(c) f'każ li jeżisti bord superviżorju, bħala membri tal-bord superviżorju ta' maniġer tal-infrastruttura u bħala membri tal-bord ta' superviżjoni ta' impriża ferrovjarja;

(d) bħala membri tal-bord superviżorju ta' impriża li tkun parti minn impriża integrata vertikalment u li teżerċita kontroll kemm fuq impriża ferrovjarja kif ukoll fuq maniġer tal-infrastruttura u bħala membri tal-bord ta' ġestjoni ta' dak il-maniġer tal-infrastruttura.

4. F'impriżi integrati vertikalment, il-membri tal-bord ta' ġestjoni tal-maniġer tal-infrastruttura u l-persuni responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-funzjonijiet essenzjali ma għandhom jirċievu ebda remunerazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni minn kwalunkwe entità legali oħra fl-impriża integrata vertikalment, u lanqas ma għandhom jirċievu bonusijiet marbuta prinċipalment mal-prestazzjoni finanzjarja ta' impriżi ferrovjarji partikolari. Madankollu huma jistgħu jiġu offruti inċentivi marbuta mal-prestazzjoni globali tas-sistema ferrovjarja.

5. Fejn is-sistemi ta' informazzjoni jkunu komuni għal entitajiet differenti fi ħdan impriża integrata vertikalment, l-aċċess għal informazzjoni sensittiva dwar il-funzjonijiet essenzjali għandu jiġi ristrett għall-persunal awtorizzat tal-maniġer tal-infrastruttura. Informazzjoni sensittiva ma għandhiex tingħadda lil entitajiet oħra fi ħdan impriża integrata vertikalment.

6. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jirrigwardjaw l-iżvilupp u l-finanzjament tal-infrastruttura ferrovjarja u l-kompetenzi tal-Istati Membri li jirrigwardjaw il-finanzjament tal-infrastruttura u t-tariffi għall-użu tal-infrastruttura, kif ukoll l-allokazzjoni ta' kapaċità, kif definiti fl-Artikolu 4(2), u l-Artikoli 8, 29 u 39.";

(5) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

*"Artikolu 7a*

**Indipendenza tal-funzjonijiet essenzjali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-maniġer tal-infrastruttura jkollu indipendenza organizzattiva u deċiżjonali fi ħdan il-limiti stipulati fl-Artikolu 4(2), u l-Artikoli 29 u 39, fir-rigward tal-funzjonijiet essenzjali.

2. Għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw b'mod partikolari li:

(a) impriża ferrovjarja jew kwalunkwe entità ġuridika oħra ma teżerċitax influwenza deċiżiva fuq l-maniġer tal-infrastruttura fir-rigward tal-funzjonijiet essenzjali, mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Istati Membri fir-rigward tad-determinazzjoni tal-qafas tat-tariffi u l-qafas tal-allokazzjoni tal-kapaċità u regoli speċifiċi għat-tariffi f'konformità mal-Artikoli 29 u 39;

(b) impriża ferrovjarja jew kwalunkwe entità ġuridika oħra fl-impriża integrata vertikalment ma għandha ebda influwenza deċiżiva fuq ħatriet u tkeċċijiet ta' persuni responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-funzjonijiet essenzjali;

(c) il-mobilità ta' persuni inkarigati mill-funzjonijiet essenzjali ma toħloqx kunflitti ta' interess.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li t-tariffi għall-użu tal-infrastruttura u l-allokazzjoni tal-mogħdijiet tal-ferrovija għandhom jitwettqu minn korp li jimponi tariffi u/jew korp tal-allokazzjoni li jkunu indipendenti minn kull impriża ferrovjarja fil-forma ġuridika, l-organizzazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. F'dak il-każ, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2) u l-punti (c) u (d) tal-Artikolu 7(3).

Il-punt (a) tal-Artikolu 7(3) u l-Artikolu 7(4) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-kapijiet ta' diviżjonijiet responsabbli għall-ġestjoni tal-infrastruttura u l-forniment ta' servizzi ferrovjarji.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jirreferu għall-funzjonijiet essenzjali ta' maniġer tal-infrastruttura għandhom japplikaw għall-korp indipendenti li jimponi tariffi u/jew għall-korp indipendenti tal-allokazzjoni.

*Artikolu 7b*

**Imparzjalità tal-maniġer tal-infrastruttura fir-rigward tal-immaniġġjar tat-traffiku u l-ippjanar tal-manutenzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-funzjonijiet tal-ġestjoni tat-traffiku u l-ippjanar tal-manutenzjoni jitwettqu b'mod trasparenti u nondiskriminatorju u li l-persuni inkarigati biex jieħdu d-deċiżjonijiet fir-rigward ta' dawk il-funzjonijiet ma jkollhom ebda konflitt ta' interess.

2. Fir-rigward tal-immaniġġjar tat-traffiku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi ferrovjarji, f'każijiet ta' tfixkil li jikkonċernahom, ikollhom aċċess sħiħ u f'waqtu għal informazzjoni rilevanti. Meta l-maniġer tal-infrastruttura jagħti aċċess ulterjuri għall-proċess tal-immaniġġjar tat-traffiku, huwa għandu jagħmel dan għall-impriżi ferrovjarji kkonċernati b'mod trasparenti u nondiskriminatorju.

3. Fir-rigward tal-ippjanar fit-tul ta' manutenzjoni maġġuri u/jew it-tiġdid tal-infrastruttura ferrovjarja, l-maniġer tal-infrastruttura għandu jikkonsulta lill-applikanti u, kemm jista' jkun, iqis it-tħassib espress.

L-iskedar tax-xogħlijiet ta' manutenzjoni għandu jitwettaq mill-maniġer tal-infrastruttura b'mod nondiskriminatorju.

*Artikolu 7c*

**Esternalizzazzjoni u kondiviżjoni tal-funzjonijiet tal-maniġer tal-infrastruttura**

1. Dment li ma jkun hemm ebda kunflitt ta' interess u li tiġi ggarantita l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva, il-maniġer tal-infrastruttura jista':

(a) jesternalizza funzjonijiet lil entità differenti, dment li din tal-aħħar ma tkunx impriża ferrovjarja, ma tikkontrollax impriża ferrovjarja, jew ma tkunx ikkontrollata minn impriża ferrovjarja. Fi ħdan impriża integrata vertikalment, il-funzjonijiet essenzjali ma għandhom jiġu esternalizzati lil ebda entità oħra tal-impriża integrata vertikalment, ħlief jekk tali entità twettaq esklużivament funzjonijiet essenzjali;

(b) jesternalizza l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u kompiti relatati rigward l-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tiġdid tal-infrastruttura ferrovjarja lill-impriżi ferrovjarji jew lil kumpanniji li jikkontrollaw l-impriża ferrovjarja, jew huma kkontrollati mill-impriża ferrovjarja.

Il-maniġer tal-infrastruttura għandu jżomm is-setgħa ta' superviżjoni fuq il-funzjonijiet deskritti fl-Artikolu 3(2) u jkollu r-responsabbiltà aħħarija għall-eżerċizzju tal-imsemmija funzjonijiet. Kwalunkwe entità li tkun qed twettaq funzjonijiet essenzjali għandha tikkonforma mal-Artikoli 7, 7a, 7b u 7d.

2. B'deroga mill-Artikolu 7(1), il-funzjonijiet ta' immaniġġjar tal-infrastruttura jistgħu jitwettqu minn maniġers tal-infrastruttura differenti, inklużi partijiet għal arranġamenti ta' sħubija pubblika-privata bil-kundizzjoni li dawn kollha jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7(2) sa (6) u l-Artikoli 7a, 7b u 7d u jassumu r-responsabbiltà sħiħa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet kkonċernati.

3. Fejn l-funzjonijiet essenzjali mhumiex assenjati lil operatur tal-provvista tal-enerġija, dan għandu jkun eżentat mir-regoli applikabbli għal maniġers tal-infrastruttura, dment li l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti rigward l-iżvilupp tan-netwerk, b'mod partikolari l-Artikolu 8, tkun żgurata.

4. Soġġett għal superviżjoni mill-korp regolatorju jew kwalunkwe korp kompetenti indipendenti ieħor maħtur mill-Istati Membri, maniġer tal-infrastruttura jista' jikkonkludi ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' impriża ferrovjarja waħda jew aktar b'mod nondiskriminatorju u bl-għan li jitwasslu l-benefiċċji lill-klijenti bħal inqas spejjeż jew prestazzjoni mtejba min-naħa tan-netwerk kopert mill-ftehim.

Dak il-korp għandu jissorvelja l-eżekuzzjoni ta' dawn il-ftehimiet u jista', fejn ġustifikat, jagħti parir li għandhom jintemmu.

*Artikolu 7d*

**Trasparenza finanzjarja**

1. Filwaqt li jiġu rispettati l-proċeduri nazzjonali applikabbli f'kull Stat Membru, id-dħul minn attivitajiet ta' ġestjoni tan-netwerk tal-infrastruttura, inkluż il-fondi pubbliċi, jista' jintuża mill-maniġer tal-infrastruttura biss biex jiffinanzja n-negozju tiegħu, inkluż l-immaniġġjar tas-self tiegħu. Il-maniġer tal-infrastruttura jista' wkoll juża tali introjtu biex jitħallsu dividendi lis-sidien tal-kumpanija, li jistgħu jinkludu kwalunkwe azzjonist privat, iżda mhux impriżi li huma parti minn impriża integrata vertikalment u li jeżerċitaw kontroll kemm fuq impriża ferrovjarja kif ukoll fuq dak il-maniġer tal-infrastruttura.

2. Il-maniġers tal-infrastruttura m'għandhomx jagħtu self lil impriżi ferrovjarji, la direttament u lanqas indirettament.

3. L-impriżi ferrovjarji m'għandhomx jagħtu self lil maniġers tal-infrastruttura, la direttament u lanqas indirettament.

4. Is-self bejn entitajiet legali ta' impriżi integrati vertikalment, għandu jingħata, jitħallas u jiġi ġestit biss bir-rati tas-suq u l-kundizzjonijiet li jirriflettu l-profil individwali ta' riskju tal-entità kkonċernata.

5. Is-self bejn entitajiet ġuridiċi ta' impriża integrata vertikalment mogħti qabel l-24 ta' Diċembru 2016 għandu jkompli sal-maturità tiegħu, dment li jkunu ngħata b'kuntratt bir-rati tas-suq u li effettivament jitħallas u jiġi ġestit.

6. Kwalunkwe servizz offrut minn entitajiet legali oħra ta' impriża integrata vertikalment lill-maniġer tal-infrastruttura għandu jingħata abbażi ta' kuntratti u għandu jitħallas jew bil-prezzijiet tas-suq inkella bi prezzijiet li jirriflettu l-ispiża għall-produzzjoni, flimkien ma' marġni raġonevoli ta' profitt.

7. Id-dejn attribwit lill-maniġer tal-infrastruttura għandu jkun separat b'mod ċar mid-dejn attribwit lill-entitajiet legali oħrajn fi ħdan impriża integrata vertikalment. Tali dejn għandu jiġu ġestit separatament. Dan ma jipprevjenix li l-ħlas finali tad-dejn isir permezz ta' impriża li tkun parti minn impriża integrata vertikalment u li teżerċita kontroll kemm fuq impriża ferrovjarja kif ukoll fuq maniġer tal-infrastruttura, jew permezz ta' entità oħra fi ħdan l-impriża.

8. Il-kontijiet tal-maniġer tal-infrastruttura u tal-entitajiet legali l-oħrajn fi ħdan impriża integrata vertikalment għandhom jinżammu b'tali mod li jkun żgurat li jiġi ssodisfat dan l-Artikolu u li jippermetti li jkun hemm kontabbiltà separata u ċirkwiti finanzjarji trasparenti fi ħdan l-impriża.

9. Fi ħdan impriżi integrati vertikalment, l-maniġer tal-infrastruttura għandu jżomm rekords dettaljati ta' kwalunkwe relazzjoni kummerċjali u finanzjarja mal-entitajiet legali l-oħrajn fi ħdan din l-impriża.

10. Fejn il-funzjonijiet essenzjali jitwettqu minn korp indipendenti li jimponi tariffi u/jew korp indipendenti tal-allokazzjoni f'konformità mal-Artikolu 7a(3) u l-Istati Membri ma jkunux qed japplikaw l-Artikolu 7(2), id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Referenzi għall-maniġer tal-infrastruttura, l-impriża ferrovjarja u entitajiet legali oħra ta' impriża integrata vertikalment f'dan l-Artikolu għandhom jinftiehmu bħala dawk li jirreferu għad-diviżjonijiet rispettivi tal-impriża. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu għandha tintwera fil-kontijiet separati tad-diviżjonijiet rispettivi tal-impriża.

*Artikolu 7e*

**Mekkaniżmi ta' koordinazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' koordinazzjoni adatti biex jiżguraw koordinazzjoni bejn il-maniġers prinċipali tal-infrastruttura tagħhom u l-impriżi ferrovjarji interessati kollha kif ukoll l-applikanti msemmija fl-Artikolu 8(3). Fejn ikun rilevanti, rappreżentanti tal-utenti tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u tal-passiġġieri, u l-awtoritajiet nazzjonali, lokali jew reġjonali, għandhom ikunu mistiedna jipparteċipaw. Il-korp regolatorju kkonċernat jista' jipparteċipa bħala osservatur. Il-koordinazzjoni għandha tikkonċerna fost oħrajn:

(a) il-ħtiġijiet tal-applikanti marbutin mal-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-kapaċità tal-infrastruttura;

(b) il-kontenut tal-miri ta' prestazzjoni orjentati lejn l-utenti li jinsabu fil-ftehimiet kuntrattwali msemmija fl-Artikolu 30 u tal-inċentivi msemmija fl-Artikolu 30(1) u l-implimentazzjoni tagħhom;

(c) il-kontenut u l-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni tan-netwerk imsemmija fl-Artikolu 27;

(d) kwistjonijiet ta' intermodalità u interoperabbiltà;

(e) kwalunkwe kwistjoni oħra marbuta mal-kundizzjonijiet għall-aċċess, l-użu tal-infrastruttura u l-kwalità tas-servizzi tal-maniġer tal-infrastruttura.

Il-maniġer tal-infrastruttura għandu jfassal u jippubblika linji gwida għall-koordinazzjoni, b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati. Il-koordinazzjoni għandha sseħħ tal-anqas darba fis-sena u l-maniġer tal-infrastruttura għandu jippubblika fis-sit tal-Internet tiegħu ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet imwettqa skont dan l-artikolu.

Il-koordinazzjoni skont dan l-Artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikanti li jappellaw lill-korp regolatorju u s-setgħat tal-korp regolatorju kif mogħtija fl-Artikolu 56.

*Artikolu 7f*

**Netwerk Ewropew ta' Maniġers tal-Infrastruttura**

1. Bil-għan li jiġi ffaċilitat il-forniment ta' servizzi ferrovjarji effiċjenti u effikaċi fi ħdan l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-maniġers prinċipali tal-infrastruttura tagħhom jieħdu sehem u jikkooperaw f'netwerk li jiltaqa' f'intervalli regolari biex:

(a) jiżviluppaw l-infrastruttura ferrovjarja tal-Unjoni;

(b) jappoġġaw l-implimentazzjoni f'waqtha u effiċjenti taż-żona ferrovjarja unika Ewropea;

(c) jiskambjaw l-aħjar prattiki;

(d) jissorveljaw il-prestazzjoni u jivvalutawha b'mod komparattiv;

(e) jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq imsemmija fl-Artikolu 15;

(f) jindirizzaw ostakoli transfruntiera; u

(g) Jiddiskutu l-applikazzjoni tal-Artikoli 37 u 40.

Għall-finijiet tal-punt (d), in-netwerk għandu jidentifika prinċipji u prattiki komuni ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni komparattiva tal-prestazzjoni b'mod konsistenti.

Il-koordinazzjoni taħt dan il-paragrafu għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant li jappella lill-korp regolatorju u s-setgħat tal-korp regolatorju kif jinsab fl-Artikolu 56.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun membru tan-netwerk. Hija għandha tappoġġa l-ħidma tan-netwerk u tiffaċilita l-koordinazzjoni.";

(6) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u l-Istati Membri, l-Istati Membri li għandhom fruntiera ma' pajjiż terz jistgħu jillimitaw id-dritt ta' aċċess previst f'dan l-Artikolu għal servizzi mħaddma minn u lejn dak il-pajjiż terz li jaħdmu fuq netwerk li l-wisa' bejn il-linji tiegħu hija differenti minn tan-netwerk ferrovjarju prinċipali fi ħdan l-Unjoni jekk jirriżultaw distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fit-trasport ferrovjarju transfruntier bejn l-Istati Membri u dak il-pajjiż terz. Tali distorsjonijiet jistgħu jirriżultaw, fost affarijiet oħra, minn nuqqas ta' aċċess nondiskriminatorju għall-infrastruttura ferrovjarja u servizzi relatati fil-pajjiż terz ikkonċernat.

Jekk Stat Membru, f'konformità ma' dan il-paragrafu, biħsiebu jadotta deċiżjoni li tillimita d-dritt ta' aċċess, huwa għandu jippreżenta l-abbozz ta' deċiżjoni lill-Kummissjoni u jikkonsulta mal-Istati Membri l-oħra.

Jekk, fi żmien perijodu ta' 3 xhur wara l-preżentazzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni, la l-Kummissjoni u lanqas Stat Membru ieħor ma joġġezzjonaw għaliha, l-Istat Membru jista' jadotta d-deċiżjoni.

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura li għandhom jiġu segwiti għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 62(3).";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, l-impriżi ferrovjarji għandhom jingħataw, b'kundizzjonijiet ekwitabbli, nondiskriminatorji u trasparenti, id-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja fl-Istati Membri kollha sabiex iħaddmu servizzi ferrovjarji għall-passiġġieri. L-impriżi ferrovjarji għandu jkollhom id-dritt li jtellgħu passiġġieri minn kwalunkwe stazzjon u jniżżluhom f'ieħor. Dak id-dritt għandu jinkludi l-aċċess għall-infrastruttura li tgħaqqad il-faċilitajiet ta' servizz imsemmija fil-punt 2 tal-Anness II għal din id-Direttiva.";

(c) jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

(7) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw id-dritt ta' aċċess previst fl-Artikolu 10(2) għal servizzi għall-passiġġieri bejn post ta' tluq partikolari u destinazzjoni partikolari fejn kuntratt pubbliku għal servizzi wieħed jew iktar ikopri l-istess rotta jew rotta alternattiva jekk l-eżerċizzju ta' dan id-dritt jikkomprometti l-ekwilibriju ekonomiku tal-kuntratt pubbliku għal servizzi inkwistjoni.";

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Sabiex jistabbilixxi jekk l-ekwilibriju ekonomiku ta' kuntratt pubbliku għal servizzi huwiex ser ikun kompromess, il-korp jew korpi regolatorji rilevanti msemmija fl-Artikolu 55 għandhom jagħmlu analiżi ekonomika oġġettiva u għandhom jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq kriterji deċiżi minn qabel. Huma għandhom jistabbilixxu dan wara talba mingħand kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin, ippreżentata fi żmien xahar mill-wasla tal-informazzjoni dwar is-servizz għall-passiġġieri ippjanat imsemmi fl-Artikolu 38(4):

(a) l-awtorità kompetenti jew l-awtoritajiet kompetenti li taw il-kuntratt pubbliku għal servizzi;

(b) kwalunkwe awtorità kompetenti interessata oħra bid-dritt li tillimita l-aċċess skont dan l-Artikolu;

(c) il-maniġer tal-infrastruttura;

(d) l-impriża ferrovjarja li twettaq l-kuntratt pubbliku għal servizzi.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-korp regolatorju għandu jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu u l-kundizzjonijiet li bihom tista' tintalab li d-deċiżjoni terġa' tiġi kkunsidrata fi żmien xahar min-notifika tagħha, minn waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti jew l-awtoritajiet kompetenti rilevanti;

(b) il-maniġer tal-infrastruttura;

(c) l-impriża ferrovjarja li twettaq l-kuntratt pubbliku għal servizzi;

(d) l-impriża ferrovjarja li qed tfittex li tikseb aċċess.

Fejn il-korp regolatorju jiddeċiedi li l-ekwilibriju ekonomiku ta' kuntratt pubbliku jiġi kompromess mis-servizz għall-passiġġieri ppjanat imsemmi fl-Artikolu 38(4), huwa għandu jindika t-tibdil possibbli għal dak is-servizz li jiżgura li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet biex jingħata d-dritt ta' aċċess previst fl-Artikolu 10(2).";

(d) fil-paragrafu 4, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Abbażi tal-esperjenza tal-korpi regolatorji, l-awtoritajiet kompetenti u l-impriżi ferrovjarji u abbażi tal-attivitajiet tan-netwerk kif imsemmi fl-Artikolu 57(1), il-Kummissjoni għandha sas-16 ta' Diċembru 2018 tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura u l-kriterji li għandhom jiġu segwiti biex jiġu applikati l-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu fir-rigward ta' servizzi domestiċi għall-passiġġieri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 62(3).";

(e) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri jistgħu wkoll jillimitaw id-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja biex jitħaddmu servizzi domestiċi għall-passiġġieri bejn post ta' tluq partikolari u destinazzjoni partikolari fl-istess Stat Membru meta:

(a) drittijiet esklużivi li jitwasslu passiġġieri bejn dawk l-istazzjonijiet ġew mogħtija taħt kuntratt pubbliku għal servizzi mogħti qabel is-16 ta' Ġunju 2015; jew

(b) dritt/awtorizzazzjoni addizzjonali għat-tħaddim ta' servizzi tal-passiġġieri kummerċjali f'kompetizzjoni ma' operatur ieħor bejn dawk l-istazzjonijiet ikun ingħata sal-25 ta' Diċembru 2018 abbażi ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti ġusta u kompetittiva;

u fejn dawn l-operaturi ma jirċievu ebda kumpens biex joperaw dawn is-servizzi.

Tali limitazzjoni tista' tkompli tul iż-żmien oriġinali tal-kuntratt jew awtorizzazzjoni, jew sal-25 ta' Diċembru 2026, skont liema jkun l-iqsar.";

(8) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

*"Artikolu 11a*

**Servizzi għall-passiġġieri b'veloċità għolja**

1. Bil-ħsieb li jiġi żviluppat is-suq tas-servizzi għall-passiġġieri b'veloċità għolja, jippromwovu l-aħjar użu tal-infrastruttura disponibbli, u sabiex titħeġġeġ il-kompetittività tas-servizzi għall-passiġġieri b'veloċità għolja li jirriżulta f'effetti ta' benefiċċju għall-passiġġieri, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(5), l-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess previst fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' servizzi għall-passiġġieri b'veloċità għolja jista' jkun biss soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti mill-korp regolatorju skont dan l-Artikolu.

2. Fejn il-korp regolatorju, wara l-analiżi prevista fl-Artikolu 11(2), (3) u (4), jiddetermina li s-servizz ta' trasport għall-passiġġieri b'veloċità għolja maħsub bejn post ta' tluq partikolari u destinazzjoni partikolari jikkompromettі l-ekwilibriju ekonomiku ta' kuntratt pubbliku għal servizzi li jkopri l-istess rotta jew rotta alternattiva, il-korp regolatorju għandu jindika bidliet possibbli għas-servizz li jiżguraw li l-kundizzjonijiet għall-għoti tad-dritt tal-aċċess previsti fl-Artikolu 10(2) huma ssodisfati. Tali bidliet jistgħu jinkludu modifika tas-servizz maħsub.";

*"Artikolu 13a*

**Skemi komuni ta' informazzjoni u bejgħ ta' biljetti globali**

1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u għad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-impriżi ferrovjarji li jħaddmu servizzi domestiċi għall-passiġġieri sabiex jieħdu sehem fi skema komuni ta' informazzjoni u skema integrata ta' bejgħ ta' biljetti biex jiġu pprovduti l-biljetti, biljetti kumulattivi u prenotazzjonijiet, jew jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti biex jistabbilixxu tali skema. Jekk tiġi stabbilita tali skema, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li din ma toħloqx distorsjoni fis-suq jew ma tiddiskriminax bejn impriżi ferrovjarji, u li tiġi amministrata minn entità legali pubblika jew privata jew assoċjazzjoni tal-impriżi ferrovjarji kollha li jħaddmu servizzi għall-passiġġieri.

2. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-iżviluppi tas-suq ferrovjarju li jikkonċernaw l-introduzzjoni u l-użu ta' sistemi komuni ta' informazzjoni u bejgħ ta' biljetti globali u għandha tivvaluta l-ħtieġa għal azzjoni fil-livell tal-Unjoni, b'kont meħud ta' inizjattivi tas-suq. Hija għandha tikkunsidra b'mod partikolari aċċess nondiskriminatorju għall-passiġġieri ferrovjarji għad-data meħtieġa biex jippjanaw il-vjaġġi u jirriżervaw il-biljetti. Sal-31 ta' Diċembru 2022, hija għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-disponibbiltà ta' dawn is-sistemi ta' informazzjoni komuni u bejgħ ta' biljetti globali, li għandu jiġi akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposti leġiżlattivi.

3. L-Istati Membri għandhom jesiġu li impriżi ferrovjarji li joperaw servizzi għall-passiġġieri jkollhom pjanijiet ta' kontinġenza u għandhom jiżguraw li dawn il-pjanijiet ta' kontinġenza jiġu kkoordinati kif suppost biex jipprovdu assistenza lill-passiġġieri, skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007, fil-każ ta' interruzzjoni maġġuri fis-servizzi.

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14).
(**) Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).".

(9) fl-Artikolu 19, jiżdied il-punt li ġej:

"(e) ma jkunux instabu ħatja ta' reati serji li irriżultaw minn obbligi skont il-liġi nazzjonali minn ftehimiet kollettivi vinkolanti, fejn applikabbli.".

(10) fl-Artikolu 32, il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-imposti tal-infrastruttura għall-użu tal-kurituri ferrovjarji li huma speċifikati fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 (*) għandhom ikunu differenzjati biex jingħataw inċentivi għat-tagħmir ta' ferroviji bl-ETCS li huwa konformi mal-verżjoni adottata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/386/KE (**) u mal-verżjonijiet suċċessivi. Dan id-differenzar m'għandux iwassal għal tibdil ġenerali fid-dħul tal-maniġer tal-infrastruttura.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li dan id-differenzjar tal-imposti ta' infrastruttura ma jkunx japplika għal-linji ferrovjarji speċifikati fir-Regolament (UE) 2016/919 li fuqhom jistgħu jivvjaġġaw biss ferroviji mgħammra b'ETCS.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jestendu dan id-differenzjar għal linji ferrovjarji li mhumiex speċifikati fir-Regolament (UE) 2016/919.

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-'kontroll-kmand u sinjalazzjoni' tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni (ĠU L 158, 15.6.2016, p. 1).
(**) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/386/KE tat-23 ta' April 2008 li timmodifika l-Anness A għad-Deċiżjoni 2006/679/KE dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-subsistema ta' kontroll u ta' sinjalar tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea u l-Anness A għad-Deċiżjoni 2006/860/KE dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-subsistema ta' kontroll u ta' sinjalar tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja (ĠU L 136, 24.5.2008, p. 11).".

(11) fl-Artikolu 38, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fejn applikant biħsiebu jitlob kapaċità tal-infrastruttura bil-ħsieb li jopera servizz għall-passiġġieri, fi Stat Membru fejn id-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja huwa limitat f'konformità mal-Artikolu 11, huwa għandu jinforma lill-maniġers tal-infrastruttura u l-korpi regolatorji kkonċernati mhux inqas minn 18-il xahar qabel id-dħul fis-seħħ tal-iskeda ta' żmien operattiva li magħha tkun marbuta t-talba għall-kapaċità. Sabiex il-korpi regolatorji kkonċernati jkunu jistgħu jivvalutaw l-impatt ekonomiku potenzjali fuq il-kuntratti pubbliċi għal servizzi eżistenti, il-korpi regolatorji għandhom jiżguraw li kwalunkwe awtorità kompetenti li tat servizz ferrovjarju għall-passiġġieri fuq dik ir-rotta ddefinita f'kuntratt pubbliku għal servizz, kwalunkwe awtorità kompetenti oħra interessata bid-dritt li tillimita l-aċċess skont l-Artikolu 11 u kwalunkwe impriża ferrovjarja li twettaq il-kuntratt pubbliku għal servizz fuq ir-rotta ta' dak is-servizz għall-passiġġieri tiġi mgħarrfa mingħajr dewmien żejjed u mhux iktar tard minn 10 ijiem wara.";

(12) fl-Artikolu 53, fil-paragrafu 3, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-korp regolatorju jista' jitlob lill-maniġer tal-infrastruttura biex jagħmel din l-informazzjoni disponibbli għalih, jekk iqis li dan huwa neċessarju.".

(13) fl-Artikolu 54, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'li ġej:

"1. Fil-każ ta' tfixkil għall-movimenti tal-ferroviji kkawżat minn ħsarat tekniċi jew minn inċidenti, il-maniġer tal-infrastruttura għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa biex ireġġa' lura s-sitwazzjoni għan-normal. Għal dak l-iskop, għandu jfassal pjan ta' kontinġenza li jelenka l-korpi varji li għandhom jiġu infurmati fil-każ ta' inċidenti serji jew ta' disturbi serji għall-movimenti tal-ferroviji. F'każ ta' tfixkil li jkollu impatt potenzjali fuq it-traffiku transfruntier, il-maniġer tal-infrastruttura għandu jikkondividi kwalunkwe informazzjoni rilevanti ma' maniġers oħra tal-infrastruttura li n-netwerk u t-traffiku tagħhom jistgħu jkunu affettwati minn dak it-tfixkil. Il-maniġers tal-infrastruttura kkonċernati għandhom jikkooperaw sabiex ireġġgħu lura t-traffiku transfruntier għan-normal.".

(14) L-Artikolu 56 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1 jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(h) immaniġġjar tat-traffiku;

(i) ippjanar tat-tiġdid u manutenzjoni skedata jew mhux skedata;

(j) konformità mar-rekwiżiti, inklużi dawk dwar konflitti ta' interess, stabbiliti fl-Artikolu 2(13) u l-Artikoli 7, 7a, 7b, 7c, u 7d.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni li jiżguraw il-kompetizzjoni fis-swieq tas-servizzi ferrovjarji, il-korp regolatorju għandu jkollu s-setgħa li jissorvelja s-sitwazzjoni kompetittiva fis-swieq tas-servizzi ferrovjarji, inkluż b'mod partikolari s-suq għal servizzi għall-passiġġieri b'veloċità għolja, u l-attivitajiet tal-maniġers tal-infrastruttura fir-rigward tal-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 1. B'mod partikolari, il-korp regolatorju għandu jivverifika li hemm konformità mal-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 1 fuq l-inizjattiva tiegħu stess u bil-ħsieb li jevita d-diskriminazzjoni kontra l-applikanti. Għandu, b'mod partikolari, jiċċekkja jekk id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk fihiex klawżoli diskriminatorji jew jekk toħloqx setgħat diskrezzjonali għall-maniġer tal-infrastruttura li jistgħu jintużaw biex issir diskriminazzjoni kontra l-applikanti.";

(c) fil-paragrafu 9, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. Il-korp regolatorju għandu jikkunsidra kull ilment u, kif jixraq, għandu jitlob tagħrif relevanti u jagħti bidu għal konsultazzjonijiet mal-partijiet relevanti kollha, fi żmien xahar minn meta jkun irċieva l-ilment. Huwa għandu jiddeċiedi fuq kull ilment u jieħu azzjoni biex jirrimedja s-sitwazzjoni u jgħarraf lill-partijiet relevanti bid-deċiżjoni motivata tiegħu fi żmien determinat minn qabel, raġonevoli u, fi kwalunkwe każ, fi żmien 6 ġimgħat minn meta jirċievi l-informazzjoni kollha. Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali għall-iżgurar tal-kompetizzjoni fis-swieq tas-servizz ferrovjarju, il-korp regolatorju għandu, fejn xieraq, jiddeċiedi fuq l-inizjattiva tiegħu stess dwar miżuri xierqa biex jitrangaw il-każijiet ta' diskriminazzjoni kontra l-applikanti, id-distorsjonijiet tas-suq u kwalunkwe żvilupp ieħor mhux mixtieq f'dawn is-swieq, b'mod partikolari b'referenza għall-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 1.";

(d) il-paragrafu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"12. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni tal-kontijiet stipulati fl-Artikolu 6 u d-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza finanzjarja stipulati fl-Artikolu 7d, il-korp regolatorju għandu jkollu s-setgħa li jwettaq verifiki jew li jibda verifiki esterni mal-maniġers tal-infrastruttura, l-operaturi tal-faċilitajiet ta' servizz u, fejn rilevanti, mal-impriżi ferrovjarji. Fil-każ ta' impriżi integrati vertikalment, dawk is-setgħat għandhom ikunu estiżi għall-entitajiet legali kollha. Il-korp regolatorju għandu jkun intitolat jitlob kwalunkwe informazzjoni rilevanti. B'mod partikolari l-korp regolatorju għandu jkollu s-setgħa li jitlob lill-maniġer tal-infrastruttura, lill-operaturi tal-faċilitajiet ta' servizz u l-impriżi jew entitajiet oħra kollha li jwettqu jew jintegraw tipi differenti ta' trasport ferrovjarju jew immaniġġjar tal-infrastruttura kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) u (2) u l-Artikolu 13 biex jagħtu l-informazzjoni ta' verifika sħiħa jew parti minnha kif elenkat fl-Anness VIII b'livell suffiċjenti ta' dettall kif meqjus meħtieġ u proporzjonat.

Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal kwistjonijiet marbuta mal-għajnuna mill-Istat, il-korp regolatorju jista' wkoll joħroġ konklużjonijiet mill-kontijiet rigward kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat li għandu jirrapporta lil dawk l-awtoritajiet.

Il-flussi finanzjarji msemmija fl-Artikolu 7d(1), is-self imsemmi fl-Artikolu 7d(4) u (5), u d-dejn imsemmi fl-Artikolu 7d(7) għandhom ikunu soġġetti għall-monitoraġġ mill-korp regolatorju.

Fejn Stat Membru jkun innomina lill-korp regolatorju bħala l-korp kompetenti indipendenti msemmi fl-Artikolu 7c(4), il-korp regolatorju għandu jevalwa l-ftehimiet ta' kooperazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu.";

(15) L-Artikolu 57 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Meta kwistjonijiet li jikkonċernaw servizz internazzjonali jeħtieġu deċiżjonijiet ta' żewġ korpi regolatorji jew aktar, il-korpi regolatorji kkonċernati għandhom jikkooperaw fit-tħejjija tad-deċiżjonijiet rispettivi tagħhom sabiex tinstab soluzzjoni għall-kwistjoni. Għal dak l-għan, il-korpi regolatorji kkonċernati għandhom iwettqu l-funzjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 56.";

(b) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-korpi regolatorji għandhom jiżviluppaw prinċipji u prattika komuni għat-teħid tad-deċiżjonijiet li huma għandhom is-setgħa jieħdu skont din id-Direttiva. Prinċipji u prattiki komuni bħal dawn għandhom jinkludu arranġamenti għar-riżoluzzjoni ta' tilwim li jinqala' fl-ambitu tal-paragrafu 3a. Abbażi tal-esperjenza tal-korpi regolatorji u tal-attivitajiet tan-netwerk kif imsemmi fil-paragrafu 1, u, jekk meħtieġ, tiġi żgurata kooperazzjoni effiċjenti tal-korpi regolatorji, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw prinċipji u prattiki komuni bħal dawn. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 62(3).";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"10. Għal deċiżjonijiet li jikkonċernaw infrastruttura binazzjonali, iż-żewġ Stati Membri kkonċernati jistgħu fi kwalunkwe mument wara l-24 ta' Diċembru 2016 jaqblu li jesiġu koordinazzjoni bejn il-korpi regolatorji kkonċernati sabiex jallinjaw l-impatt tad-deċiżjonijiet tagħhom.";

(16) fl-Artikolu 63, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-impatt ta' din id-Direttiva fuq is-settur ferrovjarju, u għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha.

B'mod partikolari, ir-rapport għandu jevalwa l-iżvilupp tas-servizzi ferrovjarji ta' veloċità għolja u jevalwa l-eżistenza ta' prattiki diskriminatorji fir-rigward tal-aċċess għal linji ta' veloċità għolja. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk huwiex meħtieġ li tippreżenta proposti leġiżlattivi.

Sal-istess data, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk jippersistux prattiki diskriminatorji jew tipi oħra ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-maniġers tal-infrastruttura li huma parti minn impriża integrata vertikalment. Il-Kummissjoni għandha, jekk adatta, tippreżenta proposti leġiżlattivi.".

*Artikolu 2*

1. Minkejja l-Artikolu 3(2), l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sal-25 ta' Diċembru 2018, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi li jirrigwardaw kif għandha ssir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

1. Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Il-punti 6 sa 8 u 11 tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2019 fil-ħin għall-iskeda operattiva li tibda fl-14 ta' Diċembru 2020.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
M. SCHULZ

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
I. KORČOK

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI (UE) 2016/2371 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-14 ta' Diċembru 2016**

**li tipprevedi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġislattiva ([1]),

Billi:

(1) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan ("il-Ġordan") qegħdin jiżviluppaw fi ħdan il-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV). Il-Ġordan iffirma il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ([2]) mal-Unjoni fl-24 ta' Novembru 1997, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2002. Taħt dak il-ftehim, l-Unjoni u l-Ġordan gradwalment stabbilixxew żona ta' kummerċ ħieles matul perijodu tranżitorju ta' 12-il sena. Barra minn hekk, fl-2007 daħal dis-seħħ ftehim dwar liberalizzazzjoni ulterjuri tal-prodotti agrikoli ([3]). Fl-2010, ġiet miftiehma sħubija ta' Status Avvanzat bejn l-UE u l-Ġordan li tinvolvi oqsma ta' kooperazzjoni usa'. Il-protokoll dwar Mekkaniżmi għas-Soluzzjoni tat-Tilwim għall-kummerċ bejn l-UE u l-Ġordan inizjalat f'Diċembru 2009 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2011. Id-djalogu politiku bilaterali u l-kooperazzjoni ekonomika bilaterali komplew jiżviluppaw fi ħdan il-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Qafas ta' Appoġġ Uniku adottati għall-perijodu 2014-2017.

(2) Mill-2011, il-Ġordan beda serje ta' riformi politiċi biex tissaħħaħ id-demokrazija parlamentari u l-istat tad-dritt. Twaqqfu Qorti Kostituzzjonali u Kummissjoni Elettorali Indipendenti u l-Parlament tal-Ġordan għadda numru ta' liġijiet ewlenin, inklużi l-Liġi Elettorali u l-Liġi dwar il-Partiti Politiċi kif ukoll liġijiet dwar id-deċentralizzazzjoni u l-muniċipalitajiet.

(3) L-ekonomija tal-Ġordan sofriet b'mod sinifikanti mill-inkwiet reġjonali li li għaddej, b'mod partikolari fil-pajjiżi ġirien tal-Iraq u s-Sirja. Flimkien ma' ambjent globali aktar dgħajjef, dan l-inkwiet reġjonali laqat b'mod ħażin id-dħul estern u dgħajjef il-finanzi pubbliċi. L-influssi tat-turiżmu u ta' investiment dirett barrani ġew affettwati b'mod negattiv, b'rotot ta' kummerċ imblukkati u bil-fluss tal-gass naturali mill-Eġittu mfixkel. Barra minn hekk, l-ekonomija tal-Ġordan kienet milquta minn influss kbir ta' refuġjati Sirjani, li żied il-pressjoni fuq il-pożizzjoni fiskali tiegħu, fis-servizzi pubbliċi u l-infrastruttura.

(4) Sa mill-bidu tal-kunflitti fis-Sirja fl-2011, l-Unjoni esprimiet l-impenn inekwivokabbli tagħha biex tappoġġa lill-Ġordan hekk kif jindirizza l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-kriżi Sirjana, u b'mod partikolari l-preżenza ta' għadd kbir ta' refuġjati Sirjani fit-territorju tiegħu. Hija żiedet l-appoġġ finanzjarju tagħha lejn il-Ġordan, waqt li saħħet il-kooperazzjoni f'ħafna oqsma, inkluża s-soċjetà ċivili, is-sistema elettorali, is-sigurtà, l-iżvilupp reġjonali u r-riformi soċjali u ekonomiċi. Barra minn hekk, l-Unjoni offriet il-possibbiltà lill-Ġordan li jikkonkludi ftehim dwar Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva.

([1]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2016 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2016.
([2]) Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra (ĠU L 129, 15.5.2002, p. 3).
([3]) Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar il-miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni u li jemenda l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Ġordan kif ukoll jibdel l-Annessi I, II, III u IV u l-Protokolli 1 u 2 ta' dak il-Ftehim (ĠU L 41, 13.2.2006, p. 3) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: ĠU L 270 M, 29.9.2006, p. 142).

(5) F'dan il-kuntest ekonomiku u finanzjarju diffiċli, l-awtoritajiet tal-Ġordan u l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) ftiehmu f'Awwissu 2012 dwar l-ewwel programm ta' aġġustament ekonomiku, li kien appoġġat minn Arranġament ta' Riżerva (Stand-By Arrangement — SBA) ta' tliet snin fl-ammont ta' USD 2 000 miljun. Dak il-programm tlesta b'suċċess f'Awwissu 2015. Taħt dak il-programm, il-Ġordan għamel progress konsiderevoli fil-konsolidazzjoni fiskali, megħjun ukoll minn tnaqqis fil-prezzijiet taż-żejt, u ma' għadd ta' riformi strutturali.

(6) F'Diċembru 2012, il-Ġordan talab għal assistenza makrofinanzjarja kumplimentari mill-Unjoni. Bi tweġiba għal dan, f'Diċembru 2013 ([1]) ġiet adottata deċiżjoni li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ta' EUR 180 miljun fil-forma ta' self (AMF-I). Il-Memorandum ta' Qbil li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' politika relatati mal-AMF-I daħal fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2014. Wara l-implimentazzjoni tal-miżuri maqbula ta' politika, l-ewwel ħlas parzjali ta' AMF-I kien imħallas fl-10 ta' Frar 2015 u t-tieni ħlas parjzali ġie mħallas fil-15 ta' Ottubru 2015.

(7) Sa mill-bidu tal-kriżi Sirjana, l-Unjoni allokat kważi EUR 1 130 miljun lill-Ġordan. Dan jinkludi, b'żieda mal-EUR 180 miljun mill-ewwel operazzjoni għall-assistenza makrofinanzjarja, EUR 500 miljun f'kooperazzjoni regolari bilaterali pprogrammata għall-Ġordan ffinanzjata taħt l-Istrument Ewropew tal-Viċinat, madwar EUR 250 miljun mill-baġit umanitarju u aktar minn EUR 30 miljun mill-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi. Barra minn hekk, il-Bank Ewropew tal-Investiment ipprovda self fl-ammont ta' EUR 264 miljun disponibbli mill-2011 'l hawn.

(8) L-intensifikazzjoni tal-kriżi Sirjana fl-2015 affettwat serjament il-Ġordan permezz tal-effetti fuq il-kummerċ, it-turiżmu u l-fiduċja tal-investituri. Il-Ġordan kien ukoll affettwat bi tnaqqis fl-appoġġ finanzjarju mill-pajjiżi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, milquta minn tnaqqis fil-prezzijiet taż-żejt. B'riżultat ta' dan, it-tkabbir ekonomiku naqas għal darb'oħra, il-qgħad żdied u ħarġu ħtiġijiet ta' finanzjament estern u fiskali ġodda.

(9) F'dan il-kuntest ta' sfida, l-Unjoni rriaffermat l-impenn tagħha li tappoġġa lill-Ġordan fil-proċess ta' riforma ekonomika u politika tagħha. B'mod partikolari, dak l-impenn ġie espress fil-konferenza "Supporting Syria and the Region", li saret f'Londra fl-4 ta' Frar 2016, fejn l-Unjoni wiegħdet EUR 2 390 miljun fl-2016-2017 f'appoġġ finanzjarju għall-pajjiżi l-aktar milquta mill-kriżi tar-rifuġjati, inkluż il-Ġordan. L-appoġġ politiku u ekonomiku mill-Unjoni għall-proċess ta' riforma tal-Ġordan huwa konsistenti mal-politika tal-Unjoni għan-Nofsinhar tar-reġjun Mediterranju, kif stabbilit fil-kuntest tal-PEV.

(10) Wara d-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-Ġordan, l-FMI u l-Ġordan bdew ukoll diskussjonijiet dwar arranġament suċċessur, li jista' jieħu l-forma ta' Faċilità ta' Finanzjament Estiż ("il-programm tal-FMI") u x'aktarx ikopri perijodu ta' tliet snin, li jibda fir-Rebbiegħa tal-2016. Il-programm il-ġdid tal-FMI jkollu l-għan li jtaffi d-diffikultajiet għal żmien qasir tal-Ġordan fil-livell tal-bilanċ tal-pagamenti filwaqt li jinkoraġġixxi l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' aġġustament b'saħħithom.

(11) F'Marzu tal-2016, fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika u l-prospett ekonomiku li kienu sejrin għall-agħar, il-Ġordan talab għal aktar assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni.

(12) Minħabba li l-Ġordan hu pajjiż kopert mill-PEV, jenħtieġ li jkun ikkunsidrat bħala eliġibbli biex jirċievi l-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni.

(13) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni tkun strument finanzjarju eċċezzjonali ta' appoġġ mingħajr irbit u mhux speċifikata għall-bilanċ tal-pagamenti, bl-għan li tindirizza l-ħtiġijiet finanzjarji esterni immedjati tal-benefiċjarju u jenħtieġ li tirfed l-implimentazzjoni ta' programm ta' politika li fih miżuri qawwija ta' riforma strutturali u ta' aġġustament immedjat maħsuba biex itejbu l-pożizzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti fuq perijodu ta' żmien qasir.

(14) Minħabba li għad hemm diskrepanza sinifikanti fil-finanzjament estern residwu tal-bilanċ tal-pagamenti tal-Ġordan lil hinn mir-riżorsi pprovduti mill-FMI u minn istituzzjonijiet multilaterali oħrajn, l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni li tingħata lill-Ġordan, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali qed titqies bħala tweġiba xierqa għat-talba tal-Ġordan li tiġi appoġġata l-istabilizzazzjoni ekonomika flimkien mal-programm tal-FMI. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tappoġġa l-aġenda tal-istabbilizzazzjoni ekonomika u tar-riforma strutturali tal-Ġordan, filwaqt li tissuplimenta r-riżorsi li huma disponibbli taħt l-arranġament finanzjarju tal-FMI.

([1]) Id-Deċiżjoni Nru 1351/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 4).

(15) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jkollha l-għan li tappoġġa l-ħolqien mill-ġdid ta' sitwazzjoni finanzjarja esterna sostenibbli għall-Ġordan, u b'hekk tappoġġa l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tiegħu.

(16) Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni hija bbażata fuq valutazzjoni kwantitattiva kompleta tal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern residwu tal-Ġordan u tqis il-kapaċità tagħha ta' awtofinanzjament bir-riżorsi proprji, partikolarment ir-riżervi internazzjonali għad-dispożizzjoni tagħha. Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tikkomplimenta l-programmi u r-riżorsi pprovduti mill-FMI u l-Bank Dinji. Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza tqis ukoll il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mistennija mingħand donaturi multilaterali u l-ħtieġa li tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet bejn l-Unjoni u donaturi oħrajn, kif ukoll l-iskjerament diġà eżistenti tal-istrumenti ta' finanzjament esterni l-oħrajn tal-Unjoni fil-Ġordan u l-valur miżjud tal-involviment ġenerali tal-Unjoni.

(17) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun legalment u sostanzjalment konformi mal-prinċipji u l-objettivi u l-miżuri ewlenin meħuda fl-oqsma differenti tal-azzjoni esterna, u ma' politiki oħrajn rilevanti tal-Unjoni.

(18) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tappoġġa l-politika esterna tal-Unjoni rigward il-Ġordan. Jenħtieġ li s-servizzi tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jaħdmu flimkien mill-qrib matul l-operazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja kollha bl-għan li jikkoordinaw il-politika esterna tal-Unjoni u li jiżguraw il-konsistenza tagħha.

(19) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tappoġġa l-impenn tal-Ġordan fir-rigward tal-valuri kondiviżi mal-Unjoni, fosthom id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll l-impenn tagħha lejn il-prinċipji ta' kummerċ miftuħ, ibbażat fuq ir-regoli u ġust.

(20) Jenħtieġ li prekondizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun li l-Ġordan jirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inklużi sistema parlamentari b'diversi partiti, u l-istat tad-dritt, u jiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-objettivi speċifiċi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jsaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġordan, u jenħtieġ li jippromwovu r-riformi strutturali li għandhom l-għan li jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli u inklussiv, il-ħolqien tal-impjiegi u l-konsolidazzjoni fiskali. Jenħtieġ li kemm it-twettiq tal-prekundizzjonijiet kif ukoll il-kisba ta' dawn l-objettivi jiġu mmonitorjati regolarment mill-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

(21) Sabiex tkun żgurata l-protezzjoni effikaċi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni marbuta mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Ġordan jadotta l-miżuri xierqa relatati mal-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kull irregolarità oħra marbuta ma' din l-assistenza, u l-ġlieda kontrihom. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi previst li l-Kummissjoni twettaq verifiki u li l-Qorti tal-Awdituri twettaq il-kontrolli kontabilistiċi.

(22) Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, bħala awtorità baġitarja.

(23) Jenħtieġ li l-ammonti li għandhom jiġu pprovduti meħtieġa għall-assistenza makrofinanzjarja jkunu konsistenti mal-approprjazzjonijiet baġitarji definiti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

(24) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tiġi ġestita mill-Kummissjoni. Sabiex ikun żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jsegwu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinfurmahom regolarment bl-iżviluppi marbutin mal-assistenza u tipprovdilhom id-dokumenti rilevanti.

(25) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal- eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(26) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun soġġetta għal kundizzjonijiet ta' politika ekonomika, li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni u għal raġunijiet ta' effiċjenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tinnegozja dawn il-kundizzjonijiet mal-awtoritajiet tal-Ġordan taħt is-superviżjoni tal-kumitat tar-rappreżentanti tal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. Skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li bħala regola ġenerali tapplika l-proċedura konsultattiva fil-każijiet kollha ħlief kif previst f'dan ir-Regolament. Meta jiġi kkunsidrat l-impatt potenzjalment importanti tal-assistenza ta' aktar minn EUR 90 miljun, huwa xieraq li l-proċedura ta' eżami tintuża għal operazzjonijiet li jeċċedu dak il-limitu. Meta jitqies l-ammont ta' assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni lill-Ġordan, jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tapplika għall-adozzjoni tal-Memorandum ta' Qbil, u għal kull tnaqqis, sospensjoni jew tħassir tal-assistenza,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Unjoni għandha tagħmel assistenza makrofinanzjarja ta' ammont massimu ta' EUR 200 miljun disponibbli għall-Ġordan ("l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni"), bil-ħsieb li tappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Ġordan u aġenda ta' riforma sostantiva. L-assistenza għandha tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-Ġordan għall-bilanċ tal-pagamenti kif inhuma identifikati fil-programm tal-FMI.

2. L-ammont sħiħ tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut lill-Ġordan fil-forma ta' self. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, biex tissellef il-fondi meħtieġa mis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji, u ssellifhom lill-Ġordan. Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.

3. L-iżborż tal-assistenza makroekonomika tal-Unjoni għandu jkun ġestit mill-Kummissjoni b'mod konsistenti mal-ftehimiet jew arranġamenti milħuqa bejn l-FMI u l-Ġordan, u mal-prinċipji u l-objettivi ewlenin tar-riformi ekonomiċi stipulati fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan, il-Qafas ta' Appoġġ Uniku għall-2014-2017 u l-Prijoritajiet ta' Sħubija tal-futur. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-iżviluppi fir-rigward tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inklużi l-iżborżi tagħha, u għandha tipprovdi lil dawk l-istituzzjonijiet bid-dokumenti rilevanti fi żmien xieraq.

4. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli għal perijodu ta' sentejn u nofs, li jibda mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil imsemmi fl-Artikolu 3(1).

5. Jekk il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ġordan jonqsu b'mod fundamentali matul il-perijodu tal-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni meta mqabbla mal-projezzjonijiet inizjali, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2), għandha tnaqqas l-ammont tal-assistenza jew tissospendiha jew tħassarha.

*Artikolu 2*

1. Prekondizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun li l-Ġordan jirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inklużi sistema parlamentari b'diversi partiti, u l-istat tad-dritt, u jiggarantixxi r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem.

2. Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jimmonitorjaw li l-prekundizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tiġi ssodisfata matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu applikati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE ([1]).

*Artikolu 3*

1. Il-Kummissjoni, skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2), għandha tiftiehem mal-awtoritajiet tal-Ġordan dwar politika ekonomika u kundizzjonijiet finanzjarji definiti b'mod ċar, ikkonċentrati fuq riformi strutturali u finanzi pubbliċi sodi, li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun soġġetta għalihom, li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil (il-"Memorandum ta' Qbil"), li għandu jinkludi perijodu taż-żmien għat-twettiq ta' dawk il-kundizzjonijiet. Il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil għandhom jkunu konsistenti mal-ftehimiet jew qbil imsemmija fl-Artikolu 1(3), inklużi l-programmi ta' aġġustament makroekonomiku u ta' riforma strutturali implimentati mill-Ġordan, bl-appoġġ tal-FMI.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

2. Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jimmiraw, b'mod partikolari, li jtejbu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġordan, inkluż għall-użu tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Il-progress rigward il-ftuħ reċiproku tas-suq, l-iżvilupp ta' kummerċ ġust u bbażat fuq ir-regoli u prijoritajiet oħrajn fil-kuntest tal-politika esterna tal-Unjoni għandhom ukoll jitqiesu b'mod debitu fit-tfassil tal-miżuri ta' politika. Il-progress fil-ksib ta' dawn l-objettivi għandu jiġi mmonitorjat regolarment mill-Kummissjoni.

3. It-termini finanzjarji dettaljati tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom jiġu stipulati fi Ftehim dwar is-Self li għandu jintlaħaq bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Ġordan.

4. Il-Kummissjoni għandha tivverifika f'intervalli regolari li l-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 4(3) jibqgħu jiġu ssodisfati, inkluż jekk il-linji ta' politika ekonomika tal-Ġordan ikunux f'konformità mal-objettivi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Hija u tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tikkoordina mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji u, fejn ikun meħtieġ, mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

*Artikolu 4*

1. Suġġett għall-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun magħmula disponibbli mill-Kummissjoni f'żewġ ħlasijiet parzjali ta' self. Id-daqs ta' kull ħlas parzjali għandu jiġi stabbilit fil-Memorandum ta' Qbil.

2. L-ammonti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom jagħtu lok għal proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni, fejn meħtieġ, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 [1].

3. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-iżborż tal-ħlasijiet parzjali soġġetti għat-twettiq tal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-prekundizzjoni stipulata fl-Artikolu 2;

(b) rekord sodisfaċenti kontinwu fl-implimentazzjoni ta' programm ta' politika li fih miżuri ta' aġġustament u ta' riforma strutturali b'saħħithom appoġġati minn arranġament ta' kreditu mill-FMI mhux prekawzjonarju; u

(c) l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-politika ekonomika u tal-kundizzjonijiet finanzjarji miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil.

L-iżborż tat-tieni ħlas parzjali m'għandux, fil-prinċipju, isir qabel tliet xhur wara l-iżborż tal-ewwel ħlas parzjali.

4. Fejn il-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ma jiġux sodisfati, il-Kummissjoni għandha tissospendi jew tikkanċella temporanjament l-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. F'tali każijiet, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-raġunijiet għal dik is-sospensjoni jew il-kanċellazzjoni.

5. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha titħallas lill-Bank Ċentrali tal-Ġordan. Soġġetti għad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil, inkluża konferma tal-ħtiġijiet finanzjarji baġitarji residwi, il-fondi tal-Unjoni jistgħu jiġu ttrasferiti lill-Ministeru tal-Finanzi tal-Ġordan bħala l-benefiċjarju aħħari.

*Artikolu 5*

1. L-operazzjonijiet ta' teħid jew għoti ta' self marbutin mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom isiru fil-munita euro bl-użu tal-istess data tal-valur u ma għandhomx jinvolvu lill-Unjoni fit-trasformazzjoni tal-maturitajiet, jew jesponuha għal kwalunkwe riskju marbut mar-rata tal-kambju jew mar-rata tal-imgħax, jew għal kwalunkwe riskju kummerċjali ieħor.

2. Fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu, u jekk il-Ġordan jitlob dan, il-Kummissjoni tista' tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li tiddaħħal klawsola dwar ir-rimborż bikri fit-termini u l-kundizzjonijiet ta' self u li din tkun appoġġata minn klawsola korrispondenti dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10).

3. Fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu titjib fir-rata tal-imgħax tas-self u jekk il-Ġordan jitlob dan, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tiffinanzja mill-ġdid it-teħid b'self inizjali kollu jew parti minnu, jew tista' tirristruttura l-kundizzjonijiet finanzjarji korrispondenti. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid jew ta' ristrutturar għandhom isiru f'konformità mal-paragrafi 1 u 4 u ma għandux ikollhom l-effett li jestendu l-maturità tat-teħid ta' self ikkonċernat jew li jżidu l-ammont ta' kapital pendenti fid-data tal-finanzjament mill-ġdid jew tar-ristrutturar.

4. L-ispejjeż kollha mġarrba mill-Unjoni li jkunu relatati mal-operazzjonijiet tal-għoti jew ta' teħid b'self skont din id-Deċiżjoni, għandhom jitħallsu mill-Ġordan.

5. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżviluppi fl-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.

*Artikolu 6*

1. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi implimentata skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 ([2]).

2. L-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun taħt ġestjoni diretta.

3. Il-Ftehim dwar is-Self imsemmi fl-Artikolu 3(3) għandu jkun fih dispożizzjonijiet:

(a) li jiżguraw li l-Ġordan jivverifika regolarment li l-finanzjament ipprovdut mill-baġit tal-Unjoni ntuża kif suppost, li dan jieħu miżuri xierqa biex jipprevjeni l-irregolaritajiet u l-frodi u, jekk ikun meħtieġ, jieħu azzjoni legali biex jirkupra kwalunkwe fondi pprovduti skont din id-Deċiżjoni li jkunu ġew approprjati ħażin;

(b) li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jipprevedu miżuri speċifiċi f'dak li jikkonċerna l-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe irregolarità oħra li taffettwa l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 ([3]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96 ([4]) u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]);

(c) li jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni, inkluż lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, jew lir-rappreżentanti tiegħu li jwettqu verifiki, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post;

(d) li jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri li jagħmlu awditjar matul u wara l-perijodu ta' disponibbiltà tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inkluż awditjar ta' dokumenti u awditjar fuq il-post, bħal pereżempju valutazzjonijiet operazzjonali; u

(e) li jiżguraw li l-Unjoni tkun intitolata għal ħlas lura bikri tas-self meta jkun stabbilit li, fir-rigward tal-ġestjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Ġordan ikun ħa sehem f'xi att ta' frodi jew ta' korruzzjoni jew f'xi attività illegali oħra li tkun ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

4. Qabel l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, permezz ta' valutazzjoni operazzjonali, is-solidità tal-arranġamenti finanzjarji tal-Ġordan, il-proċeduri amministrattivi u l-mekkaniżmi ta' kontroll interni u esterni li huma rilevanti għall-assistenza.

---

([1]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

([5]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

*Artikolu 7*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn kumitat. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 8*

1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fis-sena ta' qabel, inkluża evalwazzjoni ta' din l-implimentazzjoni. Dak ir-rapport għandu:

(a) jeżamina l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni;

(b) jivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika u l-prospetti tal-Ġordan, kif ukoll il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika msemmija fl-Artikolu 3(1);

(c) jindika r-rabta bejn il-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika stipulati fil-Memorandum ta' Qbil, il-prestazzjoni ekonomika u fiskali attwali tal-Ġordan u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li tirrilaxxa l-ħlasijiet parzjali tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

2. Sa mhux aktar tard minn sentejn wara li jiskadi l-perijodu ta' disponibbiltà msemmi fl-Artikolu 1(4), il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport ta' evalwazzjoni ex-post lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta r-riżultati u l-effiċjenza tal-assistenza makrofinanzjarja kompleta tal-Unjoni u sa liema punt din ikkontribwiet għall-għanijiet tal-assistenza.

*Artikolu 9*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu, l-14 ta' Diċembru 2016.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | I. KORČOK |

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni**

Fid-dawl tal-isfidi fiskali u ċ-ċirkustanzi straordinarji li qiegħed jiffaċċja l-Ġordan minħabba li qiegħed jospita iktar minn 1,3 miljun Sirjan, il-Kummissjoni ser, fl-2017, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta ġdida sabiex testendi u żżid l-AMF lill-Ġordan, malli titlesta b'suċċess it-tieni AMF u dment li jkunu ssodisfati l-prekundizzjonijiet tas-soltu għal dan it-tip ta' assistenza, inkluża valutazzjoni aġġornata mill-Kummissjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern tal-Ġordan. Din l-għajnuna kritika għall-Ġordan tgħin lill-pajjiż iżomm l-istabbiltà makroekonomika filwaqt li jżomm ukoll il-gwadanji fl-iżvilupp u jkompli bl-aġenda tar-riforma tal-pajjiż.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2016/2372

**tad-19 ta' Diċembru 2016**

**li jiffissal-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 43(3) tat-Trattat jipprevedi li l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jeżiġi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni filwaqt li jittieħed kont tal-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inklużi, fejn ikunu rilevanti, rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STECF).

(3) Il-Kunsill għandu d-dmir li jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont is-sajd jew il-grupp tas-sajd fil-Baħar l-Iswed, kif opportun, inklużi ċerti kundizzjonijiet li huma funzjonalment marbuta magħhom. Skont l-Artikolu 16(1) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu mqassma fost l-Istati Membri b'tali mod li tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew żona tas-sajd u skont l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd stabbiliti fl-Artikolu 2(2) tal-istess Regolament.

(4) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, b'kunsiderazzjoni ta' aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi filwaqt li jkun żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet espressi fil-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

(5) Għas-sajd tal-laċċa kaħla, l-obbligu ta' ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 japplika mill-1 ta' Jannar 2015. L-Artikolu 16(2) ta' dak ir-Regolament jistipula li, meta jiddaħħal l-obbligu ta' ħatt l-art rigward stokk partikolari ta' ħut, l-opportunitajiet tas-sajd iridu jiġu stabbiliti billi tiġi kkunsidrata l-bidla mill-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd li jirriflettu l-ħatt l-art għall-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd li jirriflettu l-qabdiet.

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(6) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd kif stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([1]) u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tan-notifika tad-*data* dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu speċifikati l-kodiċijiet li l-Istati Membri jridu jużaw meta jibagħtu d-*data* lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament.

(7) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 ([2]), iridu jiġu identifikati l-istokkijiet li huma soġġetti għall-miżuri varji msemmija fih.

(8) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jintużaw f'konformità sħiħa mal-liġi applikabbli tal-Unjoni.

(9) Sabiex tkun evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u sabiex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, huwa importanti li fl-1 ta' Jannar 2017 jinfetħu t-tipi tas-sajd inkwistjoni fil-Baħar l-Iswed. Għal raġunijiet ta' urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

## SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

### Suġġett

Dan ir-Regolament jiffissal-opportunitajiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tal-Bulgarija u tar-Rumanija għas-sena 2017 għal ċerti stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed:

(a) Barbun Imperjali (*Psetta maxima*);

(b) Laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*).

*Artikolu 2*

### Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar l-Iswed.

*Artikolu 3*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "GFCM" tfisser il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran;

(b) "Il-Baħar l-Iswed" tfisser is-subżona ġeografika 29 kif iddefinita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]);

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

(c) "bastiment tas-sajd" tfisser kull bastiment mgħammar għall-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

(d) "bastiment tas-sajd tal-Unjoni" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru u rreġistrat fl-Unjoni;

(e) "stokk" tfisser riżorsa bijoloġika tal-baħar li tinsab f'żona ta' ġestjoni partikolari;

(f) "kwota awtonoma tal-Unjoni" tfisser limitu tal-qabdiet allokati b'mod awtonomu lil bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fin-nuqqas ta' qbil dwar TAC;

(g) "valutazzjonijiet analitiċi" tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, abbażi ta' *data*dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk, li l-analiżi xjentifika tkun indikat li hija *data* ta' kwalità biżżejjed biex abbażi tagħha jingħata parir xjentifiku dwar l-għażliet għall-qabdiet futuri.

KAPITOLU II

**OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD**

*Artikolu 4*

## Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd

Il-kwoti awtonomi tal-UE għall-bastimenti tal-Unjoni, l-allokazzjoni ta' tali kwoti fost l-Istati Membri, u l-kundizzjonijiet funzjonalment marbuta magħhom, fejn xieraq, huma stabbiliti fl-Anness.

*Artikolu 5*

## Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet

L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stipulat f'dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

(a) skambji magħmula skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(c) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 6*

## Kundizzjonijiet għall-ħatt l-art tal-qabdiet u tal-qabdiet aċċessorji mhux soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art

Il-qabdiet u l-qabdiet aċċessorji tal-barbun imperjali għandhom jinżammu abbord jew jinħattu l-art biss jekk il-qabdiet isiru minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru li għandu kwota, liema kwota ma tkunx eżawrita.

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 7*

## Trażmissjoni tad-data

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu *data* lill-Kummissjoni relatata mal-ħatt l-art ta' kwantitajiet ta' stokkijiet maqbuda, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 8*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. SÓLYMOS

*ANNESS*

## Opportunitajiet tas-sajd applikabbli għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni

It-tabelli li ġejjin jistabbilixxu l-kwoti (f'tunnellati ta' piż ħaj) skont l-istokk u skont il-kundizzjonijiet funzjonalment marbuta magħhom.

L-istokkijiet ta' ħut huma msemmija skont l-ordni alfabetiku tal-ismijiet tal-ispeċijiet bil-Latin. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni:

| Isem xjentifiku | Kodiċi Alfa-3 | Isem komuni |
|---|---|---|
| Psetta maxima | TUR | Barbun imperjali |
| Sprattus sprattus | SPR | Laċċa Kaħla |

| **Speċi:** | Barbun imperjali<br>*Psetta maxima* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed<br>TUR/F37.4.2.C |
|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | 43,2 | | |
| Ir-Rumanija | 43,2 | | |
| | (*) | | |
| L-Unjoni | 86,4 | | |
| TAC | Mhux rilevanti/ Mhux miftiehma | | Parir analitiku tal-istokk<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika |

(*) L-ebda attività tas-sajd inkluż it-trażbord, it-teħid abbord, il-ħatt l-art u l-ewwel bejgħ mhi permessa mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju 2017.

| **Speċi:** | Laċċa Kaħla<br>*Sprattus sprattus* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed<br>SPR/F37.4.2.C |
|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | 8 032,5 | | |
| Ir-Rumanija | 3 442,5 | | |
| L-Unjoni | 11 475 | | |
| TAC | Mhux rilevanti/ Mhux miftiehma | | Parir analitiku tal-istokk<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/2373

## tat-22 ta' Diċembru 2016

## li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1127

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill adotta r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1127 ([2]) li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 billi stabbilixxa lista aġġornata ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001.

(2) Il-Kunsill iddetermina li tliet persuni addizzjonali ġew involuti f'atti terroristiċi fis-sens tal-Artikolu 1(2) u (3) tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK ([3]), li ttieħdet deċiżjoni fir-rigward tagħhom minn awtorità kompetenti fis-sens tal-Artikolu 1(4) ta' dik il-Pożizzjoni Komuni, u li jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-miżuri restrittivi speċifiċi previsti fir-Regolament (KE) Nru 2580/2001.

(3) Jenħtieġ li l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness għar-Rgolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1127 hija emendata kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. LAJČÁK

---

([1]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1127 tat-12 ta' Lulju 2016 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2425 (ĠU L 188, 13.7.2016, p. 1).

([3]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93).

*ANNESS*

Il-persuni elenkati hawn taħt jiżdiedu mal-lista ta' persuni li tinsab fit-Taqsima I (Persuni) tal-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1127:

— EL HAJJ, Hassan Hassan, imwieled fit-22 ta' Marzu 1988 f'Zaghdraiya, Sidon (il-Libanu), ċittadin Kanadiż. Numru tal-passaport: JX446643 (il-Kanada);

— MELIAD, Farah (magħruf ukoll bħala HUSSEIN HUSSEIN, magħruf ukoll bħala JAY DEE), imwieled fil-5 ta' Novembru 1980 f'Sydney (l-Awstralja), ċittadin Awstraljan. Numru tal-passaport: M2719127 (l-Awstralja);

— ŞANLI, Dalokay (magħruf ukoll bħala Sinan), imwieled fit-13 ta' Ottubru 1976 f'Pülümür (it-Turkija).

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2374

## tat-12 ta' Ottubru 2016

## li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd bit-tkarkir tal-qiegħ fl-ilmijiet tal-Lbiċ

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(6) u 18(1) u (3) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu l-għan li jelimina progressivament il-qbid skartat fis-sajd kollu tal-Unjoni bl-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għall-qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal-limiti ta' qbid.

(2) L-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta pjanijiet għall-iskartar permezz ta' atti delegati għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin abbażi tar-rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri b'konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.

(3) Bir-Regolament (UE) 2015/2439 ([2]), il-Kummissjoni stabbiliet pjan għall-iskartar għal ċertu sajd bit-tkarkir tal-qiegħ fl-ilmijiet tal-Lbiċ għall-perjodu 2016-2018 wara rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata mill-Istati Membri fl-2015.

(4) Il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall għandhom interess ta' ġestjoni tas-sajd dirett fl-ilmijiet tal-Lbiċ. Fil-31 ta' Mejju 2016, dawk l-Istati Membri ppreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti lill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv għall-Ilmijiet tal-Lbiċ. Il-korpi xjentifiċi rilevanti taw kontributi xjentifiċi li kienu eżaminati mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). Il-miżuri inklużi fir-rakkomandazzjoni konġunta jikkonformaw mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u dawn jistgħu jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.

(5) Fir-rigward tal-ilmijiet tal-Lbiċ, skont l-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika għal speċijiet li jiddefinixxu s-sajd sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2016.

(6) Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2439 stabbilixxa dispożizzjonijiet għall-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd bit-tkarkir tal-qiegħ fl-ilmijiet tal-Lbiċ għall-perjodu 2016-2018.

(7) Skont ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida ppreżentata mill-Istati Membri fl-2016, il-pjan għall-iskartar għall-2017 għandu jkopri s-sajd tal-lingwata komuni, tal-merluzz, tal-petrika u tal-iskampu (fiż-żoni tad-distribuzzjoni tal-istokkijiet imsemmija bħala "unitajiet funzjonali" biss) fid-Diviżjonijiet VIIIa, b, d, e tal-ICES; tal-iskampu fid-Diviżjonijiet VIIIc u IXa tal-ICES (fl-unitajiet funzjonali biss); tal-lingwata komuni u tal-barbun tat-tbajja' fid-Diviżjoni IXa tal-ICES, tal-merluzz fid-Diviżjonijiet VIIIc u IXa tal-ICES u tal-petrika fid-Diviżjonijiet VIIIa b, c, d, e u IXa tal-ICES.

(8) Ir-rakkomandazzjoni konġunta ssuġġeriet li għandha tiġi applikata eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art għall-iskampu maqbud mix-xbieki tat-tkarkir fis-subżoni VIII u IX tal-ICES, u dan billi l-evidenza xjentifika eżistenti tindika rati possibbli ta' sopravivenza għolja, u dan filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-irkapti li jimmiraw għal din l-ispeċi, il-prattiki tas-sajd u l-ekosistema. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd fl-evalwazzjoni tiegħu jikkonkludi li l-esperimenti l-aktar reċenti juru rati ta' sopravivenza fil-medda tar-rata ta' sopravivenza osservata fil-ħidma preċedenti. Aktar studji huma ppjanati u għandhom jipprovdu aktar informazzjoni dwar ir-rati ta' sopravivenza probabbli f'dan is-sajd. Għalhekk, din l-eżenzjoni għandha tiġi inkluża fir-Regolament għas-sena 2017, b'dispożizzjoni li titlob lill-Istati Membri kkonċernati jagħtu lill-Kummissjoni aktar dejta mill-provi għaddejjin biex il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ikun jista' jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjonijiet għall-eżenzjoni.

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22
([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2439 tat-12 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar tal-ħut għal ċertu sajd bit-tkarkir tal-qiegħ fl-ilmijiet tal-Lbiċ (ĠU L 336, 23.12.2015, p. 36).

(9) Ir-rakkomandazzjoni konġunta fiha tliet eżenzjonijiet *de minimis* mill-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd u sa ċerti livelli. L-evidenza pprovduta mill-Istati Membri ġiet analizzata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd jikkonkludi li r-rakkomandazzjoni konġunta fiha argumenti motivati b'rabta mad-diffikultà fiż-żieda tas-selettività flimkien mal-ispejjeż sproporzjonati tal-ipproċessar tal-qabdiet mhux mixtieqa. Fid-dawl ta' dan kollu, huwa xieraq li jkunu stabbiliti eżenzjonijiet *de minimis* skont il-livell perċentwali propost fir-rakkomandazzjoni konġunta u f'livelli li ma jaqbżux dawk permessi skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(10) L-eżenzjoni *de minimis* għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jistadu għal din l-ispeċi fid-Diviżjonijiet VIIIa u VIIIb tal-ICES bix-xbieki tat-tkarkir bi travu u bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, huwa bbażat fuq il-fatt li ż-żidiet vijabbli fis-selettività jkunu diffiċli ħafna li jinkisbu. L-STECF ikkonkluda li l-informazzjoni ta' sostenn hija biżżejjed biex tiġġustifika l-eżenzjoni ssuġġerita. Għalhekk, din ir-rakkomandazzjoni ma ġietx inkluża f'dan ir-Regolament.

(11) L-eżenzjoni *de minimis* għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jistadu għal din l-ispeċi fid-Diviżjonijiet VIIIa u VIIIb tal-ICES bil-pariti u bl-għeżula, huwa bbażat fuq il-fatt li ż-żidiet vijabbli fis-selettività jkunu diffiċli ħafna li jinkisbu. L-STECF ikkonkluda li l-informazzjoni ta' sostenn hija biżżejjed biex tiġġustifika l-eżenzjoni mitluba. Għalhekk, din ir-rakkomandazzjoni ma ġietx inkluża f'dan ir-Regolament.

(12) L-eżenzjoni *de minimis* għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 7 % fl-2017 u 6 % fl-2018 tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jistadu għal din l-ispeċi fis-subżoni VIII u IX tal-ICES bix-xbieki tat-tkarkir, hija bbażata fuq il-fatt li ż-żidiet vijabbli fis-selettività jkunu diffiċli ħafna li jinkisbu. L-STECF ikkonkluda li l-informazzjoni addizzjonali pprovduta tas-selettività ma kienx fiha provi addizzjonali li juru li s-selettività hija diffiċli ħafna biex tinkiseb għall-mestieri involuti. Għalhekk, għandha ssir aktar ħidma sabiex tissaħħaħ il-ġustifikazzjoni għal din l-eżenzjoni. Għalhekk, din l-eżenzjoni għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament għall-2017, jiġifieri għal sena waħda biss, u bil-kundizzjoni li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni mtejba li tiġġustifika din l-eżenzjoni li għandha' tiġi vvalutata mill-STECF.

(13) Għaldaqstant, jeħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2015/2439 jitħassar u jiġi sostitwit b'Regolament ġdid.

(14) Billi l-miżuri mogħtija f'dan ir-Regolament iħallu impatt dirett fuq l-attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-istaġun tas-sajd u mal-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art**

L-obbligu ta' ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika f'sub-żoni VIII, IX, X tal-ICES u ż-żoni CECAF 34.1.1, 34.1.2, 34.2.0 għas-sajd stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Eżenzjoni ta' sopravivenza**

1. L-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art stipulat fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għal speċijiet li fil-każ tagħhom l-evidenza xjentifika turi rati ta' sopravivenza għolja għandha tapplika għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) maqbud fis-subżoni VIII u IX tal-ICES bix-xbieki tat-tkarkir (kodiċijiet tal-irkaptu ([1]): OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT u TX).

2. L-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fl-Ilmijiet tal-Lbiċ għandhom sal-1 ta' Mejju 2017 biex jippreżentaw l-informazzjoni xjentifika addizzjonali li tġġustifika l-eżenzjoni stipulata fil-paragrafu 1. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) għandu jevalwa l-informazzjoni xjentifika mogħtija sal-1 ta' Settembru 2017.

([1]) Il-kodiċijiet tal-irkaptu użati f'dan ir-Regolament huma ddefiniti mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 3*

**Eżenzjonijiet de minimis**

1. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati l-kwantitajiet li ġejjin:

(a) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*), sa massimu ta' 7 % fl-2017 u sa 6 % fl-2018 tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir (kodiċijiet tal-irkaptu: OTT, OTB, PTB, OT, PT, TBN, TBS, TX, SSC, SPR, TB, SDN, SX u SV) li jimmiraw għal din l-ispeċi fis-subżoni VIII u IX tal-ICES.

(b) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu (kodiċi tal-irkaptu: TBB) u xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, it-TBB, OT, PT u TX) li jimmiraw għal din l-ispeċi fid-Diviżjonijiet VIIIa u VIIIb tal-ICES;

(c) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' din l-ispeċi minn bastimenti li jużaw pariti u għeżula (kodiċijiet tal-irkaptu: GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR u GEN) li jimmiraw għal din l-ispeċi fid-Diviżjonijiet VIIIa u VIIIb tal-ICES;

2. Qabel l-1 ta' Mejju 2017, l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fl-Ilmijiet tal-Lbiċ għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni dejta addizzjonali dwar l-iskartar u kull informazzjoni xjentifika rilevanti oħra li tiġġustifika l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1(a). Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) għandu jevalwa l-informazzjoni xjentifika mogħtija sal-1 ta' Settembru 2017.

*Artikolu 4*

**Bastimenti soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art**

L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-bastimenti soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art għal kull qasam tas-sajd partikolari.

Bastimenti li kienu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fl-2016 għandhom jibqgħu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dak is-sajd.

Sal-31 ta' Diċembru 2016, l-Istati Membri konċernati għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, permezz ta' sit web sigur tal-kontroll tal-Unjoni, il-listi ta' bastimenti ddefiniti skont il-paragrafu 1 għal kull qasam tas-sajd partikolari stabbiliti fl-Anness. Huma għandhom iżommu dawn il-listi aġġornati.

*Artikolu 5*

**Tħassir**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2439 huwa mħassar.

*Artikolu 6*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2018.

L-Artikolu 4 għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta’ Ottubru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

**Sajd soġġett għall-obbligu ta' ħatt l-art**

(a) Is-sajd fid-diviżjonijiet VIIIa, b, d u e tal-ICES

| Sajd (speċi) | Kodiċi tal-irkaptu | Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd | Daqs tal-malja | Speċi li tinħatt l-art |
|---|---|---|---|---|
| Lingwata komuni (*Solea solea*) | OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT, TX | Ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ kollha | Malja tax-xbieki wiesgħa bejn 70 mm u 100 mm | Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni |
| | TBB | Ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, kollha | Malja tax-xbieki wiesgħa bejn 70 mm u 100 mm | |
| | GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN | Il-pariti u l-għeżula kollha | Malja tax-xbieki wiesgħa 100 mm jew iktar | |
| Merluzz (*Merluccius merluccius*) | OTB, OTT, PTB, SDN, OT, PT, TBN, TBS, TX, SSC, SPR, TB, SX, SV | Ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni kollha | Malja tax-xbieki wiesgħa 100 mm jew iktar | Il-qabdiet kollha tal-merluzz |
| | LL, LLS | Il-konzijiet kollha | Kollha | |
| | GNS, GN, GND, GNC, GTN, GEN | L-għeżula kollha | Malja tax-xbieki wiesgħa 100 mm jew iktar. | |
| Petrika (*Lophiidae*) | GNS, GN, GND, GNC, GTN, GEN | L-għeżula kollha | Malja tax-xbieki wiesgħa 200 mm jew iktar. | Il-qabdiet kollha tal-petrika |
| Skampu (*Nephrops norvegicus*) ġewwa unitajiet funzjonali biss | OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT, TX | Ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ kollha | Malji tax-xbieki ta' 70 mm jew akbar | Il-qabdiet kollha tal-iskampu |

(b) Is-sajd fid-diviżjonijiet VIIIc u IXa tal-ICES

| Sajd (speċi) | Kodiċi tal-irkaptu | Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd | Daqs tal-malja | L-obbligu ta' ħatt l-art |
|---|---|---|---|---|
| Petrika (*Lophiidae*) | GNS, GN, GND, GNC, GTN, GEN | L-għeżula kollha | Malja tax-xbieki wiesgħa 200 mm jew iktar | Il-qabdiet kollha tal-petrika |
| Skampu (*Nephrops norvegicus*) ġewwa unitajiet funzjonali biss | OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, OT, PT, TX TB | Ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ kollha | Malji tax-xbieki ta' 70 mm jew akbar | Il-qabdiet kollha tal-iskampu |

| Sajd (speċi) | Kodiċi tal-irkaptu | Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd | Daqs tal-malja | L-obbligu ta' ħatt l-art |
|---|---|---|---|---|
| Merluzz (*Merluccius merluccius*) | OTT, OTB, PTB, OT, PT, TBN, TBS, TX, SSC, SPR, TB, SDN, SX, SV | Ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni kollha | Bastimenti li jissodisfaw il-kriterji kumulattivi li ġejjin:<br>1. Jużaw malja tax-xbieki ta' 70 mm jew akbar<br>2. Il-ħatt l-art totali tal-merluzz fil-perjodu 2014/2015 ([1]) jikkonsisti minn: aktar minn 5 % ta' dawk l-ispeċijiet kollha li jinħattu l-art u aktar minn 5 tunnellati metriċi. | Il-qabdiet kollha tal-merluzz |
| | GNS, GN, GND, GNC, GTN, GEN | L-għeżula kollha | Malja tax-xbieki wiesgħa bejn 80 mm u 99 mm | |
| | LL, LLS | Il-konzijiet kollha | Ganċ itwal minn 3,85 cm +/– 1,15 cm u usa' minn 1,6 cm +/– 0,4 cm | |

([1]) Il-perjodu ta' referenza se jiġi aġġornat fis-snin ta' wara, jiġifieri fl-2018, il-perjodu ta' referenza se jkun l-2015 u l-2016.

(c) Is-sajd fid-diviżjoni IXa tal-ICES

| Sajd (speċi) | Kodiċi tal-irkaptu | Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd | Daqs tal-malja | L-obbligu ta' ħatt l-art |
|---|---|---|---|---|
| Lingwata komuni (*Solea solea*) u barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) | GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN | Il-pariti u l-għeżula kollha | Malji tax-xbieki ta' 100 mm jew akbar | Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni u tal-barbun tat-tbajja' |

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2375**

**tat-12 ta' Ottubru 2016**

**li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 15(6) u 18(1) u (3) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu l-għan li jelimina progressivament il-qbid skartat fis-sajd kollu tal-Unjoni permezz tal-introduzzjoni ta' obbligu ta' ħatt għall-qabdiet ta' speċijiet soġġetti għal-limiti ta' qabda.

(2) L-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta pjanijiet għall-iskartar permezz ta' atti delegati għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin fuq il-bażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri b'konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi relevanti.

(3) Permezz tal-Att Delegat (UE) 2015/2438 ([2]), il-Kummissjoni stabbiliet pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-Ilmijiet tal-Majjistral għall-perjodu 2016-2018 wara rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata mill-Istati Membri fl-2015.

(4) Il-Belġju, l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit għandhom interess dirett fil-ġestjoni tas-sajd fl-ilmijiet tal-Majjistral. Fit-3 ta' Ġunju 2016, dawk l-Istati Membri ppreżentaw rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Ilmijiet tal-Majjistral. Inkiseb kontribut xjentifiku mill-korpi xjentifiċi rilevanti u rivedut mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). Il-miżuri inklużi fir-rakkomandazzjoni konġunta huma konformi mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u jistgħu jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.

(5) Fir-rigward tal-Ilmijiet tal-Majjistral, skont l-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu ta' ħatt japplika għall-ispeċijiet li jiddefinixxu s-sajd soġġett għal limiti ta' qbid mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2016. Ir-rakkomandazzjoni konġunta stabbiliet il-flotot li jkunu soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art fis-sajd imħallat għall-merluzz, il-merluzz tal-linja sewda, il-merlangu u l-pollakkju iswed; fis-sajd għall-iskampu; fis-sajd imħallat għal-lingwata komuni u għall-barbun tat-tbajja'; fis-sajd għall-merluzz, il-megrim u l-pollakkju.

(6) Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2438 stabbilixxa dispożizzjonijiet għall-introduzzjoni tal-obbligu tal-ħatt għal ċertu sajd demerali fl-ilmijiet tal-Majjistral għall-perjodu 2016-2018.

(7) Skont ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida ppreżentata mill-Istati Membri fl-2016, il-pjan għall-iskartar għandu jkopri speċijiet oħrajn mill-2017 li jiddefinixxu s-sajd imħallat ħafna ta' merluzz, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju, is-sajd għall-iskampu, is-sajd għal-lingwata komuni u l-barbun tat-tbajja', is-sajd għall-merluzz u l-pollakkju. L-ispeċijiet tal-qabdiet aċċessorji wkoll għandhom ikunu koperti f'ċertu sajd.

(8) Ir-rakkomandazzjoni konġunta ssuġġeriet li tiġi applikata eżenzjoni mill-obbligu tal-ħatt l-art għall-iskampu maqbud f'nases, xbieki tat-tidwir u nases tal-gambli fid-diviżjoni VI u s-subżona VII tal-ICES, li għalihom l-evidenza xjentifika turi rati għoljin ta' sopravivenza, b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi tal-irkaptu tas-sajd, tal-prattiki tas-sajd u tal-ekosistema. L-STECF ikkonkluda li l-eżenzjoni hija ġġustifikata. Għalhekk din l-eżenzjoni għandha tibqa' tkun inkluża f'dan ir-Regolament.

---

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2438 tat-12 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi pjan ta' rimi għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral (ĠU L 336, 23.12.2015, p. 29).

(9) Ir-rakkomandazzjoni konġunta ssuġġeriet li tiġi applikata eżenzjoni mill-obbligu tal-ħatt għall-qabdiet tal-lingwata taħt id-daqs ta' referenza minimu ta' konservazzjoni maqbudin b'apparat ta' għażel ta' tkarkir ta' bejn 80-99 mm fid-diviżjoni VIId tal-ICES sa sitt mili nawtiċi mill-kosta u barra ż-żoni tan-nurseries identifikati fl-operazzjonijiet ta' sajd li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet speċifiċi. L-evidenza xjentifika turi rati ta' soppravivenza għoljin, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-irkaptu tas-sajd u tal-ekosistema. L-STECF innota li s-sopravivenza tiddependi fuq għadd ta' fatturi u rrakkomanda kawtela fl-estensjoni tar-riżultati tal-istudju għal sajd ieħor u li għandhom isiru provi rilevanti oħrajn li jappoġġjaw din it-talba. Għaldaqstant, din l-eżenzjoni għandha tkun inkluża f'dan ir-Regolament għall-2017 bil-kundizzjoni li l-flotta li tuża din l-eżenzjoni topera f'kundizzjonijiet simili għal dawk tal-prova, u li l-Istati Membri kkonċernati jwettqu provi oħrajn. Ir-riżultati ta' dawn il-provi addizzjonali għandhom jiġu vvalutati mill-STECF fl-2017.

(10) Ir-rakkomandazzjoni konġunta tinkludi seba' eżenzjonijiet de minimis mill-obbligu ta' ħatt għal ċertu sajd u sa ċerti livelli. L-evidenza mogħtija mill-Istati Membri ġiet riveduta mill-STECF, li inġenerali kkonkluda li r-rakkomandazzjoni konġunta kienet tinkludi argumenti raġunati li huwa diffiċli li jinkiseb aktar titjib fis-selettività u/jew relatati ma' spejjeż sproporzjonati fil-maniġġ ta' qabdiet mhux mixtieqa, appoġġjati f'xi każijiet minn valutazzjoni kwalitattiva tal-ispejjeż. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika differenti, huwa xieraq li dawn l-eżenzjonijiet de minimis ikunu inklużi f'dan ir-Regolament skont il-livell ta' perċentwal propost fir-rakkomandazzjoni konġunta u f'livelli li ma jaqbżux dawk permessi skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(11) L-eżenzjoni de minimis għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 3 % fl-2017-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi b'bastimenti li jużaw parit xkitt biex jaqbdu lingwata komuni fid-diviżjonijiet VIId, VIIe, VIIf u VIIg tal-ICES, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li tiżdied is-selettività. L-STECF ikkonkluda li l-eżenzjoni hija definita tajjeb u għaldaqstant, din l-eżenzjoni għandha tkun inkluża f'dan ir-Regolament.

(12) L-eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu, sa massimu ta' 7 % fl-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi b'bastimenti obbligati li jħottu l-merlangu u jużaw xbieki tat-tkarkir u tartaruni tal-qiegħ ta' inqas minn 100 mm u xbieki tat-tkarkir pelaġiku biex jaqbdu l-merlangu fid-diviżjonijiet VIId u VIIe tal-ICES hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li tiżdied is-selettività.

(13) L-eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu, sa massimu ta' 7 % fl-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi b'bastimenti obbligati li jħottu l-merlangu u jużaw xbieki tat-tkarkir u tartaruni tal-qiegħ ta' mhux inqas minn 100 mm biex jaqbdu l-merlangu fid-diviżjonijiet VIIb — VIIj tal-ICES hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li tiżdied is-selettività.

(14) L-eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu, sa massimu ta' 7 % fl-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi b'bastimenti obbligati li jħottu l-merlangu u jużaw xbieki tat-tkarkir u tartaruni tal-qiegħ ta' mhux inqas minn 100 mm biex jaqbdu l-merlangu fis-subżona VII (minbarra VIIa, VIId u VIIe) tal-ICES hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li tiżdied is-selettività.

(15) Rigward it-tliet eżenzjonijiet *de minimis* għall-merlangu, ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2438 kien jeħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jippreżentaw lill-Kummissjoni aktar informazzjoni xjentifika li tappoġġja din l-eżenzjoni. L-STECF ikkummenta li, għalkemm għadha meħtieġa evidenza kompluta, l-informazzjoni tindirizza ċertu tħassib tal-STECF. L-STECF enfasizza l-ħtieġa għal approċċ aktar koerenti lejn dan l-istokk. Abbażi tal-evidenza xjentifika eżaminata mill-STECF u minħabba li kien hemm titjib fl-evidenza addizzjonali li tappoġġja l-eżenzjoni, din l-eżenzjoni tista' tibqa' u għandha tkun inkluża f'dan ir-Regolament.

(16) L-eżenzjoni *de minimis* għall-iskampu, sa massimu ta' 7 % fl-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi b'bastimenti obbligati li jħottu l-iskampu fis-subżona VII tal-ICES, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li tiżdied is-selettività. L-STECF ikkonkluda li l-eżenzjoni kienet ġustifikata. Għalhekk din l-eżenzjoni għandha tkun inkluża f'dan ir-Regolament.

(17) L-eżenzjoni *de minimis* għall-iskampu, sa massimu ta' 7 % fl-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi b'bastimenti obbligati li jħottu l-iskampu fis-subżona VI tal-ICES, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li tiżdied is-selettività u hemm informazzjoni kwantitattiva ta' sostenn dwar l-ispejjeż sproporzjonati ta' maniġġ ta' qabdiet mhux mixtieqa. L-STECF ikkonkluda li l-eżenzjoni kienet ġustifikata. Għalhekk din l-eżenzjoni għandha tkun inkluża f'dan ir-Regolament.

(18) L-eżenzjoni *de minimis* għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 3 % fl-2017 u fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi b'bastimenti li jużaw xbiek ta' tkarkir bit-travu b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 119 mm b'selettività miżjuda fid-diviżjonijiet VIId, VIIe, VIIf u VIIg u VIIh tal-ICES, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li tiżdied is-selettività. L-STECF innota li l-eżenzjoni qiegħda biex tikkumpensa għall-użu ta' rkaptu aktar selettiv u li l-eżenzjoni *de minimis* mitluba hija biex tkopri l-qbid skartat residwu. Għalhekk din l-eżenzjoni għandha tkun inkluża f'dan ir-Regolament.

(19) Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2438 għandu għalhekk jitħassar u jiġi sostitwit minn Regolament ġdid.

(20) Peress li l-miżuri mogħtija f'dan ir-Regolament iħallu impatt dirett fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati ma' u fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt**

L-obbligu tal-ħatt ipprovdut fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika fiż-żoni V (minbarra Va u fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Vb biss), VI u VII għas-sajd stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Eżenzjoni ta' sopravivenza**

1. L-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art ipprovduta fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-ispeċijiet li għalihom l-evidenza xjentifika turi rati għoljin ta' sopravivenza għandha tapplika:

(a) għall-iskampu (Nephrops norvegicus) maqbud f'nases, xbieki tat-tidwir u nases tal-gambli (Kodiċijiet tal-irkaptu ([1]) FPO u FIX) fis-subżoni VI u VII tal-ICES;

(b) fl-2017 għall-qabdiet tal-lingwata (*Solea solea*) taħt id-daqs ta' referenza minimu ta' konservazzjoni maqbudin b'apparat ta' għażel ta' tkarkir (Kodiċi tal-irkaptu OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX) ta' bejn 80-99 mm fid-diviżjoni VIId tal-ICES sa sitt mili nawtiċi mill-kosta u barra ż-żoni tan-nursery identifikati fl-operazzjonijiet ta' sajd li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin: bastimenti li mhumiex itwal minn 10 metri, b'qawwa tal-magna mhux aktar minn 180 kW, meta jkunu qegħdin jistadu f'ilmijiet fondi 15-il metru jew inqas u b'ħinijiet ta' rmonk limitati ta' mhux aktar minn siegħa u nofs. Qabdiet bħal dawn tal-lingwata komuni jiġu rilaxxati b'mod immedjat.

2. Qabel l-1 ta' Mejju 2017, l-Istati Membri li għandhom interess dirett ta' ġestjoni fl-ilmijiet tal-Majjistral għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni xjentifika oħra rilevanti li tappoġġja l-eżenzjoni stipulata fil-paragrafu 1(b). Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) għandu jivvaluta dik l-informazzjoni qabel l-1 ta' Settembru 2017.

*Artikolu 3*

**Eżenzjonijiet *de minimis***

B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-kwanitatijiet li ġejjin jistgħu jintremew:

(a) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa massimu ta' 7 % fl-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi bil-bastimenti obbligati li jħottu l-merlangu u li jużaw xbieki tat-tkarkir u bit-tartarun ta' inqas minn 100 mm (OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, TB, SX, SV OT, PT u TX) u xbieki tat-tkarkir pelaġiku (OTM, PTM) biex jinqabad il-merlangu fid-diviżjonijiet VIId u VIIe tal-ICES.

([1]) Il-kodiċijiet tal-irkaptu użati f'dan ir-Regolament huma definiti mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti.

(b) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa massimu ta' 7 % fl-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi bil-bastimenti obbligati li jħottu l-merlangu u li jużaw xbieki tat-tkarkir u bit-tartarun ta' mhux inqas minn 100 mm (OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, TB, SX, SV OT, PT u TX) u xbieki tat-tkarkir pelaġiku (OTM, PTM) fid-diviżjonijiet VIIb sa VIIj tal-ICES.

(c) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa massimu ta' 7 % fl-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi bil-bastimenti obbligati li jħottu l-merlangu u li jużaw xbieki tat-tkarkir u bit-tartarun ta' inqas minn 100 mm (OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, TB, SX, SV OT, PT u TX) u xbieki tat-tkarkir pelaġiku (OTM, PTM) biex jaqbdu l-merlangu fis-subżona VII tal-ICES, minbarra d-diviżjonijiet VIIa, VIId u VIIe.

(d) għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*), sa massimu ta' 7 % fl-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi b'bastimenti obbligati li jħottu l-iskampu fis-subżona VII tal-ICES;

(e) għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*), sa massimu ta' 7 % fl-2017 u sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi b'bastimenti obbligati li jħottu l-iskampu fis-subżona VI tal-ICES;

(f) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % fl-2017 u fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi b'bastimenti li jużaw parit xkitt biex jaqbdu l-lingwata komuni fid-diviżjonijiet VIId, VIIe, VIIf u VIIg tal-ICES;

(g) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % fl-2017 u fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi b'bastimenti obbligati li jħottu l-lingwata komuni u li jużaw irkaptu TBB b'daqs tat-toqob ta' bejn 80 u 119 mm b'selettività miżjuda, bħal estensjoni ta' malja wiesgħa, fid-diviżjonijiet VIId, VIIe, VIIf, VIIg u VIIh tal-ICES.

*Artikolu 4*

**Bastimenti soġġetti għall-obbligu tal-ħatt**

1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, skont il-kriterji stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament, il-bastimenti soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art f'kull tip ta' sajd partikolari.

Il-bastimenti li kienu soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art f'ċerti tipi ta' sajd fl-2016 għandhom jibqgħu soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art f'dak it-tip ta' sajd.

2. Qabel il-31 ta' Diċembru 2016, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn, permezz tas-sit web sigur ta' kontroll tal-Unjoni, il-listi ta' bastimenti stabbiliti skont il-paragrafu 1 għal kull tip ta' sajd partikolari stipulat fl-Anness. Dawk il-listi għandhom jinżammu aġġornati.

*Artikolu 5*

**Tħassir**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2438 huwa mħassar.

*Artikolu 6*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2018.

L-Artikolu 4 għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

**Bastimenti soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art**

(a) Sajd fl-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona VI u tad-diviżjoni Vb tal-ICES

| Sajd | Kodiċi tal-Irkaptu | Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd | Daqs tal-Malja | Speċijiet li jridu jinħattu l-art |
|---|---|---|---|---|
| Bakkaljaw (*Gadus morhua*), Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), Merlangu (*Merlangius merlangus*) u Pollakkju iswed (*Pollachius virens*) | OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX | Xbieki tat-tkarkir u tartaruni | Kollha | Il-qabdiet kollha tal-merluzz tal-linja sewda u l-qabdiet sekondarji tal-lingwata komuni, barbun tat-tbajja' u megrims fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2014 u fl-2015 (*) kien jikkonsisti f'aktar minn 5 % tal-gadiformi li ġejjin: bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed flimkien |
| L-iskampu (*Nephrops norvegicus*) | OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX | Xbieki tat-tkarkir, tartaruni, nases, xbieki tat-tidwir u nases tal-gambli | Kollha | Il-qabdiet kollha tal-iskampu u l-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2014 u fl-2015 (*) kien jikkonsisti f'aktar minn 20 % skampu. |

(*) Il-bastimenti elenkati bħala soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dan it-tip ta' sajd skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2438 għandhom jibqgħu fil-lista indikata fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament minkejja l-bidla fil-perjodu ta' referenza u jibqgħu jkunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dan it-tip ta' sajd.

(b) Sajd għall-merluzz, b'TAC għas-subżoni VI u VII tal-ICES u għall-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali fid-divżjoni Vb tal-ICES

| Sajd | Kodiċi tal-Irkaptu | Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd | Daqs tal-Malja | Speċijiet li jridu jinħattu |
|---|---|---|---|---|
| Merluzz (*Merluccius merluccius*) | OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX | Xbieki tat-tkarkir u Tartaruni | Kollha | Il-qabdiet kollha tal-merluzz fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2014 u fl-2015 (*) kien jikkonsisti f'aktar minn 20 % merluzz. |
| Merluzz (*Merluccius merluccius*) | GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN | L-għażel kollu | Kollha | Il-qabdiet kollha tal-merluzz |
| Merluzz (*Merluccius merluccius*) | LL, LLS, LLD, LX, LTL, LHP, LHM | Il-konzijiet kollha | Kollha | Il-qabdiet kollha tal-merluzz |

(*) Il-bastimenti elenkati bħala soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dan it-tip ta' sajd skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2438 għandhom jibqgħu fil-lista indikata fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament minkejja l-bidla fil-perjodu ta' referenza u jibqgħu jkunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dan it-tip ta' sajd.

(c) Sajd b'TAC li jkopri s-subżonaVII tal-ICES għall-iskampu

| Sajd | Kodiċi tal-Irkaptu | Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd | Daqs tal-Malja | Speċijiet li jridu jinħattu |
|---|---|---|---|---|
| L-iskampu (*Nephrops norvegicus*) | OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX | Xbieki tat-tkarkir, tartaruni, nases, xbieki tat-tidwir u nases tal-gambli | Kollha | Il-qabdiet kollha tal-iskampu fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2014 u fl-2015 (*) kien jikkonsisti f'aktar minn 20 % skampu |

(*) Il-bastimenti elenkati bħala soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dan it-tip ta' sajd skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2438 għandhom jibqgħu fil-lista indikata fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament minkejja l-bidla fil-perjodu ta' referenza u jibqgħu jkunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dan it-tip ta' sajd.

(d) Sajd fid-diviżjoni VIIa tal-ICES

| Sajd | Kodiċi tal-Irkaptu | Irkaptu tas-sajd | Daqs tal-Malja | Speċijiet li jridu jinħattu |
|---|---|---|---|---|
| Bakkaljaw (*Gadus morhua*), Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), Merlangu (*Merlangius merlangus*) u Pollakkju iswed (*Pollachius virens*) | OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX | Xbieki tat-tkarkir u tartaruni | Kollha | Il-qabdiet kollha tal-merluzz fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2014 u fl-2015 (*) kien jikkonsisti f'aktar minn 10 % tal-gadiformi li ġejjin: bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed flimkien |

(*) Il-bastimenti elenkati bħala soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dan it-tip ta' sajd skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2438 għandhom jibqgħu fil-lista indikata fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament minkejja l-bidla fil-perjodu ta' referenza u jibqgħu jkunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dan it-tip ta' sajd.

(e) Sajd fid-diviżjoni VIId tal-ICES

| Sajd | Kodiċi tal-Irkaptu | Irkaptu tas-sajd | Daqs tal-Malja | Speċijiet li jridu jinħattu |
|---|---|---|---|---|
| Lingwata komuni (*Solea solea*) | TBB | Ix-xbieki kollha tat-tkarkir bit-travu | Kollha | Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni |
| Lingwata komuni (*Solea solea*) | OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX | Xbieki tat-tkarkir | < 100 mm | Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni fejn il-ħatt totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2014 u fl-2015 (*) kien jikkonsisti f'aktar minn 5 % ta' lingwata komuni |
| Lingwata komuni (*Solea solea*) | GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN | Ix-xbieki kollha tal-parit u x-xkitt | Kollha | Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni |

| Sajd | Kodiċi tal-Irkaptu | Irkaptu tas-sajd | Daqs tal-Malja | Speċijiet li jridu jinħattu |
|---|---|---|---|---|
| Bakkaljaw (*Gadus morhua*), Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), Merlangu (*Merlangius merlangus*) u Pollakkju iswed (*Pollachius virens*) | OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX | Xbieki tat-tkarkir u tartaruni | Kollha | Il-qabdiet kollha tal-merlangu fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2014 u fl-2015 (*) kien jikkonsisti f'aktar minn 20 % tal-gadiformi li ġejjin: bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed flimkien |

(*) Il-bastimenti elenkati bħala soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dan it-tip ta' sajd skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2438 għandhom jibqgħu fil-lista indikata fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament minkejja l-bidla fil-perjodu ta' referenza u jibqgħu jkunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dan it-tip ta' sajd.

(f) Sajd fid-diviżjoni VIIe tal-ICES għal-lingwata komuni

| Sajd | Kodiċi tal-Irkaptu | Irkaptu tas-sajd | Daqs tal-Malja | Speċijiet li jridu jinħattu |
|---|---|---|---|---|
| Lingwata komuni (*Solea solea*) | TBB | Ix-xbieki kollha tat-tkarkir bit-travu | Kollha | Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2014 u fl-2015 (*) kien jikkonsisti f'aktar minn 5 % ta' lingwata komuni. |
| Lingwata komuni (*Solea solea*) | GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN | Ix-xbieki kollha tal-parit u x-xkitt | Kollha | Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni |

(*) Il-bastimenti elenkati bħala soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dan it-tip ta' sajd skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2438 għandhom jibqgħu fil-lista indikata fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament minkejja l-bidla fil-perjodu ta' referenza u jibqgħu jkunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dan it-tip ta' sajd.

(g) Is-sajd fid-diviżjonijiet VIId u VIIe tal-ICES għall-pollakkju

| Sajd | Kodiċi tal-Irkaptu | Irkaptu tas-sajd | Daqs tal-Malja | Speċijiet li jridu jinħattu |
|---|---|---|---|---|
| Pollakkju (*Pollachius pollachius*) | GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN | Ix-xbieki kollha tal-parit u x-xkitt | Kollha | Il-qabdiet kollha tal-pollakkju |

(h) Is-sajd fid-diviżjonijiet VIIb, VIIc u VIIf sa VIIk tal-ICES

| Sajd | Kodiċi tal-Irkaptu | Irkaptu tas-sajd | Daqs tal-Malja | Speċijiet li jridu jinħattu |
|---|---|---|---|---|
| Lingwata komuni (*Solea solea*) | TBB | Ix-xbieki kollha tat-tkarkir bit-travu | Kollha | Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2014 u fl-2015 (*) kien jikkonsisti f'aktar minn 5 % ta' lingwata komuni |

| Sajd | Kodiċi tal-Irkaptu | Irkaptu tas-sajd | Daqs tal-Malja | Speċijiet li jridu jinħattu |
|---|---|---|---|---|
| Lingwata komuni (*Solea solea*) | GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN | Parit u għażel | Kollha | Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni |

(*) Il-bastimenti elenkati bħala soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dan it-tip ta' sajd skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2438 għandhom jibqgħu fil-lista indikata fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament minkejja l-bidla fil-perjodu ta' referenza u jibqgħu jkunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dan it-tip ta' sajd.

(i) Is-sajd fid-diviżjonijiet VIIb, VIIc VIIe u VIIf sa VIIk tal-ICES

| Sajd | Kodiċi tal-Irkaptu | Irkaptu tas-sajd | Daqs tal-Malja | Speċijiet li jridu jinħattu |
|---|---|---|---|---|
| Bakkaljaw (*Gadus morhua*), Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), Merlangu (*Merlangius merlangus*) u Pollakkju iswed (*Pollachius virens*) | OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX | Xbieki tat-tkarkir u Tartaruni | Kollha | Il-qabdiet kollha tal-merlangu fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2014 u fl-2015 (*) kien jikkonsisti f'aktar minn 20 % tal-gadiformi li ġejjin: bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed flimkien. |

(*) Il-bastimenti elenkati bħala soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dan it-tip ta' sajd skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2438 għandhom jibqgħu fil-lista indikata fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament minkejja l-bidla fil-perjodu ta' referenza u jibqgħu jkunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dan it-tip ta' sajd.

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2376**

**tat-13 ta' Ottubru 2016**

**li jistabbilixxi pjan għall-iskart tal-mollusk bivalv *Venus* spp. fl-ilmijiet territorjali tal-Italja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(6) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15a tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu l-għan li jelimina progressivament l-iskart fis-sajd kollu tal-Unjoni bl-introduzzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art għall-qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal-limiti ta' qbid.

(2) L-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta pjanijiet għall-iskart permezz ta' atti delegati għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin abbażi tar-rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri b'konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti. Il-pjanijiet għall-iskart jistgħu jinkludu wkoll miżuri tekniċi dwar is-sajd.

(3) Bħala l-uniku Stat Membru li għandu interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd tal-mollusk bivalv *Venus* spp. fl-ilmijiet territorjali Taljani, l-Italja ressqet rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni skont il-proċedura tal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Din ir-rakkomandazzjoni tressqet fil-forma ta' pjan nazzjonali ta' ġestjoni għall-iskart tal-istokk tal-*Venus* spp. wara konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv dwar il-Mediterran (MEDAC). Meta tressqet din ir-rakkomandazzjoni, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) eżamina l-kontribut xjentifiċi li ppreżentat l-Italja. Il-miżuri li hemm fir-rakkomandazzjoni konġunta jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(4) Bil-għan li jiġu adottati l-pjanijiet għall-iskart, l-Artikolu 15a tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-ispeċijiet soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art, biex jiġu mħarsa ż-żgħar tal-organiżmi marittimi. Meta jkun xieraq, id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni jista' jidderoga mid-daqsijiet stabbiliti fl-Anness III ta' dak ir-Regolament.

(5) Skont il-konklużjonijiet tal-STECF dwar il-pjan ta' ġestjoni nazzjonali għall-iskart tal-istokk tal-*Venus* spp., dan il-bivalv huwa fost l-ispeċijiet li għandhom rata għolja ta' sopravvivenza, u dan jiġġustifika t-talba ta' deroga mill-obbligu tal-ħatt l-art għall-porzjon tal-qabda li jintrema. It-tnaqqis tad-daqs minimu ta' referenza minn 25 mm għal 22 mm mhuwiex inkompatibbli mat-tul tal-molluski meta jkunu waslu fl-istadju tal-maturità, għaldaqstant ma għandux ikollu impatt sinifikanti fuq il-protezzjoni tal-organiżmi ż-żgħar. Huwa previst li dan mhuwiex se jwassal għal xi tnaqqis kbir fil-potenzjal riproduttiv tal-istokk, u għalhekk mhuwiex meqjus li se jkollu xi impatt kbir fuq l-istokk. Fl-aħħar nett ġie konkluż li l-programm ta' monitoraġġ xjentifiku propost aktarx li jipprovdi biżżejjed dejta biex jiġu evalwati l-effetti tal-pjan għall-iskart.

(6) Biex ikun żgurat kontroll tajjeb fuq l-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art, l-Istat Membru għandu jistabbilixxi lista tal-bastimenti li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.
([2]) ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11.

(7) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-attivitajiet ekonomiċi marbutin mas-sajd u fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni, ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Skont l-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, dan ir-Regolament għandu japplika għal mhux iktar minn tliet snin,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jispeċifika d-dettalji biex jiġi implimentat l-obbligu tal-ħatt l-art li għandu japplika għas-sajd tal-*Venus* spp. fl-ilmijiet territorjali Taljani, skont l-Artikolu 15(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

*Artikolu 2*

**Id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni**

1. B'deroga mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni stabbilit fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, u għall-finijiet tal-Artikolu 15(11) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-*Venus* spp. fl-ilmijiet territorjali Taljani għandu jkun ta' tul totali ta' 22 mm.

2. Il-kejl tad-daqs tal-*Venus* spp. għandu jsir skont l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

*Artikolu 3*

**Il-lista tal-bastimenti**

1. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jagħżlu l-bastimenti li jkunu suġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2016, permezz tas-sit web sikur tal-kontroll tal-Unjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-lista tal-bastimenti kollha awtorizzati biex jistadu għall-*Venus* spp. bl-użu ta' gangmi idrawliċi fl-ilmijiet territorjali Taljani. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom iżommu din il-lista aġġornata f'kull ħin.

*Artikolu 4*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019.

Iżda l-Artikolu 3 għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ottubru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2377**

**tal-14 ta' Ottubru 2016**

**li jemenda Regolament Delegat (UE) Nru 1394/2014 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd pelaġiku fl-ilmijiet tal-Lbiċ**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(6) u 18(1) u (3) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu l-għan li jelimina progressivament l-iskartar tal-ħut fis-sajd kollu tal-Unjoni bl-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għall-qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal-limiti ta' qbid.

(2) L-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta pjanijiet għall-iskartar (rimi) permezz ta' atti delegati għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin abbażi tar-rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri b'konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1394/2014 ta' Delega tal-Kummissjoni ([2]) jistabbilixxi pjan għall-iskartar (rimi) għal ċertu sajd pelaġiku fl-ilmijiet tal-Lbiċ sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art permezz ta' ċerti mekkaniżmi ta' flessibbiltà.

(4) Skont l-Artikolu 15(5)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, pjan għall-iskartar jista' jkun fih l-iffissar ta' daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni.

(5) Il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall għandhom interess ta' ġestjoni tas-sajd dirett fl-ilmijiet tal-Lbiċ. Wara li kkonsultaw mal-Kunsill Konsultattiv għall-Ilmijiet tal-Lbiċ u mal-Kunsill Konsultattiv għas-sajd Pelaġiku, dawk l-Istati Membri fit-30 ta' Mejju 2016 issottomettew rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni li tissuġġerixxi li, permezz ta' deroga mill-Anness XII tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 ([3]), id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ghas-sawrell (*Trachurus* spp.) fid-Diviżjonijiet VIIIc u s-subżona IX tal-ICES jiġi ffissat għal 12 cm għal 5 % tal-kwoti rispettivi ta' Spanja u tal-Portugall. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjoni konġunta ssuġġeriet li fi ħdan dan il-limitu ta' 5 % tal-kwota ta' sawrell, fis-sajd bit-tartarun artiġjanali "xávega" fid-Diviżjoni IXa tal-ICES, 1 % mill-kwota tal-Portugall jistgħu jinqabdu b'daqs ta' inqas minn 12-il cm.

(6) Il-korpi xjentifiċi rilevanti taw kontribuzzjoni xjentifika li ġiet eżaminata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). Il-STECF ikkonkluda li bidla fid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni kif issuġġerita mir-Rakkomandazzjoni Konġunta hija assoċjata ma' riskju baxx ta' bidla fix-xejra tal-isfruttament stabbilita fis-sajd ikkonċernat. Dik ix-xejra ta' sfruttament flimkien ma' rati ta' sfruttament moderati ma tidhirx li hija ta' ħsara għad-dinamika tal-istokkijiet rilevanti. Fl-istess ħin, il-STECF osserva li l-kontroll tal-qbid b'limiti ta' daqs differenti jista' jkun ta' sfida u, jekk ma jiġix ikkontrollat sew, il-mortalità tista' tiżdied. Barra minn hekk, hu importanti li l-limiti perċentwali stabbiliti għad-daqsijiet iżgħar jiġu rispettati. Għalhekk, huwa importanti li l-Istati Membri kkonċernati jimplimentaw miżuri ta' kontroll xierqa rigward is-sajd ikkonċernat.

(7) Il-miżuri inklużi fir-rakkomandazzjoni konġunta jikkonformaw mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u għaldaqstant jistgħu jiġu inklużi fi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd pelaġiku fl-ilmijiet tal-Lbiċ.

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.
([2]) Ir-Regolament Iddelegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1394/2014 tal-20 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd għal ħut pelaġiku fl-ilmijiet tal-Lbiċ (ĠU L 370, 30.12.2014, p. 31).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar (ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1).

(8) Għalhekk ir-Regolament Delegat (UE) Nru 1394/2014 għandu jiġi emendat skont dan.

(9) Billi l-miżuri mogħtija f'dan ir-Regolament iħallu impatt dirett fuq l-attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-istaġun tas-sajd u mal-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1394/2014, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"B'deroga mill-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru 850/98, id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għas-sawrell (*Trachurus* spp.) li jinqabdu fid-Diviżjoni VIIIc tal-ICES u fis-subżona IX tal-ICES għandu jkun ta' 12-il cm għal 5 % tal-kwoti rispettivi ta' Spanja u tal-Portugall f'dawk iż-żoni. Fi ħdan dak il-limitu ta' 5 %, fis-sajd bit-tartarun artiġjanali 'xávega' fid-Diviżjoni IXa tal-ICES, 1 % mill-kwota tal-Portugall jistgħu jinqabdu b'daqs ta' inqas minn 12-il cm."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2378**

**tal-21 ta' Diċembru 2016**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fl-oqsma tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 183(b) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 ([3]) stabbilixxa regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' sistema ta' dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u ffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fl-oqsma tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.

(2) Minn kontroll regolari tad-dejta li abbażi tagħha jiġu stabbiliti l-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti għandhom jinbidlu biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini.

(3) Għaldaqstant ir-Regolament (KE) Nru 1484/95 għandu jiġi emendat skont dan.

(4) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika kemm jista' jkun malajr wara li d-dejta aġġornata ssir disponibbli, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1484/95 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 tat-28 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' sistema ta' dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u jiffissa dazji addizzjonali ta l-importazzjoni fl-oqsma tal-laħam tat-tjur u l-bajd u għall-albumina tal-bajd, u jħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE (ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

*ANNESS*

*"ANNESS I*

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-merkanzija | Prezz rappreżentattiv (f'EUR/100 kg) | Garanzija msemmija fl-Artikolu 3 (f'EUR/100 kg) | Oriġini (1) |
|---|---|---|---|---|
| 0207 12 10 | Karkassi tat-tiġieġ, preżentazzjoni 70 %, iffriżati | 121,8 | 0 | AR |
| 0207 12 90 | Karkassi tat-tiġieġ, preżentazzjoni 65 %, iffriżati | 142,0 | 0 | AR |
| | | 158,9 | 0 | BR |
| 0207 14 10 | Qatgħat tas-sriedaq jew tat-tiġieġ, mingħajr għadam, iffriżati | 281,0 | 6 | AR |
| | | 177,5 | 41 | BR |
| | | 284,9 | 5 | CL |
| | | 211,5 | 27 | TH |
| 0207 27 10 | Qatgħat tad-dundjani, mingħajr għadam, iffriżati | 331,0 | 0 | BR |
| | | 344,5 | 0 | CL |
| | Bajd, imnixxef, mingħajr qoxra | 350,2 | 0 | AR |
| 1602 32 11 | Preparazzjonijiet nejjin tas-sriedaq u tat-tiġieġ | 171,3 | 39 | BR |

(1) In-Nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" ifisser "oriġnijiet oħrajn"."

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2379

## tat-22 ta' Diċembru 2016

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 99,1 |
| | TN | 262,8 |
| | TR | 115,2 |
| | ZZ | 159,0 |
| 0707 00 05 | MA | 79,2 |
| | TR | 156,6 |
| | ZZ | 117,9 |
| 0709 93 10 | MA | 230,7 |
| | TR | 176,6 |
| | ZZ | 203,7 |
| 0805 10 20 | TR | 81,7 |
| | ZA | 70,9 |
| | ZZ | 76,3 |
| 0805 20 10 | MA | 67,6 |
| | ZZ | 67,6 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | IL | 163,3 |
| | JM | 129,1 |
| | TR | 77,1 |
| | ZZ | 123,2 |
| 0805 50 10 | AR | 76,7 |
| | TR | 79,2 |
| | ZZ | 78,0 |
| 0808 10 80 | US | 132,4 |
| | ZZ | 132,4 |
| 0808 30 90 | CN | 87,8 |
| | ZZ | 87,8 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/2380

**tat-13 ta' Diċembru 2016**

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) (EUMM GEORGIA/1/2016)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK tat-12 ta' Awwissu 2010 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

(1) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni 2010/452/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti li jikkonċernaw il-kontroll politiku u direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia), inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap ta' Missjoni.

(2) Fid-19 ta' Diċembru 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUMM GEORGIA/1/2014 ([2]), li taħtar lis-Sur Kęstutis JANKAUSKAS bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia mill-15 ta' Diċembru 2014 sal-14 ta' Diċembru 2015.

(3) Fit-13 ta' Novembru 2015, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/2200 (EUMM GEORGIA/1/2015) ([3]), li estendiet il-mandat tas-Sur Kęstutis JANKAUSKAS bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia mill-15 ta' Diċembru 2015 sal-14 ta' Diċembru 2016.

(4) Fit-12 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2238 ([4]), li testendi l-mandat tal-EUMM Georgia mill-15 ta' Diċembru 2016 sal-14 ta' Diċembru 2018.

(5) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet li jiġi estiż il-mandat tas-Sur Kęstutis JANKAUSKAS bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia mill-15 ta' Diċembru 2016 sal-14 ta' Diċembru 2017,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Kęstutis JANKAUSKAS bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia huwa b'dan estiż sal-14 ta' Diċembru 2017.

([1]) ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUMM Georgia/1/2014 tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja (EUMM Georgia) (ĠU L 369, 24.12.2014, p. 78).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/2200 tat-13 ta' Novembru 2015 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) EUMM GEORGIA/1/2015) (ĠU L 313, 28.11.2015, p. 40).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2238 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia (ĠU L 337, 13.12.2016, p. 15).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/2381

## tal-14 ta' Diċembru 2016

## li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/2/2016)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/219/PESK tal-15 ta' April 2014 dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/76 tad-19 ta' Jannar 2015 li tvara l-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) u li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK ([2]),

Billi:

(1) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni 2014/219/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċitar tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-missjoni EUCAP Sahel Mali, inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fis-26 ta' Mejju 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUCAP Sahel Mali/1/2014 ([3]), biex ħatar lis-Sur Albrecht CONZE bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali mis-26 ta' Mejju 2014 sal-14 ta' Jannar 2015.

(3) Il-mandat tas-Sur Albrecht CONZE bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali ġie estiż kemm-il darba, l-aktar reċentement permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/938 ([4]), li estendiet il-mandat tiegħu bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali sal-14 ta' Jannar 2017.

(4) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Albrecht CONZE bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali mill-15 ta' Jannar 2017 sal-14 ta' Lulju 2017,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Albrecht CONZE bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali huwa b'dan estiż sal-14 ta' Lulju 2017.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

---

([1]) ĠU L 113, 16.4.2014, p. 21.

([2]) ĠU L 13, 20.1.2015, p. 5.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP Sahel Mali/1/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L 164, 3.6.2014, p. 43).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/938 tal-31 ta' Mejju 2016 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali/1/2016) (ĠU L 155, 14.6.2016, p. 23).

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/2382

## tal-21 ta' Diċembru 2016

## li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/189/PESK

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Lulju 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/575/PESK li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew għas-Sigurtà u d-Difiża ("KESD") ([1]). Dik l-Azzjoni Konġunta ġiet sostitwita bl-Azzjoni Konġunta 2008/550/PESK ([2]). Min-naħa tagħha, dik l-Azzjoni Konġunta tħassret mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/189/PESK ([3]).

(2) F'Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Inizjattiva Ewropea għall-Iskambju ta' Uffiċjali Żgħażagħ, immudellata fuq Erasmus ([4]) u qabel li grupp ta' ħidma ta' implimentazzjoni jiltaqa' fi ħdan il-qafas tal-Bord Akkademiku Eżekuttiv tal-KESD.

(3) Fil-15 ta' Lulju 2016, il-Kumitat ta' Tmexxija tal-KESD qabel dwar rakkomandazzjonijiet dwar il-perspettivi futuri tal-KESD.

(4) L-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni fi ħdan il-qafas tal-KESD għandhom jitwettqu fil-qasam tal-PSDK/PESK inkluż fl-oqsma ta' stabbilizzazzjoni tal-konflitti, riżoluzzjoni tal-konflitti u l-kondizzjonijiet neċessarji għall-iżvilupp sostenibbli.

(5) Filwaqt li jkun adatt li l-persunal tal-KESD ikun jikkonsisti prinċipalment minn persunal issekondat, jista' jkun neċessarju li l-pożizzjoni ta' assistent amministrattiv u finanzjarju timtela minn membru tal-persunal ikkuntrattat.

(6) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE ([5]), is-SEAE għandu jipprovdi lill-KESD l-appoġġ li qabel kien jingħata mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

**STABBILIMENT, MISSJONI, OBJETTIVI U KOMPITI**

*Artikolu 1*

**Stabbiliment**

B'dan qed jiġi stabbilit Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża ("KESD").

([1]) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/575/PESK tat-18 ta' Lulju 2005 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew għas-Sigurtà u d-Difiża (KESD) (ĠU L 194, 26.7.2005, p. 15; Edizzjoni Speċjali bil-Malti: ĠU L 352M, 31.12.2008, p. 249).
([2]) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/550/PESK tat-23 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2005/575/PESK (ĠU L 176, 4.7.2008, p. 20).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/189/PESK tat-22 ta' April 2013 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2008/550/PESK (ĠU L 112, 24.4.2013, p. 22).
([4]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar IL-KESD, l-2903 laqgħa tal-Kunsill ta' Relazzjonijiet Esterni.
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

*Artikolu 2*

**Missjoni**

Il-KESD għandu jipprovdi taħriġ u edukazzjoni fil-qasam tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tal-Unjoni fil-kuntest usa' tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) f'livell Ewropew sabiex ikun hemm żvilupp u promozzjoni ta' viżjoni komuni tal-PSDK u l-PESK fost il-persunal ċivili u militari, u biex tiġi identifikata u mxerrda l-aħjar prattika fir-rigward ta' diversi kwistjonijiet tal-PSDK u l-PESK permezz tal-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tiegħu ("attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD").

*Artikolu 3*

**Objettivi**

Il-KESD għandu jkollu l-objettivi li ġejjin:

(a) it-tisħiħ ulterjuri tal-kultura Ewropea komuni rigward is-sigurtà u d-difiża fl-Unjoni u l-promozzjoni tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 21(1) TUE barra l-Unjoni;

(b) il-promozzjoni ta' fehim aħjar tal-PSDK bħala parti essenzjali tal-PESK;

(c) il-forniment lill-istanzi tal-Unjoni ta' persunal kompetenti li jkun kapaċi jaħdem b'mod effiċjenti fil-materji kollha tal-PSDK u tal-PESK;

(d) il-forniment lill-amministrazzjonijiet u l-persunal tal-Istati Membri ta' persunal kompetenti li jkun familjari mal-politika, l-istituzzjonijiet u l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-PSDK u tal-PESK;

(e) il-forniment lill-persunal tal-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK ta' viżjoni komuni dwar il-prinċipji ta' funzjonament tal-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK u ta' sens ta' identità Ewropea komuni;

(f) il-forniment ta' taħriġ u edukazzjoni li jirrispondu għall-bżonnijiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK;

(g) l-appoġġ għas-sħubijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-PSDK u tal-PESK, b'mod partikolari sħubijiet ma' dawk il-pajjiżi li jipparteċipaw fil-missjonijiet tal-PSDK;

(h) l-appoġġ għall-immaniġġar ċivili tal-kriżijiet inkluż fil-qasam tal-prevenzjoni ta' konflitti, u l-istabbiliment jew il-manteniment tal-kondizzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli;

(i) il-promozzjoni tal-Inizjattiva Ewropea għall-Iskambju ta' Uffiċjali Żgħażagħ:

(j) l-għajnuna għall-promozzjoni ta' relazzjonijiet u kuntatti professjonali fost il-parteċipanti fl-oqsma tat-taħriġ u tal-edukazzjoni;

Fejn adatt, għandha tingħata attenzjoni biex tiġi żgurata l-konsistenza ma' attivitajiet oħra tal-Unjoni.

*Artikolu 4*

**Kompiti tal-KESD**

1. Il-kompiti ewlenin tal-KESD għandhom ikunu, f'konformità mal-missjoni u l-objettivi tiegħu, l-organizzazzjoni u t-tmexxija ta' attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD fil-qasam tal-PSDK u tal-PESK.

2. L-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD għandhom jinkludu:

(a) korsijiet ta' livell bażiku u avvanzat li jippromwovu fehim ġeneriku tal-PSDK u tal-PESK;

(b) korsijiet li jiżviluppaw it-tmexxija;

(c) korsijiet li jappoġġaw direttament il-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK, inkluż taħriġ u edukazzjoni ta' qabel l-iskjerament u matul il-missjonijiet jew l-operazzjonijiet;

(d) korsijiet li jappoġġaw is-sħubiji tal-UE u l-pajjiżi li jieħdu sehem f'Missjonijiet u Operazzjonijiet tal-PSDK;

(e) moduli li jappoġġaw taħriġ u edukazzjoni ċivili u militari fil-qasam tal-PSDK u tal-PESK;

(f) korsijiet, seminars, programmi u konferenza dwar il-PSDK u l-PESK għal udjenzi speċjalizzati jew b'enfasi speċifika.

(g) moduli komuni organizzati taħt l-Inizjattiva Ewropea għall-Iskambju ta' Uffiċjali Żgħażagħ, ispirata mill-programm Erasmus.

Għalkemm formalment mhumiex attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD, il-KESD għandu jappoġġa u jippromwovi wkoll is-semestri Ewropej u lawrji tal-Masters konġunti bl-użu ta' moduli komuni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Għandhom jinbdew attivitajiet oħrajn ta' taħriġ u edukazzjoni, kif deċiż mill-Kumitat ta' Tmexxija msemmi fl-Artikolu 9 ("il-Kumitat ta' Tmexxija").

3. Minbarra l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-KESD għandu, b'mod partikolari:

(a) jappoġġa r-relazzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti bejn l-istituti msemmija fl-Artikolu 5(1) involuti fin-netwerk imsemmi f'dak il-paragrafu ("in-netwerk");

(b) imexxi u jiżviluppa aktar sistema ta' Tagħlim elettroniku biex tappoġġa l-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-PSDK u tal-PESK, jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, biex tintuża bħala attività ta' taħriġ u edukazzjoni awtonoma;

(c) jiżviluppa u jipproduċi materjal ta' taħriġ u edukazzjoni fil-qasam tal-PSDK u tal-PESK abbażi wkoll ta' materjal rilevanti li diġà jeżisti;

(d) jappoġġa Assoċjazzjoni tal-Alumni bejn parteċipanti preċedenti fit-taħriġ;

(e) jappoġġa programmi ta' skambju fil-qasam tal-PSDK u tal-PESK bejn l-istituti ta' taħriġ u edukazzjoni tal-Istati Membri;

(f) jaġixxi bħala amministratur ta' kompartiment tal-modulu Schoolmaster tal-proġett Goalkeeper u jikkontribwixxi għall-Programm ta' Taħriġ annwali tal-Unjoni fil-PSDK permezz ta' dan il-modulu;

(g) jipprovdi appoġġ għall-immaniġġar ta' taħriġ u edukazzjoni fil-qasam tal-prevenzjoni tal-konflitti, l-immaniġġar ċivili ta' kriżijiet, l-istabbiliment jew il-manteniment tal-kondizzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli u l-inizjattivi tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà, kif ukoll il-promozzjoni taċ-ċibersigurtà u sensibilizzazzjoni dwar it-theddid ibridu;

(h) jorganizza u jmexxi konferenza annwali tan-netwerk li tlaqqa' flimkien l-esperti fit-taħriġ u l-edukazzjoni ċivili u militari fil-PSDK mill-istituti ta' taħriġ u edukazzjoni u tal-ministeri tal-Istati Membri, u l-atturi rilevanti esterni rilevanti ta' taħriġ u edukazzjoni u;

(i) iżomm relazzjonijiet ma' atturi rilevanti fil-qasam tal-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà, fil-qasam tal-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni, u ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali rilevanti.

KAPITOLU II

**ORGANIZZAZZJONI**

*Artikolu 5*

**Netwerk**

1. Il-KESD għandu jkun organizzat bħala netwerk li jġib flimkien l-istituti, il-kulleġġi, l-akkademji, l-universitajiet, l-istituzzjonijiet u atturi oħra li jittrattaw kwistjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża fl-Unjoni, ċivili u militari, kif identifikati mill-Istati Membri, kif ukoll l-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà (EUISS).

Il-KESD għandu jistabbilixxi rabtiet mill-qrib mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari

(a) mal-Aġenzija tal-UE għal taħriġ fl-infurzar tal-liġi ("CEPOL"),

(b) mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ("Frontex"),

(c) mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża ("EDA"),

(d) maċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea ("EU SatCen"), u

(e) u mal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija ("Europol").

2. Fejn ikun adatt, organizzazzjonijiet internazzjonali, intergovernattivi, governattivi u nongovernattivi jistgħu jiksbu l-istatus ta' "sieħeb assoċjat tan-netwerk" ("ANP"), li l-arranġamenti dettaljati tagħhom ser jiġu maqbula mill-Kumitat ta' Tmexxija.

3. Il-KESD għandu jaħdem taħt ir-responsabbiltà ġenerali tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("RGħ").

*Artikolu 6*

**Ir-rwol tal-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà**

1. Bħala parti min-netwerk tal-KESD, l-EUISS jikkoopera mal-KESD billi jagħmel disponibbli l-kompetenza esperta u l-kapaċitajiet ta' ġbir ta' għarfien tiegħu għall-attivitajiet ta' taħriġ tal-KESD, inkluż permezz ta' pubblikazzjonijiet tal-EUISS, fil-limiti tal-kapaċitajiet tiegħu stess.

2. B'mod partikolari, l-EUISS jipprovdi l-lectures mogħtija mill-analisti tal-EUISS u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri tal-kontenut tat-Tagħlim elettroniku tal-KESD.

3. L-EUISS jappoġġa wkoll l-Assoċjazzjoni tal-Alumni tal-KESD.

*Artikolu 7*

**Kapaċità Legali**

1. Il-KESD għandu jkollu l-kapaċità legali meħtieġa sabiex:

(a) iwettaq il-kompiti tiegħu u jilħaq l-objettivi tiegħu;

(b) jidħol fil-kuntratti u l-arranġamenti amministrattivi neċessarji għall-funzjonament tiegħu, inkluż li jimplimenta l-issekondar ta' persunal, u jirrekluta persunal kuntrattwali; jakkwista tagħmir, partikolarment tagħmir għat-tagħlim;

(c) ikollu kontijiet bankarji; u

(d) jkun parti fi proċedimenti legali.

2. Kwalunkwe responsabbiltà li tista' tirriżulta minn kuntratti konklużi mill-KESD għandha tkun koperta mill-fondi disponibbli għalih bis-saħħa tal-Artikoli 16 u 17.

*Artikolu 8*

**Struttura**

L-istruttura li ġejja għandha tiġi stabbilita taħt il-KESD:

(a) il-Kumitat ta' Tmexxija b'responsabbiltà għall-koordinazzjoni u d-direzzjoni ġenerali tal-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD;

(b) il-Bord Akkademiku Eżekuttiv ("il-Bord") b'responsabbiltà li jiżgura l-kwalità u l-koerenza tal-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD;

(c) il-Kap tal-KESD ("il-Kap"), rappreżentant legali uniku tal-KESD, b'responsabbiltà għall-immaniġġar finanzjarju u amministrattiv tal-KESD, kif ukoll li jagħti pariri lill-Kumitat u l-Bord fl-organizzazzjoni u l-immaniġġar tal-attivitajiet tal-KESD;

(d) is-Segretarjat tal-KESD ("is-Segretarjat") biex jassisti lill-Kap fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u b'mod partikolari biex jassisti lill-Bord jiżgura l-kwalità u l-koerenza ġenerali tal-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD.

*Artikolu 9*

**Kumitat ta' Tmexxija**

1. Il-Kumitat ta' Tmexxija, magħmul minn rappreżentant wieħed maħtur minn kull Stat Membru, għandu jkun il-korp li jieħu d-deċiżjonijiet tal-KESD. Kull membru tal-Kumitat jista' jkun irrappreżentat jew akkumpanjat minn membru supplenti.

2. Il-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija jistgħu jkunu akkumpanjati minn esperti għal-laqgħat tal-Kumitat.

3. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jkun ippresedut minn rappreżentant tar-RGħ li jkollu esperjenza adatta. Huwa għandu jiltaqa' mill-inqas erba' darbiet f'sena.

4. Rappreżentanti mill-pajjiżi aderenti mal-Unjoni jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija bħala osservaturi attivi.

5. Il-Kap, persunal ieħor tal-KESD, il-President tal-Bord u meta jkun adatt il-Presidenti tal-konfigurazzjonijiet differenti tiegħu, kif ukoll rappreżentant tal-Kummissjoni u Istituzzjonijiet oħra tal-UE, inkluż is-SEAE, għandhom jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija mingħajr dritt li jivvotaw.

6. Il-kompiti tal-Kumitat ta' Tmexxija għandhom ikunu li:

(a) japprova u jagħmel rieżami regolari tal-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD li jirriflettu r-rekwiżiti maqbula ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD;

(b) japprova l-programm akkademiku annwali tal-KESD;

(c) jagħżel u jipprijoritizza l-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni li għandhom isiru taħt il-KESD, b'kont meħud tar-riżorsi disponibbli għall-KESD u rekwiżiti għal taħriġ u edukazzjoni identifikati;

(d) jagħżel l-Istat Membru jew l-Istati Membri li jospitaw l-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD u l-istituti li jmexxuhom;

(e) jiddeċiedi dwar il-ftuħ ta' attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni speċifiċi tal-KESD għal parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-qafas politiku ġenerali stabbilit mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà;

(f) jadotta l-kurrikula għall-attivitajiet kollha ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD;

(g) jieħu nota tar-rapporti ta' evalwazzjoni tal-korsijiet;

(h) jieħu nota tar-rapport annwali ġenerali dwar l-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD u jadotta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, li għandhom jintbagħtu lill-korpi rilevanti tal-Kunsill;

(i) jipprovdi gwida ġenerali għall-ħidma tal-Bord;

(j) jaħtar il-Presidenti tal-Bord Akkademiku Eżekuttiv u l-konfigurazzjonijiet differenti tiegħu;

(k) jieħu d-deċiżjonijiet neċessarji fir-rigward tal-funzjonament tal-KESD sa fejn dawn ma jkunux attribwiti lil korpi oħra;

(l) japprova l-baġit annwali u kwalunkwe baġit emendatorju, fuq proposti mill-Kap;

(m) japprova l-kontijiet annwali u jagħti kwittanza lill-Kap;

(n) japprova regoli addizzjonali applikabbli għan-nefqa mmaniġġata mill-KESD;

(o) japprova kwalunkwe ftehim ta' finanzjament u arranġamenti tekniċi mal-Kummissjoni, is-SEAE, Aġenzija tal-Unjoni jew Stat Membru dwar l-iffinanzjar jew l-implimentazzjoni tan-nefqa tal-KESD;

(p) jikkontribwixxi għall-proċess tal-għażla tal-Kap kif definit fl-Artikolu 11(3).

7. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu japprova r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

8. Ħlief fil-każ previst fl-Artikolu 2(6) tar-regoli finanzjarji applikabbli għan-nefqa ffinanzjata mill-KESD u l-iffinanzjar tiegħu, il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, kif definit fl-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 10*

**Il-Bord Akkademiku Eżekuttiv**

1. Il-Bord għandu jkun magħmul minn rappreżentanti għoljin minn dawk l-istituti ċivili u militari u atturi oħra identifikati mill-Istati Membri biex jappoġġaw it-tmexxija tal-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD u tad-Direttur tal-EUISS jew ir-rappreżentant tad-Direttur.

2. Il-President tal-Bord għandu jinħatar mill-Kumitat ta' Tmexxija minn fost il-membri tal-Bord.

3. Ir-Rappreżentanti tal-Kummissjoni u tas-SEAE għandhom jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-Bord.

4. Ir-rappreżentanti għoljin tas-sħab assoċjati tan-netwerk għandhom jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-Bord bħala osservaturi attivi.

5. Esperti akkademiċi u uffiċjali għoljin minn istituzzjonijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali jistgħu jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-Bord bħala osservaturi. Meta jkun xieraq u skont il-każ, l-esperti akkademiċi u l-uffiċjali għoljin li huma rappreżentanti ta' istituti li mhumiex membri tan-netwerk jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord.

6. Il-kompiti tal-Bord għandhom ikunu li:

(a) jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet akkademiċi lill-Kumitat ta' Tmexxija;

(b) jimplimenta, permezz tan-netwerk, il-programm akkademiku annwali miftiehem;

(c) jissorvelja s-sistema tat-Tagħlim elettroniku;

(d) jiżviluppa kurrikula għall-attivitajiet kollha ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD;

(e) jiżgura koordinazzjoni ġenerali tal-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD fost l-istituti kollha;

(f) jirrevedi l-istandards tal-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni mwettqa fis-sena akkademika ta' qabel;

(g) iressaq proposti lill-Kumitat ta' Tmexxija rigward attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni fis-sena akkademika li jkun imiss;

(h) jiżgura evalwazzjoni sistematika tal-attivitajiet kollha ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD u japprova r-rapporti ta' evalwazzjoni tal-korsijiet;

(i) jikkontribwixxi għall-abbozz tar-rapport annwali ġenerali dwar l-attivitajiet tal-KESD;

(j) jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Ewropea għall-Iskambju ta' Uffiċjali Żgħażagħ, ispirata mill-programm Erasmus.

7. Biex jaqdi l-kompiti tiegħu, il-Bord jista' jiltaqa' f'konfigurazzjonijiet differenti ffokati fuq proġetti. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jiġu jaqbel dwar dawk il-konfigurazzjonijiet u l-Bord għandu jfassal ir-regoli u l-arranġamenti li jirregolaw il-ħolqien u l-funzjonament ta' dawk il-konfigurazzjonijiet. Kull konfigurazzjoni tagħti rapport dwar l-attivitajiet tagħha lill-Bord ġenerali mill-inqas darba fis-sena, u wara dan il-mandat tagħha jista' jiġi estiż.

8. Membru tas-Segretarjat tal-KESD jappoġġa u jassisti lill-Bord u kull waħda mill-konfigurazzjonijiet tiegħu. Dan il-membru jattendi l-laqgħat mingħajr id-dritt tal-vot. Jekk ma jkunx jista' jiġi identifikat kandidat ieħor, hu jista' fl-istess ħin, jippresiedi l-laqgħat.

9. Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Bord u ta' kull waħda mill-konfigurazzjonijiet tiegħu għandhom jiġu adottati mill-Kumitat ta' Tmexxija.

*Artikolu 11*

**Il-Kap**

1. Il-Kap għandu:

(a) ikun responsabbli mill-attivitajiet tal-KESD;

(b) ikun rappreżentant legali uniku tal-KESD;

(c) ikun responsabbli mill-immaniġġjar finanzjarju u amministrattiv tal-KESD;

(d) jagħti pariri lill-Kumitat ta' Tmexxija u lill-Bord u jappoġġa l-ħidma tagħhom; u

(e) jaġixxi bħala r-rappreżentant tal-KESD għall-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni fin-netwerk u barra minnu.

2. Il-kandidati għall-pożizzjoni ta' Kap għandhom ikunu persuni b'kompetenza esperta u esperjenza stabbiliti u rikonoxxuti fit-taħriġ u l-edukazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw kandidati għall-pożizzjoni ta' Kap. Il-persunal tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tas-SEAE jistgħu japplikaw għal din il-pożizzjoni, f'konformità mar-regoli applikabbli.

3. Il-proċess ta' preselezzjoni għandu jiġi organizzat taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ. Il-bord ta' preselezzjoni għandu jikkonsisti minn tliet rappreżentanti tas-SEAE. Dan għandu jkun presedut mill-President tal-Kumitat ta' Tmexxija. Abbażi tar-riżultati tal-preselezzjoni, ir-RGħ għandu jipprovdi lill-Kumitat ta' Tmexxija rakkomandazzjoni b'lista ristretta ta' mill-inqas tliet kandidati, imfassla skont l-ordni tal-preferenza tal-bord ta' preselezzjoni. Mill-inqas nofs il-kandidati fil-lista ristretta għandhom jiġu mill-Istati Membri. Il-kandidati jippreżentaw il-viżjoni tagħhom għall-KESD lill-Kumitat ta' Tmexxija, u wara dan l-Istati Membri jiġu mistiedna jikklassifikaw lill-kandidati b'vot sigriet, bil-miktub. Il-Kap għandu jinħatar mir-RGħ bħala membru tal-persunal tas-SEAE.

4. Il-kompiti tal-Kap għandhom b'mod partikolari jkunu li:

(a) jieħu kull pass meħtieġ, inkluż l-adozzjoni ta' struzzjonijiet amministrattivi interni u l-pubblikazzjoni ta' avviżi, biex jiżgura li l-attivitajiet tal-KESD jiffunzjonaw b'mod effettiv;

(b) ifassal l-abbozz preliminari tar-rapport annwali tal-KESD u l-abbozz preliminari tal-programm ta' ħidma tiegħu li għandhom jiġu ppreżentati lill-Kumitat ta' Tmexxija abbażi tal-proposti ppreżentati mill-Bord;

(c) jikkoordina l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-KESD;

(d) iżomm kuntatti mal-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri;

(e) iżomm kuntatti mal-atturi rilevanti esterni ta' taħriġ u edukazzjoni fil-qasam tal-PESK u tal-PSDK;

(f) jikkonkludi fejn ikun meħtieġ arranġamenti tekniċi dwar attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD mal-awtoritajiet u l-atturi rilevanti ta' taħriġ u edukazzjoni fil-qasam tal-PESK u tal-PSDK;

(g) iwettaq kull kompitu ieħor assenjat lilu mill-Kumitat ta' Tmexxija.

5. Il-Kap għandu jkun responsabbli għall-immaniġġjar finanzjarju u amministrattiv tal-KESD, u b'mod partikolari għandu:

(a) ifassal u jippreżenta lill-Kumitat ta' Tmexxija kull abbozz tal-baġit;

(b) jadotta l-baġits wara li jiġu approvati mill-Kumitat ta' Tmexxija;

(c) ikun l-uffiċjal li jawtorizza l-baġit tal-KESD;

(d) jiftaħ kont bankarju wieħed jew aktar f'isem il-KESD;

(e) jinnegozja, jippreżenta lill-Kumitat ta' Tmexxija u jikkonkludi kwalunkwe ftehim ta' finanzjament u/jew arranġament tekniku mal-Kummissjoni, is-SEAE jew Stat Membru dwar il-finanzjament u/jew l-implimentazzjoni tan-nefqa tal-KESD;

(f) jagħżel il-persunal tas-Segretarjat, bl-għajnuna ta' bord tas-selezzjoni;

(g) jinnegozja u jiffirma f'isem il-KESD kull Skambju ta' Ittri għall-issekondar ta' persunal tas-Segretarjat lill-KESD;

(h) jinnegozja u jiffirma f'isem il-KESD kull kuntratt ta' impjieg għal persunal imħallas mill-baġit tal-KESD;

(i) b'mod ġenerali, jirrappreżenta lill-KESD għall-finijiet ta' kull att legali b'implikazzjonijiet finanzjarji;

(j) jippreżenta lill-Kumitat ta' Tmexxija l-kontijiet annwali tal-KESD.

6. Il-Kap għandu jagħti rendikont tal-attivitajiet tiegħu lill-Kumitat ta' Tmexxija.

*Artikolu 12*

**Is-Segretarjat tal-KESD**

1. Is-Segretarjat għandu jassisti lill-Kap fil-qadi tad-dmirijietu tal-Kap;

2. Is-Segretarjat għandu jipprovdi appoġġ lill-Kumitat ta' Tmexxija, lill-Bord inkluż il-konfigurazzjonijiet tiegħu u lil istituzzjonijiet għall-immaniġġjar, il-koordinazzjoni u l-organizzazzjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD;

3. Is-Segretarjat għandu jappoġġa u jassisti l-Bord biex jiżgura l-kwalità u l-koerenza ġenerali tal-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD u biex jiżgura li jibqgħu konformi ma' żviluppi fil-politika tal-Unjoni. B'mod partikolari, għandu jgħin biex jiġi żgurat li l-passi kollha fil-forniment ta' attività ta' taħriġ u edukazzjoni, mill-iżvilupp tal-kurrikulu u l-kontenut sal-approċċ metodoloġiku, għandhom jirriflettu l-ogħla standards possibbli;

4. Kull istitut li jifforma parti min-netwerk tal-KESD għandu jinnomina punt ta' kuntatt mas-Segretarjat biex jittratta l-kwistjonijiet organizzattivi u amministrattivi konnessi mal-organizzazzjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD;

5. Is-Segretarjat għandu jikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni u mas-SEAE.

*Artikolu 13*

**Persunal tal-KESD**

1. Il-persunal tal-KESD għandu jkun magħmul minn:

(a) persunal issekondat lill-KESD mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, is-SEAE u aġenziji tal-Unjoni;

(b) esperti nazzjonali ssekondati lill-KESD mill-Istati Membri;

(c) persunal ikkuntrattat meta l-ebda espert nazzjonali ma jkun ġie identifikat għall-pożizzjoni ta' assistent amministrattiv u finanzjarju u wara l-approvazzjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija.

2. Il-KESD jista' jirċievi interns u akkademiċi mistiedna.

3. L-għadd ta' persunal tal-KESD għandu jkun deċiż mill-Kumitat ta' Tmexxija flimkien mal-baġit għas-sena li jkun imiss u għandu jkollu rabta ċara mal-għadd ta' attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD u kompiti oħra kif definiti fl-Artikolu 4.

4. Id-Deċiżjoni tar-RGħ ([1]) Sigurtà li tistabbilixxi r-regoli applikabbli għall-esperti nazzjonali ssekondati lis-SEAE għandha tapplika *mutatis mutandis* għall-esperti nazzjonali ssekondati lill-KESD mill-Istati Membri. Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni jibqgħu applikabbli għall-persunal issekondat lill-KESD mill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, inkluż għall-persunal ikkuntrattat imħallas mill-baġit tal-KESD.

5. Il-Kumitat ta' Tmexxija, fuq proposta mir-RGħ, għandu jiddefinixxi sa fejn neċessarju l-kondizzjonijiet applikabbli għall-interns u l-akkademiċi mistiedna.

6. Il-persunal tal-KESD ma jistax jikkonkludi kuntratti jew jidħol fi kwalunkwe tip ta' obbligu finanzjarju f'isem il-KESD mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel bil-miktub tal-Kap.

KAPITOLU III

## FINANZJAMENT

*Artikolu 14*

### Kontribuzzjonijiet in natura għall-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni

1. Kull Stat Membru, istituzzjoni tal-Unjoni, aġenzija u istitut tal-Unjoni, u s-SEAE għandu jġarrab l-ispejjeż kollha marbutin mal-parteċipazzjoni tiegħu fil-KESD, inklużi salarji, allowances, infiq tal-ivvjaġġar u sussistenza u spejjeż marbutin mal-appoġġ organizzattiv u amministrattiv tal-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD.

2. Kull parteċipant fl-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD għandu jġarrab l-ispejjeż kollha marbutin mal-parteċipazzjoni tiegħu.

*Artikolu 15*

### Appoġġ mis-SEAE

1. Is-SEAE għandu jġarrab l-ispejjeż li jirriżultaw meta jospita lill-Kap u lis-Segretarjat tal-KESD fil-bini tiegħu, inkluż l-ispejjeż tat-teknoloġija tal-informazzjoni, l-issekondar tal-Kap u l-issekondar ta' membru tal-persunal assistent wieħed lis-Segretarjat tal-KESD.

2. Is-SEAE għandu jipprovdi lill-KESD bl-appoġġ amministrattiv meħtieġ għar-reklutaġġ u l-immaniġġjar tal-persunal tiegħu u biex jimplimenta l-baġit tiegħu.

*Artikolu 16*

### Kontribuzzjoni mill-Baġit tal-Unjoni

1. Il-KESD għandu jirċievi kontribuzzjoni annwali jew pluriennali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Dik il-kontribuzzjoni tista' tkopri, b'mod partikolari, l-ispejjeż ta' appoġġ għall-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni u l-ispejjeż tal-esperti nazzjonali ssekondati mill-Istati Membri lill-KESD u sa membru wieħed tal-persunal ikkuntrattat.

2. L-ammont ta' referenza finanzjarja allokat biex ikopri n-nefqa relatata mal-KESD għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017 għandu jkun ta' EUR 700 000. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodi sussegwenti għandu jiġi deċiż mill-Kunsill, wara rakkomandazzjoni mill-Kumitat ta' Tmexxija.

3. Wara d-deċiżjoni mill-Kunsill imsemmija fil-paragrafu 2, għandu jiġi nnegozjat mill-Kap ftehim ta' finanzjament mal-Kummissjoni.

*Artikolu 17*

### Kontribuzzjonijiet volontarji

1. Għall-fini tal-finanzjament ta' attivitajiet speċifiċi, il-KESD jista' jirċievi u jamministra kontribuzzjonijiet volontarji mill-Istati Membri u istituti jew donaturi oħra. Tali kontribuzzjonijiet għandhom jiġu assenjati speċifikament mill-KESD.

([1]) Id-Deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-23 ta' Marzu 2011 li tistabbilixxi r-regoli applikabbli għall-Esperti Nazzjonali Sekondati lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU C 12, 14.1.2012, p. 8).

2. Arranġamenti tekniċi għall-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu nnegozjati mill-Kap.

*Artikolu 18*

**Implimentazzjoni ta' proġetti**

1. Il-KESD jista' japplika għal proġetti ta' riċerka u proġetti oħrajn fil-qasam tal-PESK. Il-KESD jista' jaġixxi bħala koordinatur jew membru tal-proġetti. Il-Kap jista' jkun affiljat mal-"bord konsultattiv" ta' tali proġett. Hu jista' jiddelega dan il-kompitu lil wieħed mill-Presidenti tal-konfigurazzjonijiet tal-EAB jew lil membru tas-Segretarjat tal-KESD.

2. Kontribuzzjonijiet li ġejjin minn dawk il-proġetti għandhom ikunu viżibbli fil-baġit (emendat) tal-KESD, assenjati u użati skont il-kompiti u l-objettivi tal-KESD.

*Artikolu 19*

**Regoli finanzjarji**

Ir-Regoli Finanzjarji stipulati fl-Anness għandhom japplikaw għan-nefqa ffinanzjata mill-KESD u għall-finanzjament ta' tali nefqa.

KAPITOLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET MIXXELLANJI**

*Artikolu 20*

**Parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD**

1. L-attivitajiet kollha ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD għandhom ikunu miftuħin għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-Istati Membri u l-Istati aderenti kollha. L-istituti li jorganizzaw u jmexxu dawn l-attivitajiet għandhom jiżguraw li dan il-prinċipju japplika mingħajr eċċezzjoni.

2. L-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD għandhom ikunu wkoll miftuħin, fil-prinċipju, għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni u, kif xieraq, ta' Stati terzi u Organizzazzjonijiet oħrajn, b'mod partikolari għal dawk l-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(2)(d).

3. Il-parteċipanti għandhom ikunu persunal ċivili/diplomatiku/tal-pulizija/militari li jittratta aspetti fil-qasam tal-PSDK u tal-PESK u esperti li jintbagħtu fuq missjonijiet jew operazzjonijiet tal-PSDK.

Rappreżentanti ta', fost oħrajn, organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet nongovernattivi, istituzzjonijiet akkademiċi u l-mezzi tal-informazzjoni, kif ukoll membri tal-komunità kummerċjali, jistgħu jkunu mistiedna jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni tal-KESD.

4. Parteċipant li jkun temm kors tal-KESD għandu jingħata ċertifikat iffirmat mir-RGħ. Il-modalitajiet taċ-ċertifikat għandhom jinżammu taħt rieżami mill-Kumitat ta' Tmexxija. Iċ-ċertifikat għandu jkun rikonoxxut mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

*Artikolu 21*

**Kooperazzjoni**

Il-KESD għandu jikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u atturi rilevanti oħrajn u juża l-kompetenza esperta tagħhom, bħalma huma l-istituti tat-taħriġ u dawk edukattivi nazzjonali ta' Stati terzi, b'mod partikolari iżda mhux limitat għal dawk imsemmija fl-Artikolu 5(2).

*Artikolu 22*

**Regolamenti tas-sigurtà**

Id-dispożizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE ([1]) għandhom japplikaw għall-KESD.

KAPITOLU V

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 23*

**Kontinwità**

Ir-regoli u r-regolamenti adottati għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2013/189/PESK għandhom jibqgħu fis-seħħ għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sa fejn ikunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni u sakemm jiġu emendati jew jitħassru.

*Artikolu 24*

**Tħassir**

Id-Deċiżjoni 2013/189/PESK qed tiġi b'dan imħassra.

*Artikolu 25*

**Dħul fis-seħħ u skadenza**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017. Hija għandha tiġi riveduta kif xieraq, u fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn sitt xhur qabel l-iskadenza tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fit-2 ta' Jannar 2021.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. LAJČÁK

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

*ANNESS*

**Regoli finanzjarji applikabbli għan-nefqa ffinanzjata mill-KESD u għall-finanzjament tan-nefqa tal-KESD**

*Artikolu 1*

**Prinċipji baġitarji**

1. Il-baġit tal-KESD, imfassal f'euro, huwa l-att li għal kull sena finanzjarja jistipula u jawtorizza d-dħul kollu tal-KESD u n-nefqa kollha ffinanzjata mill-KESD.

2. Id-dħul u n-nefqa tal-baġit għandhom ikunu f'bilanċ.

3. Ma jista' jiġi implimentat ebda dħul jew nefqa ffinanzjata mill-KESD ħlief b'allokazzjoni għal intestatura fil-baġit.

*Artikolu 2*

**Adozzjoni tal-baġits**

1. Kull sena l-Kap għandu jfassal abbozz ta' baġit għas-sena finanzjarja li jkun imiss, li tibda fl-1 ta' Jannar u tintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena. L-abbozz tal-baġit għandu jinkludi l-approprjazzjonijiet meqjusa meħtieġa biex ikopru n-nefqa li għandha tiġi ffinanzjata mill-KESD matul dak il-perijodu u previżjoni tad-dħul mistenni jkopri dik in-nefqa.

2. L-approprjazzjonijiet għandhom ikunu kklassifikati bħala meħtieġa skont it-tip jew l-iskop f'kapitoli u artikoli. L-abbozz għandu jinkludi kummenti ddettaljati għal kull artikolu.

3. Id-dħul għandu jikkonsisti mill-kontribuzzjonijiet volontarji tal-Istati Membri jew ta' donaturi oħra kif ukoll il-kontribuzzjoni annwali mill-baġit tal-Unjoni Ewropea.

4. Il-Kap għandu jippreżenta rapport dettaljat tal-baġit dwar is-sena finanzjarja preċedenti sal-31 ta' Marzu. Hu għandu jipproponi l-abbozz tal-baġit għas-sena finanzjarja ta' wara lill-Kumitat ta' Tmexxija sal-31 ta' Lulju.

5. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu japprova l-abbozz ta' baġit sal-31 ta' Ottubru.

6. F'każ li l-KESD jirċievi kontribuzzjoni pluriennali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, il-Kumitat ta' Tmexxija għandu japprova l-baġit annwali b'kunsens.

*Artikolu 3*

**Trasferimenti ta' approprjazzjonijiet**

Fil-każ ta' ċirkostanzi mhux previsti, trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn il-linji baġitarji jew intestaturi baġitarji tal-kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 16, li ma jaqbżux il-25 % ta' dawk il-linji jew intestaturi baġitarji, jistgħu jiġu deċiżi mill-Kap, li jżomm lill-Kumitat ta' Tmexxija infurmat dwar tali trasferimenti. Trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn il-linji jew intestaturi baġitarji li jaqbżu l-25 % tal-linji jew intestaturi baġitarji għandhom jiġu ppreżentati lill-Kumitat ta' Tmexxija f'baġit emendat għall-approvazzjoni.

*Artikolu 4*

**Riporti ta' approprjazzjonijiet**

1. L-approprjazzjonijiet meħtieġa biex jitħallsu l-obbligi legali li jittieħdu sal-31 ta' Diċembru ta' sena finanzjarja għandhom jiġu riportati għas-sena finanzjarja li jkun imiss.

2. Approprjazzjonijiet li ġejjin minn kontribuzzjonijiet volontarji għandhom jiġu riportati għas-sena finanzjarja li jkun imiss.

3. Approprjazzjonijiet li ġejjin minn proġetti għandhom jiġu riportati għas-sena finanzjarja li jkun imiss.

4. Il-Kap jista' jirriporta approprjazzjonijiet oħra fil-baġit għas-sena finanzjarja li jkun imiss bl-approvazzjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija.

5. Approprjazzjonijiet oħra għandhom jiġu kkanċellati fit-tmiem tas-sena finanzjarja.

*Artikolu 5*

**Implimentazzjoni tal-baġit u mmaniġġjar tal-persunal**

Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu u l-immaniġġjar tal-persunal tiegħu, il-KESD għandu juża l-istrutturi amministrattivi eżistenti tal-Unjoni, partikolarment is-SEAE, sal-massimu possibbli.

*Artikolu 6*

**Kontijiet bankarji**

1. Kull kont bankarju tal-KESD għandu jinfetaħ f'istituzzjoni finanzjarja tal-ogħla kalibru li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru u għandu jkun kont kurrenti jew bi skadenza qasira f'euro.

2. Ma jistgħux jinġibdu flus aktar milli jkun hemm depożitati, minn ebda kont bankarju.

*Artikolu 7*

**Pagamenti**

Kull pagament minn kont bankarju tal-KESD għandu jeħtieġ il-firma konġunta tal-Kap tal-KESD u ta' membru ieħor tal-persunal tal-KESD.

*Artikolu 8*

**Kontabbiltà**

1. Il-Kap għandu jiżgura li l-kontijiet li juru d-dħul, in-nefqa u l-inventarju tal-assi tal-KESD jinżammu b'mod konformi mal-istandards ta' kontabbiltà aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.

2. Il-Kap għandu jippreżenta lill-Kumitat ta' Tmexxija l-kontijiet annwali għal sena finanzjarja speċifika mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' wara, flimkien mar-rapport dettaljat imsemmi fl-Artikolu 2(4).

3. Is-servizzi tal-kontabbiltà neċessarji għandhom jiġu esternalizzati.

*Artikolu 9*

**Awditjar**

1. L-awditu tal-kontijiet tal-KESD għandu jsir kull sena.

2. Is-servizzi tal-awditjar neċessarji jistgħu jiġu esternalizzati.

3. Ir-rapporti tal-awditjar għandhom ikunu disponibbli għall-Kumitat ta' Tmexxija flimkien mar-rapport dettaljat imsemmi fl-Artikolu 2(4).

*Artikolu 10*

**Kwittanza**

1. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jiddeċiedi abbażi tar-rapport dettaljat, il-kontijiet annwali u r-rapport tal-awditu annwali jekk jagħtix kwittanza lill-Kap fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-KESD.

2. Il-Kap għandu jieħu l-passi kollha xierqa biex jissodisfa lill-Kumitat ta' Tmexxija li tista' tingħata kwittanza u biex jagħti segwitu għall-osservazzjonijiet fi kwalunkwe deċiżjoni ta' kwittanza.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/2383

## tal-21 ta' Diċembru 2016

## dwar l-appoġġ mill-Unjoni għall-attivitajiet tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika fl-oqsma tas-sigurtà nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28 u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva ("l-Istrateġija"), li l-Kapitolu III tagħha fih lista ta' miżuri li jridu jittieħdu kemm fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi biex tiġi miġġielda tali proliferazzjoni.

(2) L-Unjoni qiegħda timplimenta attivament l-Istrateġija u qiegħda tagħti effett lill-miżuri elenkati fil-Kapitolu III tagħha, b'mod partikolari permezz tar-rilaxx ta' riżorsi finanzjarji biex tappoġġa proġetti speċifiċi mwettqa minn istituzzjonijiet multilaterali, bħall-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA).

(3) Fis-17 ta' Novembru 2003, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2003/805/PESK ([1]) dwar l-universalizzazzjoni u t-tisħiħ ta' ftehimiet multilaterali fil-qasam tan-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi tat-trasport tagħhom Dik il-Pożizzjoni Komuni tappella, fost oħrajn, għall-promozzjoni tal-konklużjoni ta' ftehimiet komprensivi ta' salvagwardja u Protokolli Addizzjonali tal-IAEA u timpenja lill-Unjoni biex taħdem sabiex il-ftehimiet komprensivi ta' salvagwardja u l-Protokolli Addizzjonali jsiru l-istandard għas-sistema ta' verifika tal-IAEA.

(4) Fis-17 ta' Mejju 2004, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/495/PESK ([2]) dwar l-appoġġ għall-attivitajiet tal-IAEA taħt il-Programm ta' Sigurtà Nukleari tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija.

(5) Fit-18 ta' Lulju 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/574/PESK ([3]) dwar sostenn għall-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implementazzjoni tal-Istrateġija.

(6) Fit-12 ta' Ġunju 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/418/PESK ([4]) dwar l-appoġġ għall-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija.

(7) Fl-14 ta' April 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/314/PESK ([5]) dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implementazzjoni tal-Istrateġija.

([1]) Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/805/PESK tas-17 ta' Novembru 2003 fuq l-universalità u t-tisħiħ tal-ftehim multilaterali fil-qasam tal-kontroll tal-armi nukleari (f'pajjiżi li għad ma għandhomx dawn l-armi) għad-distruzzjoni tal-massa u l-mod tat-trasport tagħhom (ĠU L 302, 20.11.2003, p. 34).

([2]) Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/495/PESK tas-17 ta' Mejju 2004 dwar l-appoġġ għall-attivitajiet tal-IAEA taħt il-Programm ta' Sigurtà Nukleari tagħha u fil-kwadru tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa (ĠU L 182, 19.5.2004, p. 46).

([3]) Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/574/PESK tat-18 ta' Lulju 2005 dwar sostenn għall-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implementazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ĠU L 193, 23.7.2005, p. 44).

([4]) Azzjoni Konġunta Tal-Kunsill 2006/418/PESK tat-12 ta' Ġunju 2006 dwar l-appoġġ għall-attivitajiet tal-AIEA (Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika) fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi tal-Qerda tal-Massa (ĠU L 165, 17.6.2006, p. 20).

([5]) Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/314/PESK tal-14 ta' April 2008 dwar l-appoġġ għall-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda tal-Massa (ĠU L 107, 17.4.2008, p. 62).

(8) Fis-27 ta' Settembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/585/PESK ([1]) dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implementazzjoni tal-Istrateġija.

(9) Fil-21 ta' Ottubru 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/517/PESK ([2]) dwar appoġġ mill-Unjoni għall-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija.

(10) Fit-8 ta' Mejju 2016, l-Emenda għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari (ACPPNM) daħlet fis-seħħ. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha sostnew l-Emenda permezz ta' kuntatti diplomatiċi u l-finanzjament tal-attivitajiet tal-IAEA f'dak ir-rigward. Wara d-dħul fis-seħħ tagħha, ikun hemm bżonn ta' sforzi sostnuti biex jiġu żgurati l-infurzar nazzjonali u l-universalizzazzjoni tal-ACPPNM.

(11) L-IAEA għandha l-istess objettivi stabbiliti fil-Premessi (3) sa (10) permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjan għas-Sigurtà Nukleari tagħha li huwa ffinanzjat kompletament permezz ta' kontribuzzjonijiet volontarji lill-Fond għas-Sigurtà Nukleari tal-IAEA.

(12) L-Unjoni hija impenjata li ssaħħaħ is-sigurtà nukleari fid-dinja kollha u hija lesta li tkompli tassisti lill-pajjiżi terzi f'dak ir-rigward. L-Unjoni tilqa' l-passi reċenti biex jissaħħaħ il-Programm tal-IAEA għas-Sigurtà Nukleari kif ukoll il-Konferenza Internazzjonali dwar is-Sigurtà Nukleari: Impenji u Azzjonijiet, ospitata mill-IAEA mill-5 sad-9 ta' Diċembru 2016. L-Unjoni timmira li żżomm is-sostenibbiltà u l-effettività tal-implimentazzjoni tal-Azzjonijiet Konġunti 2004/495/PESK, 2005/574/PESK, 2006/418/PESK, 2008/314/PESK u d-Deċiżjoni 2010/585/PESK b'appoġġ għall-Pjani tal-IAEA għas-Sigurtà Nukleari ("Azzjonijiet Konġunti u Deċiżjonijiet preċedenti") u hija impenjata li tipprovdi aktar appoġġ bil-ħsieb tal-adozzjoni tal-Pjan tal-IAEA għas-Sigurtà Nukleari 2018-2021. Ser ikun hemm koordinazzjoni mill-qrib mal-Inizjattiva tal-EU dwar iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari (CBRN), kif ukoll ser jitwettqu inizjattivi u programmi oħrajn biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u biex jiġu massimizzati l-kosteffettività u t-tnaqqis kontinwu tar-riskji.

(13) L-implimentazzjoni teknika ta' din id-Deċiżjoni għandha tiġi fdata f'idejn l-IAEA li, abbażi tal-ħila esperta stabbilita u rikonoxxuta b'mod estensiv fil-qasam tas-sigurtà nukleari, tista' ssaħħaħ b'mod sinifikanti l-kapaċitajiet rilevanti fil-pajjiżi fil-mira. Il-proġetti kif appoġġati mill-Unjoni jistgħu jiġu ffinanzjati biss permezz ta' kontribuzzjonijiet volontarji lill-Fond għas-Sigurtà Nukleari tal-IAEA. Dawn il-kontribuzzjonijiet li ser jiġu pprovduti mill-Unjoni ser ikunu strumentali biex l-IAEA tkun tista' taqdi rwol prinċipali fil-qasam tas-sigurtà nukleari permezz ta' appoġġ għall-isforzi tal-pajjiżi biex jitwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tas-sigurtà nukleari.

(14) Ir-responsabbiltà għas-sigurtà nukleari fi ħdan Stat hija esklużivament f'idejn l-Istat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni immedjata u prattika ta' ċerti elementi tal-Istrateġija, l-Unjoni għandha tappoġġa l-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà nukleari sabiex jitmexxew 'il quddiem l-objettivi li ġejjin:

(a) li jsir progress lejn l-universalizzazzjoni tan-nonproliferazzjoni internazzjonali u l-istrumenti għas-sigurtà nukleari;

(b) li tingħata assistenza lill-Istati fl-istabbiliment tal-kapaċità teknika, xjentifika u umana indiġena, meħtieġa għal sigurtà nukleari effettiva u sostenibbli;

(c) li jissaħħu l-kapaċitajiet għall-prevenzjoni, l-individwazzjoni, ir-reazzjoni u l-protezzjoni ta' persuni, proprjetà, l-ambjent u s-soċjetà minn atti mhux awtorizzati kriminali jew intenzjonali li jinvolvu materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor li ma jaqax taħt il-kontroll regolatorju;

(d) li jissaħħu l-individwazzjoni ta' traffikar illeċitu ta' materjal nukleari u materjal radjuattiv ieħor, u r-rispons għalih;

(e) li jingħata kontribut għas-sigurtà tal-informatika fil-qasam nukleari;

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/585/PESK tas-27 ta' Settembru 2010 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 259, 1.10.2010, p. 10).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/517/PESK tal-21 ta' Ottubru 2013 dwar appoġġ mill-Unjoni għall-attivitajiet tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 281, 23.10.2013, p. 6).

(f) li tissaħħaħ is-sigurtà ta' sorsi radjuattivi, biex dawn jitpoġġew f'post ta' ħżin sikur u bla periklu fil-pajjiżi li jeħtieġu assistenza, inkluż ir-ripatrijazzjoni lejn il-pajjiż tal-oriġini jew il-fornitur;

(g) li tissaħħaħ il-protezzjoni fiżika tal-materjal nukleari u materjal radjuattiv ieħor.

2. Il-proġetti għandu jkollhom l-għan li:

(a) jiżguraw is-sostenibbiltà u l-effettività ta' appoġġ mogħti permezz ta' Azzjonijiet Konġunti u Deċiżjonijiet preċedenti;

(b) isaħħu l-Infrastruttura Indiġena tal-Istati għall-Appoġġ tas-Sigurtà Nukleari;

(c) isaħħu l-Qafas Leġislattiv u Regolatorju tal-Istati;

(d) isaħħu s-Sistemi għas-Sigurtà Nukleari u l-Miżuri għal Materjal Nukleari u Materjal Radjuattiv ieħor;

(e) isaħħu l-Infrastruttura Istituzzjonali tal-Istati u l-Kapaċitajiet tal-Istati li Jittrattaw Materjal Nukleari u Materjal Radjuattiv ieħor li ma jaqax taħt il-Kontroll Regolatorju;

(f) isaħħu r-Rispons tal-Istati u r-Reżistenza tagħhom għaċ-Ċiberkriminalità u l-Mitigazzjoni tal-Impatt tagħha fuq is-Sigurtà Nukleari;

(g) itejbu l-edukazzjoni u l-kapaċitajiet ta' taħriġ fil-qasam tas-Sigurtà Nukleari;

(h) jiżguraw appoġġ iffokat u kontinwu għall-implimentazzjoni u l-universalizzazzjoni tal-Emenda għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari.

3. Il-preparamenti għal din id-Deċiżjoni għandhom ikunu bbażati fuq l-informazzjoni diġà disponibbli għall-IAEA u r-riżultati tal-kompiti mwettqa permezz tal-Azzjonijiet Konġunti u d-Deċiżjonijiet preċedenti.

4. Fl-Anness hemm deskrizzjoni dettaljata tal-proġetti. Il-listi ta' pajjiżi fil-mira għandhom ikunu bbażati fuq id-definizzjoni tal-ħtiġijiet wara analiżi tal-lakuni kif riflessi fil-Pjani ta' Appoġġ Integrat għas-Sigurtà Nukleari (INSSP) eżistenti, jew fuq proposta aċċettata mis-Segretarjat tal-IAEA. Il-listi tal-pajjiżi u s-subreġjuni benefiċjarji għandhom jiġu ddefiniti mill-Istati Membri tal-Unjoni f'konsultazzjoni mal-IAEA.

*Artikolu 2*

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"RGħ") għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. Il-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2) għandhom jitwettqu mill-IAEA bħala l-Entità ta' Implimentazzjoni. Hija għandha twettaq dan il-kompitu taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ. Għal dak l-għan, ir-RGħ għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-IAEA.

*Artikolu 3*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implementazzjoni tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 9 361 204,23.

2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkun amministrat f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni tajba tal-infiq imsemmi fil-paragrafu 1. Għal dak l-għan, hija għandha tikkonkludi ftehim ta' finanzjament mal-IAEA. Il-ftehim ta' finanzjament għandu jistipula li l-IAEA għandha tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, b'mod adatt skont id-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

*Artikolu 4*

1. Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mħejjija mill-IAEA. Dawn ir-rapporti għandhom ikunu l-bażi għall-evalwazzjoni mill-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 5*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Hija għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament bejn il-Kummissjoni u l-IAEA jew 12-il xahar wara d-data tal-adozzjoni tagħha jekk ma jkun ġie konkluż l-ebda ftehim ta' finanzjament qabel dik id-data.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. LAJČÁK

*ANNESS*

Appoġġ mill-Unjoni għall-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà nukleari fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva

Eliġibbiltà u għażla tal-Istati benefiċjarji

L-Istati eliġibbli li jirċievu appoġġ taħt din id-Deċiżjoni jinkludu l-Istati Membri kollha tal-IAEA li jeħtieġu appoġġ fil-qasam tas-sigurtà nukleari, soġġett għal deċiżjoni mill-Unjoni, abbażi ta' proposta mill-IAEA. Il-modifiki tal-proposti jistgħu jsiru mill-IAEA, bil-miktub, lill-Unjoni b'ġustifikazzjoni għall-bidliet proposti. Il-bidliet ser jiġu implimentati wara kunsens mill-Unjoni. L-għażla tal-Istati benefiċjarji ("pajjiżi benefiċjarji") kif indikat f'din id-Deċiżjoni għandha tkun ibbażata fuq il-valutazzjonijiet u d-data diġà disponibbli għall-IAEA miksuba wkoll skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill preċedenti u f'konsultazzjoni mal-korpi rilevanti tal-Kunsill, bl-għan li jiġi żgurat l-akbar impatt possibbli tal-azzjoni. Ser ikun hemm koordinazzjoni mill-qrib mal-Inizjattiva dwar iċ-Ċentri ta' Eċċellenza, proġetti ffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea u kif ukoll inizjattivi u programmi oħrajn, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġu massimizzati l-kosteffettività u t-tnaqqis kontinwu tar-riskji permezz ta' laqgħat tal-ġestjoni tal-inizjattiva tal-UE dwar iċ-Ċentri ta' Eċċellenza CBRN matul il-laqgħat annwali bejn iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u s-Segretarjat tal-IAEA u fil-marġini tal-laqgħa plenarja annwali taċ-Ċentri ta' Appoġġ għas-Sigurtà Nukleari (NSSC). L-użu ta' fondi għal attivitajiet speċifiċi ser ikun konformi mal-prijoritajiet tal-Unjoni u soġġett għal konsultazzjoni regolari minn qabel. Xi attivitajiet bħall-Korsijiet ta' Taħriġ Nazzjonali (RTC) u Korsijiet ta' Taħriġ Internazzjonali (ITC) ser ikunu ospitati minn Stati li mhumiex pajjiżi benefiċjarji. Dan jirrappreżenta kontribut għall-attivitajiet tal-IAEA mill-Istat ospitanti.

Kull proġett jinkludi lista ta' pajjiżi benefiċjarji potenzjali maqbula bejn l-Unjoni u l-IAEA. Il-proġetti ser jiġu implimentati fl-Istati magħżula ta' dawk ir-reġjuni u jistgħu jinkludu attivitajiet fl-oqsma li ġejjin:

1. sostenibbiltà u Effettività tal-Appoġġ mogħti permezz ta' Azzjonijiet Konġunti u Deċiżjonijiet preċedenti;

2. tisħiħ tal-Infrastruttura Indiġena tal-Istati għall-Appoġġ tas-Sigurtà Nukleari;

3. tisħiħ tal-Qafas Leġislattiv u Regolatorju tal-Istati;

4. tisħiħ tas-Sistemi għas-Sigurtà Nukleari u l-Miżuri għal Materjal Nukleari u Materjal Radjuattiv ieħor;

5. tisħiħ tal-Infrastrutturi Istituzzjonali tal-Istati u l-Kapaċitajiet tal-Istati li Jittrattaw Materjal Nukleari u Materjal Radjuattiv ieħor li ma jaqax taħt il-Kontroll Regolatorju;

6. tisħiħ tar-Rispons tal-Istati u r-Reżistenza tagħhom għaċ-Ċiberkriminalità u l-Mitigazzjoni tal-Impatt tagħha fuq is-Sigurtà Nazzjonali u Nukleari;

7. l-indirizzar tas-Sigurtà ta' Sorsi Radjuattivi permezz tar-Ripatrijazzjoni tas-Sors;

8. Miżuri ta' Prevenzjoni u ta' Protezzjoni kontra Theddid intern u r-Rendikont u l-Kontroll tal-Materjal Nukleari.

I. PROĠETTI

Proġett 1:

Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-ACPPNM

L-ACPPNM daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Mejju 2016. Din torbot legalment lill-Istati biex jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu reġim adegwat ta' protezzjoni fiżika abbażi ta' 12-il prinċipju fundamentali, applikabbli għal materjal nukleari u faċilitajiet nukleari fil-ġurisdizzjoni tagħhom għall-użu, il-ħżin u t-trasport domestiku u paċifiku. Il-proġett ser jiffoka fuq l-implimentazzjoni, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-universalizzazzjoni tal-ACPPNM. Din ukoll torbot legalment għall-Istati Partijiet biex jipproteġu l-faċilitajiet u l-materjal nukleari fl-użu domestiku u paċifiku, il-ħżin u kif ukoll it-trasport, u tipprevedi kooperazzjoni wiesgħa bejn u fost l-Istati rigward miżuri rapidi għas-sejbien u l-irkupru ta' materjal nukleari misruq jew nieqes, ittaffi l-konsegwenzi radjoloġiċi ta' sabutaġġ, u tipprevjeni u tiġġieled kontra offiżi relatati.

Għanjiet tal-proġett:

— l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-ACPPNM;

— it-tisħiħ tal-qafas leġislattiv u regolatorju nazzjonali, kif ukoll il-kapaċità tal-Istati li jiżviluppaw skambji tal-aħjar prattiki f'livell reġjonali, kif japplikaw għal kwalunkwe awtorità involuta fis-sigurtà ta' materjali nukleari jew taħt il-kontroll regolatorju jew inkella barra mill-kontroll regolatorju;

— il-forniment lill-Istati ta' mezzi kosteffettivi li jassistuhom biex jonoraw obbligi nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, u biex jadottaw strumenti legali vinkolanti u internazzjonali;

— it-tisħiħ ulterjuri tal-kooperazzjoni internazzjonali biex jiġu stabbiliti, f'konformità mal-liġi nazzjonali ta' kull Stat u fi ħdan l-ACPPNM, miżuri effettivi għall-protezzjoni fiżika tal-materjal nukleari u faċilitajiet nukleari.

Deskrizzjoni tal-proġett:

— attivitajiet identifikati fl-INSSP f'għaxar Stati fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' obbligi taħt l-ACPPNM jirriżultaw f'azzjonijiet konkreti. Jiġu ddefiniti l-istadji importanti biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet rilevanti li jwasslu għal soluzzjonijiet sostenibbli għall-Istati biex isaħħu r-reġim nazzjonali tagħhom tas-sigurtà nukleari. Kronoloġiji u impenji miftiehma jiżguraw l-implimentazzjoni komprensiva tal-Pjanijiet;

— reviżjoni ta' materjal tat-taħriġ: jiġu żviluppati eżerċizzji ġodda ta' taħriġ għal fehim aħjar mill-udjenza.

Riżultati mistennija tal-proġett:

— kapaċità akbar fl-Istati sabiex jonoraw l-obbligi tagħhom taħt l-ACPPNM;

— bidu ta' żvilupp u titjib ulterjuri tal-qafas regolatorju għall-protezzjoni fiżika;

— żvilupp ta' dokument ta' gwida għall-użu mill-Istati biex jiżviluppaw kapaċitajiet nazzjonali dwar ir-regolamentazzjoni, ir-reviżjoni u l-valutazzjoni u għall-ispezzjoni tal-faċilitajiet nukleari biex tiġi żgurata s-sigurtà nukleari matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' faċilità nukleari.

Proġett 2:

Proġett Sostenibbli

Il-Proġett Sostenibbli propost jibni fuq il-ħidma intensiva fuq il-Qafas tal-Istruttura għall-Individwazzjoni iffinanzjat permezz tad-Deċiżjoni 2013/517/PESK. Dan jirriżulta mill-erba' Missjonijiet ta' Valutazzjoni tal-Impatt dwar l-Azzjonijiet Konġunti u Deċiżjonijiet preċedenti mwettqa f'Kuba, l-Indoneżja, il-Ġordan, il-Libanu, il-Malasja u l-Vjetnam. Dawk is-sitt Stati talbu l-appoġġ tal-IAEA fl-INSSP tagħhom fuq dan il-proġett.

Il-proġett għandu l-għan li jipprovdi għodda għall-appoġġ tal-istruttura ta' individwazzjoni għas-sigurtà nukleari, jiġifieri is-sett integrat ta' sistemi u miżuri għas-sigurtà nukleari, ibbażat fuq qafas legali u regolatorju adatt li huwa meħtieġ biex tiġi implimentata l-istrateġija nazzjonali għall-individwazzjoni ta' materjal nukleari u materjal radjuattiv ieħor li ma jaqax taħt il-kontroll regolatorju. Il-proġett propost huwa allinjat mal-appoġġ diġà mogħti mill-Unjoni fil-forniment ta' tagħmir ta' individwazzjoni bħad-Detettur Portiku tar-Radjazzjoni (RPMs) u tagħmir li Jinżamm fl-Idejn.

2.1. Għodod ta' Taħriġ fil-Manutenzjoni

Għanjiet tal-proġett:

— jassisti lill-Istati biex jiżguraw id-disponibbiltà ta' appoġġ tekniku u xjentifiku indiġenu, u l-iżvilupp tar-riżorsi umani meħtieġa għal sigurtà nukleari effettiva u sostenibbli;

— jiżgura użu ottimali u l-manutenzjoni adatta tat-tagħmir mogħti b'donazzjoni mill-Unjoni matul iċ-ċiklu sħiħ ta' ħajtu.

Deskrizzjoni tal-proġett:

— manutenzjoni korretta hija fattur ewlieni għall-individwazzjoni u r-reazzjoni għal serq, sabutaġġ, aċċess mhux awtorizzat, trasferiment illegali jew atti malizzjużi oħra li jinvolvu materjal nukleari, sustanzi radjuattivi oħra jew il-faċilitajiet assoċjati tagħhom. Jiġu stabbiliti għodod għal taħriġ fil-manutenzjoni tat-tagħmir għall-individwazzjoni (detettur portiku tar-radjazzjoni u unitajiet li jinżammu fl-idejn). Jiġu żviluppati mudelli ta' għodda bil-ħsieb li ikun hemm taħriġ speċifiku rigward il-manutenzjoni tagħhom, flimkien mal-użu korrett tagħhom;

— taħriġ fil-manutenzjoni tat-tagħmir għall-individwazzjoni.

Riżultati mistennija tal-proġett:

— is-sosteniment tal-appoġġ mogħti mill-IAEA għall-implimentazzjoni tal-Qafas tal-Istruttura ta' Individwazzjoni;

— jiġi żgurat li materjal għat-taħriġ huwa disponibbli u qiegħed jintuża biex isostni t-taħriġ tal-persunal il-ġdid kollu kkonċernat; il-materjal għat-taħriġ fil-prototipi jiġi pprovdut lill-Istati Membri tal-Unjoni permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar in-Nonproliferazzjoni (CONOP);

— jiġi żgurat li t-tagħmir għall-individwazzjoni jista' jinżamm operattiv mill-awtoritajiet fil-pajjiżi benefiċjarji għal tul ta' żmien massimu.

2.2. Għodda tas-Software użata għal Korpi Regolatorji

L-informazzjoni hija vitali għat-tħaddim effettiv tal-RPMs. L-iżvilupp ta' formati ta' data komuni u protokolli tal-ittestjar jippermetti l-komunikazzjoni effettiva bejn bosta operaturi. L-integrazzjoni tad-data minn strumenti għall-individwazzjoni bħall-RPMs li ġejjin minn fornituri differenti f'netwerks ta' informazzjoni hija element importanti fl-iżvilupp ta' sistema globali għall-individwazzjoni li tkun effettiva. Dan il-proġett jista' jgħin lill-Istati jtejbu b'mod sinifikanti l-effettività operattiva tagħhom billi jintegraw is-sistema għall-individwazzjoni fin-netwerks nazzjonali għall-kondiviżjoni tad-data. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-post u l-operaturi tista' tnaqqas spezzjonijiet doppji u allarmi li malajr ikun ċar li huma innoċenti u foloz assoċjati ma' bosta sistemi passivi għall-individwazzjoni.

Dan il-proġett jimplimenta Sistema Integrata permezz ta' għodda tas-software biex itejjeb il-proċess ta' analiżi u jagħti rakkomandazzjonijiet għal tagħmir xieraq. Mezz ta' rispons analitiku minn Korp Regolatorju lil Stazzjon lokali ta' RPM iżid l-effiċjenza tas-sistema u jappoġġa l-ħidma tal-aktar uffiċjali esposti (FLOs).

Għanjiet tal-proġett:

— jassisti lill-Istati biex jiżguraw id-disponibbiltà ta' appoġġ tekniku u xjentifiku indiġenu, u l-iżvilupp tar-riżorsi umani meħtieġa għal sigurtà nukleari effettiva u sostenibbli;

— jarmonizza d-data rigward l-allarm, b'mod tkun komparabbli bejn fornituri differenti tat-tagħmir.

Deskrizzjoni tal-proġett:

— jassisti lill-Korpi Regolatorji fl-integrazzjoni tad-data u l-armonizzazzjoni tas-software tal-allarm sabiex iqabblu d-data minn fornituri differenti u jiżguraw li t-teħid ta' deċiżjonijiet regolatorji jkun ibbażat fuq informazzjoni korretta;

— l-għodda Pilota tingħata mill-partijiet ikkonċernati ta' kull Stat u tiġi ttestjata minnhom. Huma jwettqu eżerċizzju ta' test reali bl-appoġġ tal-IAEA permezz ta' Missjonijiet ta' Esperti. Ir-rapport tat-test tal-għodda ta' taħriġ jiġi prodott u inkluż fir-rapport finali. Ir-rispons analitiku mill-awtorità regolatorja lil Stazzjonijiet lokali ta' RPM iżid l-effiċjenza tas-sistema u jsaħħaħ il-ħidma tal-FLOs.

Riżultati mistennija tal-proġett:

— l-inklużjoni ta' Modulu ta' taħriġ għas-sistema żviluppata kif ukoll sistema interattiva għall-esperti ta' allarmi foloz. L-għodda Prototip tingħata lill-partijiet ikkonċernati ta' kull Stat u tiġi ttestjata minnhom. Modulu ta' taħriġ għas-sistema żviluppata jiġi inkluż fis-sistema kif ukoll għal sistema interattiva għall-esperti ta' allarmi foloz. Ir-rapport tat-test speċifiku tal-għodda ta' taħriġ mibnija jiġi prodott u mibgħut lill-Kummissjoni. Il-materjal għall-Prototip jiġi pprovdut lill-Istati Membri tal-Unjoni permezz tas-CONOP;

— isir "test mudell" fi Stat wieħed, titwettaq analiżi u jiġu fformulati r-rekwiżiti tal-bidliet, jekk ikun hemm, abbażi tar-rapport tar-riżultati tat-test;

— armonizzazzjoni fil-livell tar-Regolatur, u konsegwentement fost ir-regolaturi fil-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali tagħhom, l-individwazzjoni ta', u r-rispons għal, materjal nukleari u materjal radjuattiv ieħor;

— ikun hemm prototip wieħed funzjonanti għal kull pajjiż;

— l-inklużjoni ta' Protokoll fl-akkwisti futuri ta' RPMs biex jiġu inklużi r-rekwiżiti speċifiċi rilevanti għas-software.

Proġett 3:

Tisħiħ tas-sigurtà nukleari b'enfasi reġjonali fuq il-Viċinat tal-UE u l-Amerka Latina

L-objettiv ta' dan il-proġett hu ż-żieda tal-kapaċitajiet nazzjonali għall-iżvilupp u t-tfassil ta' qafas leġislattiv u regolatorju u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fi ħdan l-Istati Membri tal-IAEA għall-istabbiliment ta' reġim ta' Sigurtà Nukleari Nazzjonali komprensiv. L-Unjoni Ewropea bdiet proġett reġjonali fl-Afrika sub-Saħarjana li jittratta s-sikurezza, is-sigurtà u s-salvagwardji tal-produzzjoni ta' uranju, it-trasport u l-ġestjoni sikura ta' sorsi radjuattivi. Dak il-proġett jiżviluppa attivitajiet relatati mas-sigurtà nukleari simili għal dawk proposti taħt dan il-proġett. Għaldaqstant, l-IAEA tibbenefika mir-rispons analitiku u r-riżultati tal-proġett tal-Unjoni biex timplimenta l-attivitajiet kollha jew uħud minnhom fir-reġjuni kkonċernati. Il-programm jissodisfa d-direzzjoni li tinsab fl-OP 13 ta' GC/RES/10 li fiha s-Segretarjat tħeġġeġ biex jiffaċilita proċess ta' koordinazzjoni li jirrigwarda l-interfaċċa bejn is-sikurezza u s-sigurtà. Żewġ diviżjonijiet tal-IAEA jkunu involuti: NRSW (Sikurezza) u NSNS (Sigurtà) f'approċċ ta' kapaċità subreġjonali.

3.1. Tisħiħ tas-Sigurtà Nukleari

Għan tal-proġett:

— it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Istati għall-prevenzjoni, l-individwazzjoni u r-rispons u l-protezzjoni ta' persuni, proprjetà, l-ambjent u s-soċjetà minn atti mhux awtorizzati kriminali jew intenzjonali li jinvolvu materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor li ma jaqax taħt il-kontroll regolatorju, inkluż permezz ta' sforzi reġjonali għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, fejn dawn ikunu disponibbli.

Deskrizzjoni tal-proġett:

— attivitajiet identifikati f'INSSP f'għaxar Stati fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' reġimi ta' sigurtà nukleari nazzjonali jirriżultaw f'azzjonijiet konkreti. Jiġu ddefiniti l-istadji importanti biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet rilevanti li jwasslu għal soluzzjonijiet sostenibbli għall-Istat fis-sigurtà nukleari. Kronoloġiji u impenji miftiehma jiżguraw l-implimentazzjoni komprensiva tal-pjanijiet li jiġu implimentati wara kontroverifiki ma' proġetti eżistenti taċ-Ċentri ta' Eċċellenza CBRN tal-UE.

Riżultat mistenni tal-proġett:

— kapaċitajiet nazzjonali msaħħa fil-pajjiżi benefiċjarji.

3.2. Tisħiħ tal-Qafas Legali u Regolatorju nazzjonali dwar is-Sigurtà Nukleari

Għan tal-proġett:

— it-tisħiħ tal-qafas leġislattiv u regolatorju nazzjonali, kif ukoll il-kapaċità tal-Istati li jiżviluppaw skambji tal-aħjar prattiki f'livell reġjonali, kif japplikaw għal kwalunkwe awtorità involuta fis-sigurtà ta' materjal nukleari u materjal radjuattiv ieħor jew taħt il-kontroll regolatorju jew inkella barra mill-kontroll regolatorju;

— il-forniment lill-Istati ta' mezzi kosteffettivi li jassistuhom biex jonoraw obbligi nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, il-promulgazzjoni ta' strumenti legali vinkolanti u internazzjonali u impenn fir-rigward tal-istrumenti legali nonvinkolanti.

Deskrizzjoni tal-proġett:

— organizzazzjoni ta' Missjonijiet ta' Esperti sabiex jiġu identifikati lakuni fil-liġijiet u r-regolamenti eżistenti, l-assistenza lill-istati sabiex jadattaw fejn meħtieġ billi jagħmlu l-aħjar użu mil-leġislazzjoni Ewropea eżistenti fl-oqsma rilevanti.

— użu ta' sinerġiji ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, bħall-Organizzazzjoni Dinjija Doganali fejn ikun xieraq;

— jitkomplew diskussjonijiet fl-Istati involuti dwar l-istrateġiji tagħhom u jiġi żgurat appoġġ biex jibnu l-infrastruttura nazzjonali tagħhom;

— żieda fis-sensibilizzazzjoni ta' dawk li jieħdu deċiżjonijiet politiċi dwar l-importanza ta' leġislazzjoni u regolamentazzjoni xierqa dwar is-sigurtà nukleari;

— integrazzjoni fl-INSSP tal-Istati involuti.

Riżultati mistennija tal-proġett:

— assistenza fl-abbozzar ta' liġijiet u regolamenti għall-pajjiżi;

— aġġornament tal-liġijiet u regolamenti fejn meħtieġ;

— rapporti li jidentifikaw l-istatus attwali u rakkomandazzjonijiet għall-qafas legali u regolatorju tal-Istat rispettiv;

— impenn mill-Istati li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet u li jagħtu segwitu wara sentejn;

— elaborazzjoni u valutazzjoni tal-eżitu;

— integrazzjoni tal-kisbiet fir-rapport finali.

3.3. Sigurtà ta' Sorsi Radjuattivi

Għanjiet tal-proġett:

— tisħiħ tal-infrastruttura regolatorja ta' Stat għas-sigurtà ta' sorsi radjuattivi, faċilitajiet assoċjati u attivitajiet assoċjati, inkluż it-trasport;

— jiġu stabbiliti, fejn applikabbli, reġistri nazzjonali ta' sorsi radjuattivi fl-Istati magħżula;

— kollaborazzjoni ma' Stati biex jiġu stabbiliti u implimentati strateġiji nazzjonali għall-ġestjoni ta' sorsi mhux użati, inkluż ir-ripatrijazzjoni lejn il-pajjiż ta' oriġini jew il-fornitur; ħżin nazzjonali sigura sar-rimi, jew esportazzjoni għal riċiklaġġ jew użu mill-ġdid jew ħżin sikur kif indikat taħt il-proġett 7.

Deskrizzjoni tal-proġett:

Tiġi żgurata s-sigurtà tas-sors permezz ta':

— l-istabbiliment ta' inventarju nazzjonali ta' sorsi radjuattivi u valutazzjoni ta' Sistemi ta' Protezzjoni Fiżika (PP) fil-faċilitajiet;

— l-organizzazzjoni ta' ħames missjonijiet ta' esperti li joħorġu rapport ta' sintesi inkluż l-istatus attwali u r-rakkomandazzjonijiet.

Riżultati mistennija tal-proġett:

— rapporti ta' valutazzjoni wara l-missjonijiet fejn jiġbru fil-qosor is-sejbiet fir-rigward tal-inventarju nazzjonali u/jew l-istatus tal-protezzjoni fiżika fil-faċilitajiet;

— stabbiliment ta' miżuri ta' protezzjoni fiżika fil-faċilitajiet fejn sorsi ta' attività għolja jintużaw jew jinħażnu;

— tagħmir għall-appoġġ ta' korpi regolatorji fit-twettiq ta' spezzjonijiet tas-sikurezza u s-sigurtà nazzjonali fil-faċilitajiet.

3.4. Żvilupp tar-Riżorsi Umani

Għan tal-proġett:

It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Istati għall-prevenzjoni, l-individwazzjoni u r-rispons u l-protezzjoni ta' persuni, proprjetà, l-ambjent u s-soċjetà minn atti mhux awtorizzati kriminali jew intenzjonali li jinvolvu materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor li ma jaqax taħt il-kontroll regolatorju, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' riżorsi umani reġjonali u sforzi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, fejn dawn ikunu disponibbli.

Deskrizzjoni tal-proġett:

— jiġu implimentati, b'konsiderazzjoni dovuta ta' sforzi simili li ġew implimentati s'issa u biex tiġi żgurata l-kontinwità tagħhom, Korsijiet ta' Żvilupp Professjonali (PDC) għal membri tal-fakultà minn universitajiet li qed jippjanaw li jimplimentaw kurrikuli postgradwatorji fis-sigurtà nukleari sabiex il-fakultà tkun tista' tgħallem il-kultura tas-sigurtà nukleari fl-istituzzjonijiet tagħhom;

— inkoraġġiment biex jingħata taħriġ fil-kultura tas-sigurtà nukleari lil diversi udjenzi professjonali permezz tal-NSSC jew iċ-Ċentri ta' Eċċellenza CBRN tal-UE li jinsabu fir-reġjun;

— akkwist ta' tagħmir speċjali għal finijiet edukattivi u ta' taħriġ, bħal għodda għall-individwazzjoni reali użati mill-FLOs, biex jiġi mmaniġġat u mħaddem mill-istudenti jew it-trainees.

Riżultati mistennija tal-proġett:

— tal-inqas 15-il membru tal-fakultà mħarreġ f'kull PDC dwar suġġett li jrid jiġi ddeterminat aktar tard (tiġi pprovduta lista ta' fakultà mħarrġa);

— tal-inqas żewġ korsijiet ta' taħriġ li jitmexxew mill-NSSCs fir-reġjun (listi ta' korsijiet u uffiċjali mħarrġa li jridu jiġu pprovduti);

— materjal ta' tagħlim u taħriġ disponibbli fil-PDCs u l-avvenimenti ta' taħriġ (materjal jiġi rieżaminat mir-rappreżentanti tal-Unjoni).

3.5. Enfasi fuq l-Amerka Latina

Enfasi fuq l-appoġġ għal Stati tal-Amerka Latina li jitkellmu l-Ispanjol. Il-mira hija li jiġu tradotti l-akbar ammont possibbli tad-dokumenti kkonċernati fil-lingwa Spanjola, għal approprjazzjoni akbar tal-eżiti ta' attivitajiet minn dawk l-Istati.

3.5.1. Programm ta' Edukazzjoni

Skola Internazzjonali/Reġjonali dwar is-Sigurtà Nukleari

Kors ta' ġimagħtejn jiġi indirizzat lill-professjonisti minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, idealment b'sena sa tliet snin ta' esperjenza, li jaħdmu f'istituzzjoni rilevanti fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom b'responsabbiltà li tkopri xi aspetti tas-sigurtà nukleari. Il-kandidati għandu jkollhom interess speċifiku tal-karriera fl-għarfien tas-sigurtà nukleari, għalkemm l-isfond akkademiku tagħhom jista' jvarja. Kandidati b'dixxiplina xjentifika jew teknika rilevanti għas-sigurtà nukleari, bħall-fiżika nukleari, l-inġinerija nukleari jew ix-xjenza politika, u/jew f'oqsma relatati, huma partikolarment imħeġġa li japplikaw.

Din l-attività hija maħsuba li tkun ospitata fi Spanja u tingħata bl-Ispanjol u l-Ingliż. Din tkun orjentata għall-Istati tal-Amerka Latina u Ċentrali. Il-kurrikulu jkun ibbażat fuq il-kurrikulu użat fl-iskejjel taħt iċ-Ċentru Internazzjonali tal-Fiżika Teoretika, bl-appoġġ tal-Gvern Taljan.

Skola Reġjonali dwar is-Sigurtà Nukleari f'Kuba

Il-kontenut u l-materjal deskritti taħt il-punt 3.5.1 jiffurmaw il-bażi għal Skola Reġjonali dwar is-Sigurtà Nukleari f'Kuba. Din tiġi implimentata flimkien maċ-Ċentru ta' Appoġġ għas-Sigurtà Nukleari li qiegħed jinħoloq f'Kuba. Din l-Iskola hija maħsuba biex tintuża fil-livell Reġjonali u biex tiġi żviluppata Edukazzjoni fl-Amerka Latina fil-qasam tas-sigurtà nukleari.

Riżultati mistennija tal-proġett:

— titjib tal-għarfien fir-reġjun tal-prinċipji tas-sigurtà nukleari.

3.5.2. Attivitajiet ta' Segwitu dwar is-Sigurtà Nukleari tal-Materjal li ma jaqax taħt il-Kontroll Regolatorju għal Azzjonijiet Konġunti u Deċiżjonijiet preċedenti

Għan tal-proġett:

— li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-ħidma mibdija fil-qafas ta' Azzjonijiet Konġunti u Deċiżjonijiet preċedenti u li jissokta t-tisħiħ tas-sigurtà nukleari fl-Istati tal-Amerka Latina u Ċentrali.

Deskrizzjoni tal-proġett:

L-IAEA rċeviet għadd ta' talbiet għall-assistenza fl-Amerka Latina u Ċentrali, li l-implimentazzjoni tagħhom tiżgura s-sostenibbiltà tal-attivitajiet mibdija fil-qafas ta' Azzjonijiet Konġunti u Deċiżjonijiet preċedenti. It-talbiet huma identifikati fil-Pjan ta' Appoġġ Integrat għas-Sigurtà Nukleari (INSSP) u jkopru missjonijiet ta' esperti b'mod partikolari fi sptarijiet, eżerċizzji fuq il-post, Korsijiet ta' Taħriġ Nazzjonali (NTC)/RTC/ITC u l-akkwist ta' xi tagħmir ta' identifikazzjoni fl-Arġentina u Kuba.

Riżultati mistennija tal-proġett:

— twettiq tal-attivitajiet fl-Istati identifikati.

3.6. Sigurtà Nukleari ta' Materjal li ma jaqax taħt il-Kontroll Regolatorju fl-Istati fil-Viċinat tal-UE

Għan tal-proġett:

— li jsiru missjonijiet ta' esperti, eżerċizzji fuq il-post, NTCs/RTCs/ITCs u xi akkwist ta' tagħmir ta' identifikazzjoni fl-Ażerbajġan, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk u l-Ukrajna u Stati oħrajn fil-Viċinat tal-UE.

Proġett 4:

Tisħiħ tal-għarfien dwar is-sigurtà tal-kompjuters

Id-Diviżjoni tal-IAEA tas-Sigurtà Nukleari toffri sett integrat ta' attivitajiet biex l-Istati jiġu megħjuna jistabbilixxu u jsaħħu s-sigurtà tal-kompjuters fi ħdan reġimi ta' sigurtà nukleari nazzjonali. Dan il-proġett ser jappoġġa l-programm ta' attivitajiet tal-IAEA biex l-Istati jiġu megħjuna fit-titjib tas-sigurtà tal-kompjuters fil-qafas tar-reġimi ta' sigurtà nukleari tagħhom.

Għan tal-proġett:

— l-IAEA tipprova tgħin biex jinbena għarfien u tingħata gwida lill-Istati biex tissaħħaħ il-ħila tagħhom li jipprevjenu u jwieġbu għal firxa ta' avvenimenti ta' sigurtà nukleari. L-appoġġ hu kkonċentrat fuq il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' inċidenti ta' sigurtà tal-informazzjoni li jkollhom il-potenzjal li jaffettwaw is-sikurezza u s-sigurtà nukleari b'mod negattiv direttament jew indirettament, u r-rispons għalihom.

Deskrizzjoni tal-proġett:

— għoti ta' taħriġ u appoġġ edukattiv internazzjonali u reġjonali għat-tisħiħ tal-għarfien dwar is-sigurtà tal-kompjuters u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet;

— għoti ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet nazzjonali fis-sigurtà tal-informazzjoni u tal-kompjuters għar-reġimi ta' sigurtà nukleari;

— organizzazzjoni u faċilitazzjoni ta' laqgħat u fora ta' esperti biex jiġu appoġġati l-iskambju u ta' informazzjoni u d-diskussjoni dwar oqsma topiċi fis-sigurtà tal-kompjuters;

— għoti ta' appoġġ għall-Konferenza/Simpożju Internazzjonali tal-IAEA fl-2019 dwar is-Sigurtà tal-Kompjuters f'Dinja Nukleari (Kwartieri Ġenerali tal-IAEA).

Riżultati mistennija tal-proġett:

— aktar għarfien tal-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-kompjuters rilevanti għas-sigurtà nukleari u l-iżvilupp ta' materjali/attivitajiet ta' appoġġ għall-faċilitazzjoni tal-iżvilupp u t-titjib ta' programmi tas-sigurtà tal-kompjuters;

— aktar kapaċità nazzjonali biex tiġi implimentata u sostnuta s-sigurtà tal-kompjuters bħala parti mir-reġim tas-sigurtà nukleari;

— għarfien u użu tal-attivitajiet ta' gwida u appoġġ tal-NSNS għal assistenza fit-titjib tas-sigurtà tal-kompjuters tal-Istat tagħhom bħala parti mir-reġim ta' sigurtà nukleari tagħhom;

— skambju ta' informazzjoni globali/reġjonali dwar it-tagħlimiet meħuda u l-prattiki tajbin marbutin mal-implimentazzjoni tas-sigurtà tal-kompjuters fi ħdan reġim ta' sigurtà nukleari;

— kooperazzjoni aħjar mas-sħab industrijali u bejniethom fl-iżvilupp ta' teknoloġiji u servizzi li jipprovdu livell ogħla ta' reżiljenza kontra ċiberattakki, u rispons għalihom;

— strutturi nazzjonali ta' taħriġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fis-sigurtà tal-kompjuters fi ħdan ir-reġim ta' sigurtà nukleari, pereżempju għajnuna liċ-Ċentri ta' Appoġġ għas-Sigurtà Nukleari fl-iżvilupp ta' kurrikuli tas-sigurtà tal-kompjuters;

— faċilitazzjoni tal-qsim ta' informazzjoni ċentralizzat biex jiġi appoġġat l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sigurtà tal-kompjuters rilevanti għall-partijiet ikkonċernati mis-sigurtà nukleari;

— organizzazzjoni tal-Konferenza/Simpożju Internazzjonali tal-IAEA dwar is-Sigurtà tal-Kompjuters f'Dinja Nukleari.

Proġett 5:

Sigurtà tal-Materjal Nukleari u l-Faċilitajiet Nukleari

L-IAEA ser tkompli tikkontribwixxi għat-titjib tas-sigurtà nukleari globali u nazzjonali permezz ta' attivitajiet li jappoġġaw, fuq talba, lill-Istati fl-isforzi tagħhom biex inaqqsu r-riskju li materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor li jkun qiegħed jintuża, ikun maħżun u/jew ikun qed jiġi ttrasportat jista' jintuża f'atti malizzjużi. Jeħtieġ li s-sistemi nazzjonali tas-sigurtà nukleari jiġu appoġġati permezz tal-provvediment ta' titjib tas-sigurtà fil-faċilitajiet nukleari jew is-sorsi radjuattivi u taħriġ nazzjonali b'mod sistematiku u l-provvediment ta' appoġġ tekniku speċifiku meħtieġ għall-użu u l-manutenzjoni effettivi ta' sistemi ta' protezzjoni fiżika u sistemi tekniċi oħra ta' sigurtà nukleari.

Għan tal-proġett:

— li tissaħħaħ l-ewwel linja ta' difiża ta' Stat fl-għamla ta' sigurtà għall-materjal nukleari u l-faċilitajiet nukleari.

Deskrizzjoni tal-proġett:

— aġġornament tal-Protezzjoni Fiżika ta' faċilità waħda biex jiġi żgurat li jintlaħqu r-rakkomandazzjonijiet mogħtija f' INFCIRC/225/Rev.5;

— valutazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni fiżika f'faċilitajiet nukleari fuq il-bażi ta' talbiet mill-Istati Membri.

Riżultati mistennija tal-proġett:

— materjal u faċilitajiet nukleari sikuri; għajnuna lill-Istat jiġi megħjun jagħmel manutenzjoni b'mod sostenibbli tat-tagħmir ipprovdut wara l-installazzjoni tiegħu;

— tiġi pprovduta valutazzjoni tal-impatt tal-valur miżjud u l-benefiċċju tal-fondi tal-Unjoni.

Proġett 6

Missjonijiet tas-Servizz Internazzjonali ta' Konsulenza rigward il-Protezzjoni Fiżika (IPPAS)

Il-programm IPPAS, mibdi fl-1995, huwa parti fundamentali mill-isforzi tal-IAEA biex tgħin lill-istati membri jistabbilixxu u jżommu reġim effettiv ta' protezzjoni fiżika għall-protezzjoni mit-tneħħija mhux awtorizzata ta' materjal nukleari u s-sabutaġġ ta' faċilitajiet u materjal nukleari. L-IPPAS jipprovdi konsulenza mill-pari dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-ACPPNM u dwar l-implimentazzjoni tas-Sensiela tal-IAEA ta' dokumenti ta' gwida dwar is-Sigurtà Nukleari, partikolarment il-Prinċipji Fundamentali u r-Rakkomandazzjonijiet.

Għan tal-proġett:

— għajnuna lill-Istati biex jittrasponu d-dispożizzjonijiet tal-istrumenti internazzjonali dwar is-sigurtà nukleari u tal-gwida tal-IAEA f'rekwiżiti regolatorji għat-tfassil u t-tħaddim tas-sistemi ta' protezzjoni fiżika;

— forniment ta' kunċetti ġodda lill-korpi u l-faċilitajiet tal-Istat kif ukoll l-identifikazzjoni u d-diskussjoni ta' prattiki tajbin marbutin mal-protezzjoni fiżika li jistgħu jkunu ta' ġid għat-tisħiħ tas-sigurtà nukleari.

Deskrizzjoni tal-proġett:

— twettiq u tlestija ta' missjonijiet tal-IPPAS f'sitt Stati;

— abbażi tat-talbiet diġà riċevuti mill-IAEA, isiru missjonijiet lejn il-Belarussja, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Ġamajka, il-Libanu, Madagascar u l-Vjetnam.

Riżultati mistennija tal-proġett:

— tittejjeb u tiġi sostnuta s-sigurtà nukleari fil-pajjiżi fil-mira;

— produzzjoni tar-Rapporti Finali tal-Missjonijiet għall-pajjiżi b'deskrizzjoni ta' attivitajiet ta' segwitu bħala parti mir-rapport finali.

Proġett 7:

Ripatrijazzjoni tas-Sorsi

Is-sigurtà tas-sorsi radjuattivi għandha tiġi indirizzata fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż meta s-sorsi ma jibqgħux jintużaw. L-Istati ser jitħeġġu biex jiżviluppaw strateġiji nazzjonali għall-ġestjoni ta' sorsi li ma għadhomx jintużaw, li jinkludu waħda jew aktar mill-għażliet ta' ġestjoni li ġejjin: ripatrijazzjoni lejn il-pajjiż ta' oriġini jew il-fornitur, ħażna sikura nazzjonali sa meta jsir ir-rimi, jew esportazzjoni għar-riċiklaġġ jew użu mill-ġdid jew ħażna sikura.

Għanjiet tal-proġett:

— jissokta l-appoġġ ipprovdut mill-IAEA lill-Istati għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' sigurtà nukleari nazzjonali għall-protezzjoni ta' persuni, proprjetà u l-ambjent minn avvenimenti ta' sigurtà nukleari li jinvolvu materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor li ma jaqax taħt il-kontroll regolatorju. Dan ser jinkludi l-iżvilupp ta' kapaċitajiet nazzjonali għall-ġestjoni ta' sorsi li ma għadhomx jintużaw, tfittxija għal sorsi orfni u, jekk ikun meħtieġ, jiġu rimpatrijati jew esportati għar-riċiklaġġ. Skont l-urġenza tas-sorsi identifikati permezz tal-attivitajiet marbutin mal-istabbiliment ta' inventarji nazzjonali li saru fil-Proġett 3, diversi sorsi b'livell għoli ta' attività ser jiġu rimpatrijati permezz ta' dan il-finanzjament;

— li jinstabu u jiġu identifikati sorsi radjuattivi f'ċirkostanzi li jindikaw il-ħtieġa ta' kondizzjonament tas-sorsi u li jinġiebu lejn post ta' ħażna sikur u bla periklu fil-pajjiżi magħżula jew ir-ripatrijazzjoni lejn il-pajjiż ta' oriġini jew il-fornitur.

Deskrizzjoni tal-proġett:

— skont l-urġenza tas-sorsi identifikati li jkunu ser jiġu rimpatrijati permezz tal-inventarju li sar fil-Proġett 3, ser jiġu rimpatrijati diversi sorsi identifikati;

— l-Istati riċeventi ser jiġu definiti min-naħa tal-Unjoni fuq il-bażi ta' proposta mill-IAEA.

Riżultati mistennija tal-proġett:

— konsolidazzjoni u kondizzjonament tas-sorsi;

— ripatrijazzjoni ta' żewġ sorsi identifikati lejn il-pajjiż ta' oriġini jew esportazzjoni għar-riċiklaġġ jew l-użu mill-ġdid.

Għall-għażla tas-sorsi li ser jiġu rimpatrijati, ser jintużaw il-kriterji li ġejjin: sors b'livell għoli ta' attività (Kategorija 1 jew 2); Oriġini Ewropea; ebda finanzjament għar-ripatrijazzjoni ma jkun disponibbli f'dan il-punt; ripatrijazzjoni ta' sors wieħed, jiġifieri li ma jkunux parti minn inventarju akbar, sabiex ir-ripatrijazzjoni ta' sors wieħed tirriżulta f'effett sinifikanti ta' tnaqqis tar-riskju.

Proġett 8:

Segwitu għall-Proġetti taċ-Ċiklu IV saċ-Ċiklu VI

8.1. Theddida minn ġewwa, il-Kontabbiltà u l-Kontroll ta' Materjal Nukleari (NMAC)

Għan tal-proġett:

— huwa propost li jissoktaw l-azzjonijiet li saru f'Azzjonijiet Konġunti u Deċiżjonijiet preċedenti u fl-aħħar Ftehim ta' Kontribut (bis-saħħa tad-Deċiżjoni 2013/517/PESK) dwar iż-żewġ punti li ġejjin: Miżuri ta' Prevenzjoni u ta' Protezzjoni kontra Theddid minn Ġewwa u l-Kontabbiltà u l-Kontroll ta' Materjal Nukleari.

Deskrizzjoni tal-proġett:

— forniment ta' għarfien bażiku dwar kunċetti, metodoloġiji, u teknoloġija li jikkonformaw mal-istrumenti vinkolanti u mhux vinkolanti marbutin mas-sigurtà nukleari; dimostrazzjoni ta' elementi ta' sistema domestika effettiva ta' NMAC f'faċilitajiet nukleari biex tiżdied il-ħila tal-Istati Membri li jidentifikaw użu jew tneħħija mhux awtorizzata ta' materjal nukleari; u familjarizzazzjoni tal-Istati Membri ma' theddid minn ġewwa u identifikazzjoni ta' miżuri preventivi u protettivi kontra theddid minn ġewwa.

Riżultati mistennija tal-proġett:

— il-korsijiet jibbenefikaw lill-Istati Membri billi jipprovdu prattiki tajbin meħudin mid-dokumenti ta' gwida u tagħlimiet meħuda minn esperti li jgħinu lill-Istati Membri jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-miri marbutin mas-sigurtà nukleari fil-faċilitajiet;

— NMAC: l-objettiv tal-kors huwa li jinħoloq għarfien tal-ħtieġa li jkun hemm fis-seħħ sistema domestika ta' NMAC fil-faċilitajiet nukleari li tkun effettiva fl-identifikazzjoni ta' tneħħija mhux awtorizzata ta' materjal nukleari, speċjalment kontra l-attur mhux Statali. Il-kors ser isib ix-xebh u d-differenzi bejn l-elementi ta' programm domestiku ta' NMAC u s-Salvagwardji tal-IAEA.

— Element Intern: l-objettiv tal-kors huwa li l-parteċipanti jsiru familjari mal-miżuri ta' sigurtà nukleari li jindirizzaw theddid minn ġewwa, inkluż it-tneħħija mhux awtorizzata ta' materjali nukleari (serq), sabutaġġ u ċ-ċibersigurtà f'faċilitajiet li fihom materjal nukleari.

— Id-dokumenti ta' gwida tas-Sensiela dwar is-Sigurtà Nukleari jibbenefikaw lill-Istati Membri billi jipprovdu struzzjoni mifruxa dwar kif jintlaħqu l-miri ta' reġimi effettivi ta' sigurtà nukleari;

— NMAC: kemm l-NSS 25-G kif ukoll l-NST-33 jibbenefikaw lill-Istati Membri billi jipprovdu direzzjoni dwar aspetti tal-implimentazzjoni tan-NMAC inkluż il-ġestjoni tas-sistema ta' NMAC, l-użu ta' rekords, it-teħid fiżiku tal-inventarju, kejl u kontroll tal-kwalità tal-kejl, kontroll tal-materjal nukleari, movimenti tal-materjal nukleari, investigazzjoni ta' identifikazzjoni u riżoluzzjonijiet ta' irregolaritajiet fin-NMAC, u valutazzjoni u ttestjar tal-prestazzjoni tas-sistema ta' NMAC.

— Element Intern: L-NSS 8 jibbenefika lill-Istati Membri billi jipprovdi direzzjoni dwar miżuri preventivi u protettivi kontra theddid minn ġewwa b'rabta mat-tneħħija mhux awtorizzata ta' materjal nukleari u s-sabutaġġ ta' materjal u faċilitajiet nukleari, u jirreferi għar-rakkomandazzjonijiet fl-NSS 13. L-NSS 8 jipprovdi gwida ġenerali dwar theddid minn ġewwa fuq il-bażi ta' għarfien tal-approċċ iggradat, definizzjoni ta' theddid minn ġewwa u modi biex jiġu kategorizzati l-elementi interni, identifikazzjoni tal-miri u s-sistemi tal-faċilitajiet li jeħtieġu protezzjoni minn atti malizzjużi, u applikazzjoni u evalwazzjoni ta' miżuri preventivi u protettivi fuq il-livell tal-faċilità biex jiġi indirizzat it-theddid minn ġewwa.

8.2. Żvilupp ta' Sigurtà u Sikurezza għat-Trasport

Għan tal-proġett:

L-IAEA tiżviluppa gwida komprensiva fis-Sensiela dwar is-Sigurtà Nukleari biex tgħin lill-Istati jħarsu l-obbligi tagħhom fil-qafas legali internazzjonali għas-sigurtà nukleari. Hi meħtieġa gwida addizzjonali biex tiġi indirizzata s-sigurtà ta' materjali nukleari u materjali radjuattivi oħrajn fit-trasport.

Deskrizzjoni tal-proġett:

— attivitajiet biex tingħata għajnuna lill-Istati biex itejbu s-sigurtà tat-trasport u jimpenjaw ir-regolaturi u awtoritajiet kompetenti oħra li għandhom responsabbiltà u rwoli fil-qasam tas-sigurtà tal-materjal radjuattiv waqt it-trasport. Bħalissa, it-taħriġ u l-gwida rigward is-sigurtà u s-sikurezza huma pprovduti fil-biċċa l-kbira lill-Istati Membri b'mod separat, anki jekk f'bosta Stati Membri l-udjenza hija l-istess. L-IAEA temmen li billi jiġu sfruttati n-netwerks reġjonali eżistenti għas-sikurezza, jistgħu jingħataw korsijiet ta' taħriġ konġunti dwar is-sigurtà tal-materjali, filwaqt li jiġu indirizzati l-punti komuni mas-sigurtà u t-trasport sigur.

Riżultati mistennija tal-proġett:

— il-produzzjoni ta' manwal dwar is-sigurtà u s-sikurezza tas-sorsi radjuattivi waqt it-trasport. Manwal bħal dan jista' jservi wkoll ta' għodda għal dawk fl-oqsma tas-sigurtà u tas-sikurezza biex jifhmu l-ieħor x'jagħmel; li fl-aħħar mill-aħħar iwassal għal kultura tas-sikurezza u tas-sigurtà aktar b'saħħtiha u aktar effiċjenti.

— it-twettiq ta' ITC wieħed, RTC wieħed u żewġ NTC permezz ta' netwerks reġjonali biex issir sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa ta' sigurtà waqt it-trasport ta' materjal radjuattiv u biex lill-parteċipanti jingħata l-għarfien meħtieġ biex jiżviluppaw u jimplimentaw ir-rekwiżiti nazzjonali fil-qasam tas-sigurtà fit-trasport.

8.3. Forensika Nukleari

Għan tal-proġett:

— il-Konferenzi Internazzjonali dwar il-Progress fil-Forensika Nukleari enfasizzaw il-ħtieġa li jitmexxew 'il quddiem l-approċċi reġjonali fil-forensika nukleari biex jiġu riflessi r-rekwiżiti komuni tal-Istati Membri u l-kapaċitajiet eżistenti hekk kif jiżviluppaw kapaċità fil-qasam tal-forensika nukleari biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom bħala parti minn infrastruttura tas-sigurtà nukleari. Kien hemm interess konsiderevoli minn Stati Membri Afrikani bħala parti mill-iżvilupp u r-rieżami tal-INSSP biex tiġi inkluża l-forensika nukleari bħala parti mir-rispons għal avveniment fil-qasam tas-sigurtà nukleari. Dan l-interess hu mmexxi mit-tkabbir rapidu fl-Afrika li jiddependi mill-aċċess faċli għal materjal nukleari u materjali radjuattivi oħrajn fl-industrija, il-mediċina u r-riċerka iżda hu mxekkel minn theddid serju għas-sigurtà, inkluż terroristi li attakkaw l-Afrika ta' Fuq u l-Afrika sub-Saħarjana.

Deskrizzjoni tal-proġett:

— l-IAEA ser tagħmel sforzi konċertati biex tindirizza l-ħtiġijiet tal-Istati Membri permezz tal-innovazzjoni, inkluż orjentazzjoni għall-metodi tal-laboratorji. L-IAEA ttestjat introduzzjoni prattika ġdida għat-taħriġ dwar il-forensika nukleari mgħallma fil-laboratorji tal-forensika nukleari. Il-proġett ser jinkludi ITC għall-prattikanti u inkarigu ta' residenti fit-tul għal xjenzat f'laboratorju ewlieni tal-forensika nukleari taħt il-gwida tal-ospitant u l-IAEA.

Riżultati mistennija tal-proġett:

— komponent sinifikanti tal-assistenza fil-qasam tal-forensika nukleari lill-Afrika ta' Fuq huwa l-iżvilupp ta' riżorsi umani, pereżempju esperti fis-suġġett. Ser jiġu identifikati suġġetti u opportunitajiet għal impenn u żvilupp futuri fil-qasam tal-forensika nukleari (jiġifieri, riċerka, infurzar tal-liġi, kapaċitajiet analitiċi, estrazzjoni tal-uranju u sigurtà tas-sorsi radjuattivi) fir-reġjun kollu. Dawn ser jiddefinixxu l-attivitajiet ta' implimentazzjoni dwar il-forensika nukleari fl-Afrika ta' Fuq. Il-laqgħat ser isiru kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Franċiż u d-dokumentazzjoni kollha ser tiġi tradotta bil-Franċiż biex il-pajjiżi benefiċjarji ikunu jistgħu jagħmlu użu aħjar minnha.

Pajjiżi benefiċjarji possibbli: l-istati Membri kollha tal-Afrika ta' Fuq u l-Istati fil-Viċinat tal-UE.

8.4. Stabbiliment ta' Qafas Effettiv għar-Rispons Nazzjonali

It-theddida ta' terroriżmu nukleari ġiet rikonoxxuta bħala kwistjoni ta' tħassib għall-Istati kollha, u r-riskju li materjal nukleari u materjal radjuattiv ieħor jista' jintuża f'att kriminali jew att intenzjonali mhux awtorizzat jirrappreżenta theddida serja għas-sigurtà nazzjonali u reġjonali, b'konsegwenzi potenzjalment serji għall-persuni, il-proprjetà u l-ambjent.

Il-konsegwenzi potenzjali ta' att kriminali jew att intenzjonali mhux awtorizzat li jinvolvi materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor li ma jaqax taħt il-kontroll regolatorju jiddependu mill-ammont tal-materjal, il-forma, il-kompożizzjoni u l-attività tiegħu. Atti bħal dawn jistgħu jwasslu għal impatti qawwija fuq is-saħħa u impatti soċjali, psikoloġiċi u ekonomiċi qawwija, ħsara lil proprjetà u konsegwenzi politiċi u ambjentali. Pereżempju, iseħħu regolarment avvenimenti pubbliċi kbar bi status internazzjonali. Minħabba l-viżibilità tagħhom, ir-riżultat tal-kopertura kontinwa mill-mezzi tax-xandir, huwa ġeneralment rikonoxxut li hemm theddida sostanzjali ta' attakk terroristiku fuq laqgħa ta' summit politiku jew ekonomiku ta' profil għoli jew avveniment sportiv kbir.

Il-materjal nukleari u materjal radjuattiv ieħor jiġi mċaqlaq kull jum, kemm jekk b'mod awtorizzat u soġġett għal regolamenti nazzjonali u internazzjonali dwar it-trasport, kif ukoll b'mod mhux awtorizzat, jew jiġi mmaniġġat minn dawk li ma jixtiequx jinqabdu. Miżuri effettivi għall-kontroll tas-sigurtà nukleari jgħinu biex jiġi żgurat li jseħħu biss movimenti leġittimi u li jiġu applikati proċeduri realistiċi u effettivi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni ta' avvenimenti fil-pront u r-rispons rapidu għalihom.

Kull Stat għandu r-responsabbiltà li jkun imħejji biex jipprevjeni, jidentifika u jirreaġixxi għal avvenimenti marbuta mas-sigurtà nukleari, inkluż dawk li jistgħu jiskattaw emerġenza radjoloġika.

Għan tal-proġett:

— sabiex jiġu sostnuti u msaħħa l-kapaċitajiet tal-Istati Membri biex jirreaġixxu għal atti kriminali jew atti intenzjonali mhux awtorizzati li jinvolvu materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor, l-IAEA tipprovdi assistenza li tiffoka fuq l-istabbiliment ta' qafas nazzjonali effettiv għar-rispons. F'dan il-kuntest, l-IAEA tfittex li tassisti lill-Istati Membri jidentifikaw materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor li ma jaqax taħt il-kontroll regolatorju u biex jirreaġixxu għal avvenimenti marbuta mas-sigurtà nukleari billi twettaq missjonijiet konsultattivi u ta' evalwazzjoni, timplimenta taħriġ rigward ir-riżorsi umani u tipprovdi assistenza biex jiġu rispettati l-istrumenti legali internazzjonali, u billi tiżviluppa gwida aċċettata fil-livell internazzjonali u tagħmilha għad-dispożizzjoni tal-Istati.

Deskrizzjoni tal-proġett:

— biex jassisti lill-Istati u jsostni infrastruttura nazzjonali effettiva ta' rispons permezz tal-ippjanar, il-koordinazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżultati tal-attivitajiet li ġejjin:

  — l-implimentazzjoni ta' missjonijiet konsultattivi/ta' servizz fl-Istati biex jiġi identifikat u rakkomandat titjib fil-qafas tar-rispons b'rabta mas-sigurtà nukleari;

  — il-forniment ta' appoġġ tekniku lill-Istati biex jistabbilixxu rispons, miżuri u kapaċitajiet effettivi fil-qasam tas-sigurtà nukleari, inkluż il-ġestjoni tal-post fejn ikun seħħ l-attakk radjoloġiku u avvenimenti pubbliċi kbar;

  — l-assistenza fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet, inkluż it-tmexxija ta' taħriġ, sessjonijiet ta' ħidma, eżerċizzji u seminars dwar miżuri ta' rispons b'rabta mas-sigurtà nukleari.

Riżultati mistennija tal-proġett:

— hu mistenni li l-Istati li qed jieħdu sehem f'dan il-programm jkunu saħħew il-kapaċità tagħhom li jirreaġixxu għal atti kriminali jew atti intenzjonali mhux awtorizzati li jinvolvu materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor billi jiżguraw il-kapaċità tagħhom li jivvalutaw malajr u jikkategorizzaw l-avveniment skont fatturi bħalma huma t-theddida, il-potenzjal uman u l-konsegwenzi ambjentali, l-impatt ekonomiku u n-natura tal-materjal nukleari u materjal radjuattiv ieħor involut.

8.5. Identifikazzjoni

Għan tal-proġett:

— dawk l-attivitajiet huma s-segwitu għal dawk imwettqa mil-Qasam tal-Identifikazzjoni permezz tal-Azzjonijiet Konġunti u Deċiżjonijiet preċedenti u l-aħħar Ftehim ta' Kontribuzzjoni. Wieħed mill-elementi meħtieġa li jappoġġaw l-istabbiliment ta' sistema effettiva għas-sigurtà nukleari huwa l-iżvilupp ta' strateġija nazzjonali għall-identifikazzjoni. Arkitettura effettiva ta' identifikazzjoni fil-qasam tas-sigurtà nukleari hija bbażata fuq l-istrateġija nazzjonali għall-identifikazzjoni u l-qafas legali u regolatorju nazzjonali għas-sigurtà nukleari, u huwa appoġġat minn sistema tal-infurzar tal-liġi li taħdem sew.

Deskrizzjoni tal-proġett:

— enfasi fuq it-tfassil u l-iżvilupp tal-Arkitettura ta' Identifikazzjoni, l-IAEA għandha l-ħsieb li torganizza sitt missjonijiet tal-esperti u tipprovdi strumenti ta' identifikazzjoni.

Riżultati mistennija tal-proġett:

— l-għoti b'donazzjoni ta' tagħmir ta' identifikazzjoni skont l-istrateġija għall-identifikazzjoni.

II. RAPPURTAR U VALUTAZZJONI

L-IAEA ser tippreżenta lir-RGħ u lill-Kummissjoni żewġ rapporti annwali u rapport finanzjarju u narrattiv finali dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti, u, minbarra dan, tliet rapporti informali semestrali ta' progress. Ir-rapport informali apposta dwar suġġetti rilevanti ser jiġu pproċessati mill-IAEA, meta meħtieġ u fuq talba tal-Kummissjoni.

Ir-rapport finanzjarju u narrattiv finali janalizza l-implimentazzjoni dettaljata tal-proġetti kollha u jinkludi wkoll:

— rapport tat-test komprensiv tal-għodda ta' taħriġ mibnija taħt il-punt 2.2 tal-Kapitolu I li għandu jiġi inkorporat fir-rapport finali;

— rapport dwar l-istatus attwali u rakkomandazzjonijiet għall-qafas legali u regolatorju tal-istati rispettiv fil-Proġett 3, skont il-kunfidenzjalità mitluba mill-Istat benefiċjarju;

— kisbiet taħt il-punt 3.2 tal-Kapitolu I;

Ser tintbagħat kopja tar-rapporti lid-Delegazzjoni tal-Unjoni fi Vjenna.

III. PARTEĊIPAZZJONI TA' ESPERTI BLA ĦLAS LI ĠEJJIN MINN STATI MEMBRI TAL-UE

L-involviment attiv ta' esperti ġejjin minn Stati Membri tal-Unjoni huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' din id-Deċiżjoni. L-IAEA ser tagħmel użu minn dawk l-esperti għall-proġetti. L-IAEA ser tiżviluppa proposti biex l-ispejjeż li jirrigwardaw il-persunal jiġu ffinanzjati mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni, abbażi ta' analiżi tal-ħtiġijiet ladarba tkun miftehma l-lista tal-benefiċjarji. Dak il-persunal ser ikun ingaġġat skont ir-regoli tal-IAEA.

IV. DURATA

It-tul ta' żmien totali tal-implimentazzjoni tal-proġetti hu stmat li jkun ta' 36 xahar.

V. BENEFIĊJARJI

Il-pajjiżi benefiċjarji tad-diversi proġetti ser jittieħdu mil-listi rispettivi li ġejjin.

Jekk l-Istati jiddeċiedu li ma jistgħux jaċċettaw l-assistenza, l-IAEA ser tipproponi benefiċjarji ġodda lis-CONOP skont il-ħtiġijiet identifikati permezz tal-INSSP.

Il-benefiċjarji tal-Proġett 1 ser ikunu fl-Afrika: l-Alġerija, l-Eġittu, il-Mauritania, in-Niġer, il-Marokk, it-Tuneżija; fl-Asja u l-Paċifiku: il-Malasja, il-Pakistan u Stati oħra — li għad iridu jiġu determinati, li jitolbu appoġġ mill-IAEA; fl-Amerika Latina u l-Karibew: l-Arġentina, iċ-Ċilì, il-Kolombja, Kuba, il-Perù, l-Urugwaj, u Stati fil-Viċinat tal-UE.

Il-benefiċjarji tal-Proġett 2 ser ikunu Kuba, l-Indoneżja, il-Ġordan, il-Libanu, il-Malasja u l-Vjetnam.

Il-benefiċjarji tal-Proġett 3 ser ikunu l-Istati tal-Viċinat tal-UE: l-Albanija, l-Alġerija, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarussja, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eġittu, il-Georgia, il-Ġordan, il-Libanu, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Mauritania, il-Moldova, ir-Repubblika tal-Montenegro, it-Tuneżija, it-Turkija u l-Ukrajna u pajjiżi fl-Amerka Latina u l-Amerka Ċentrali: il-Bolivja, iċ-Ċilì, il-Kolombja, Kuba, l-Ekwador, il-Honduras, il-Panama, il-Paragwaj.

Il-benefiċjarji tal-Proġett 4 ser ikunu l-Afrika ta' Fuq, ix-Xlokk tal-Asja, l-Amerka Latina, Nazzjonijiet/Reġjuni fil-fażijiet inizjali ta' żvilupp ta' programmi ta' enerġija nukleari u kapaċitajiet ta' reatturi ta' riċerka u — l-Vjetnam, l-Eġittu, it-Turkija, it-Tajlandja, u pajjiżi oħrajn li għandhom jiġu deċiżi fi stadju aktar tard.

Il-benefiċjarju tal-Proġett 5 ser ikun l-Eġittu.

Il-benefiċjarji tal-Proġett 6 ser ikunu l-Belarussja, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Ġamajka, il-Libanu, Madagascar u l-Vjetnam.

Il-benefiċjarji tal-Proġett 7 ser jintgħażlu minn fost dawn li ġejjin: l-Albanija, il-Bahrain, il-Burkina Faso, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Libanu u Madagascar.

Il-benefiċjarji tal-Proġett 8 ser ikunu l-Alġerija, l-Albanija, il-Bangladesh, Kuba, il-Georgia, il-Każakistan, il-Malasja, il-Marokk, l-Ukrajna, il-Vjetnam, jew Stati oħrajn li għandhom jiġu deċiżi fi stadju aktar tard, u li jitolbu l-appoġġ fl-INSSP mill-Afrika, l-Asja, l-Amerka Latina u l-Amerka Ċentrali; Stati Ospitanti Speċifiċi: il-Ġermanja, l-Awstrija.

VI. VIŻIBBILTÀ TAL-UE

Il-IAEA għandha tieħu l-miżuri kollha xierqa biex tirreklama l-fatt li l-Azzjoni tkun ġiet iffinanzjata mill-Unjoni. Tali miżuri ser jitwettqu f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u l-Manwali tal-Viżibbiltà għall-Azzjonijiet Esterni tal-UE stabbiliti u ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea. B'dan il-mod, l-IAEA ser tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni permezz ta' mmarkar u pubbliċità xierqa, li jenfasizzaw ir-rwol tal-Unjoni, filwaqt li jiżguraw it-trasparenza tal-azzjonijiet tagħha, u jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar ir-raġunijiet għad-Deċiżjoni kif ukoll l-appoġġ mill-Unjoni għad-Deċiżjoni u r-riżultati ta' dan l-appoġġ. Il-materjal prodott mill-proġett ser juri b'mod prominenti l-bandiera tal-Unjoni f'konformità mal-linji gwida tal-Unjoni għall-użu u r-riproduzzjoni preċiżi tal-bandiera. Meta xieraq, l-IAEA ser tistieden rappreżentanti tal-Unjoni u tal-Istati Membri tal-Unjoni għal missjonijiet jew avvenimenti marbuta mal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

VII. AĠENZIJA TA' IMPLIMENTAZZJONI

L-IAEA ser tiġi fdata bl-implimentazzjoni teknika tal-proġetti. Il-proġetti ser jiġu implimentati direttament minn persunal tal-IAEA, esperti mill-Istati Membri u minn kuntratturi. L-implimentazzjoni tal-proġetti ser tkun f'konformità mal-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv u l-ftehim ta' finanzjament li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-IAEA.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/2384

## tat-22 ta' Diċembru 2016

## li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1136

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Diċembru 2001, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK ([1]).

(2) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1136 ([2]), li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3, u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.

(3) Il-Kunsill iddetermina li tliet persuni addizzjonali ġew involuti f'atti terroristiċi fis-sens tal-Artikolu 1(2) u (3) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK, li ttieħdet deċiżjoni fir-rigward tagħhom minn awtorità kompetenti fis-sens tal-Artikolu 1(4) ta' dik il-Pożizzjoni Komuni, u li jenħtieġ li dawk il-persuni jinżiedu mal-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.

(4) Jenħtieġ li l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom tapplika l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1136 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. LAJČÁK

---

([1]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1136 tat-12 ta' Lulju 2016 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/2430 (ĠU L 188, 13.7.2016, p. 21).

*ANNESS*

Il-persuni elenkati hawn taħt jiżdiedu mal-lista ta' persuni li tinsab fit-Taqsima I (Persuni) tal-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1136:

— EL HAJJ, Hassan Hassan, imwieled fit-22 ta' Marzu 1988 f'Zaghdraiya, Sidon (il-Libanu), ċittadin Kanadiż. Numru tal-passaport: JX446643 (il-Kanada);

— MELIAD, Farah (magħruf ukoll bħala HUSSEIN HUSSEIN, magħruf ukoll bħala JAY DEE), imwieled fil-5 ta' Novembru 1980 f'Sydney (l-Awstralja), ċittadin Awstraljan. Numru tal-passaport: M2719127 (l-Awstralja);

— ŞANLI, Dalokay (magħruf ukoll bħala Sinan), imwieled fit-13 ta' Ottubru 1976 f'Pülümür (it-Turkija).

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT